2024/1923

11.7.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1923

tal-10 ta' Lulju 2024

li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet tad-diossidu tat-titanju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara konsultazzjoni mal-Istati Membri,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Bidu

(1) Fit-13 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet tad-diossidu tat-titanju ("TiO_2"), li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-pajjiż ikkonċernat", "iċ-Ċina" jew "ir-RPĊ") abbażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku. Hija ppubblikat Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) ("in-Notifika ta' Bidu").

(2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara lment ippreżentat fid-29 ta' Settembru 2023 mill-Koalizzjoni Ewropea Ad Hoc tad-Diossidu tat-Titanju ("l-ilmentatur"). L-ilment sar f'isem l-industrija tal-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni") tat-TiO_2 fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. L-ilment kien jinkludi evidenza ta' dumping u tad-dannu materjali li rriżulta li kienet biżżejjed biex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

1.2. Reġistrazzjoni

(3) Il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat soġġetti għar-reġistrazzjoni permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1617 ("ir-Regolament dwar ir-reġistrazzjoni") ([3]).

1.3. Partijiet interessati

(4) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni speċifikament infurmat lill-ilmentatur, lill-produtturi tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa u lill-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, lill-importaturi, lin-negozjanti u lill-utenti magħrufa dwar il-bidu tal-investigazzjoni u stednithom jipparteċipaw.

(5) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkummentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u li jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

1.4. Kummenti dwar il-bidu

(6) Diversi partijiet issottomettew kummenti dwar il-bidu. Dawn kienu jikkonċernaw l-ambitu tal-prodott, l-allegat dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni, il-profitt fil-mira użat fil-kalkoli tad-dannu, ir-rabta kawżali, l-interess tal-Unjoni. Dawn il-kummenti kollha huma indirizzati hawn taħt fit-taqsimiet rilevanti ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

([2]) Avviż ta' bidu ta' proċediment anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet tad-diossidu tat-titanju ("TiO_2") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU C, C/2023/786, 13.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/786/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1617 tas-6 ta' Ġunju 2024 li jagħmel importazzjonijiet ta' diossidu tat-titanju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina soġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU L, 2024/1617, 7.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1617/oj).

1.5. **Kampjunar**

(7) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni indikat li hija tista' tieħu kampjuni mill-partijiet interessati skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni

(8) Fin-Notifika ta' Bidu tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li kienet għażlet kampjun provviżorju ta' produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun abbażi tal-volumi tal-produzzjoni u tal-bejgħ filwaqt li qieset il-pożizzjoni ġeografika tal-kumpaniji. Dan il-kampjun kien jikkonsisti fi tliet produtturi tal-Unjoni. Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw 50 % tal-produzzjoni totali fl-Unjoni u 65 % tal-volum tal-bejgħ lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jikkummentaw dwar il-kampjun provviżorju. Ma wasal l-ebda kumment dwar il-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni. Il-kampjun huwa rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

Kampjunar ta' importaturi mhux relatati

(9) Biex tiddeċiedi jekk kienx meħtieġ li jittieħed kampjun u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni staqsiet lil importaturi mhux relatati sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu.

(10) Importatur mhux relatat ipprovda l-informazzjoni mitluba u qabel li jiġi inkluż fil-kampjun. Minħabba l-għadd żgħir ta' tweġibiet, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-kampjunar ma kienx meħtieġ.

Kampjunar tal-produtturi esportaturi fir-RPĊ

(11) Biex tiddeċiedi jekk il-kampjunar huwiex meħtieġ, u jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha fir-RPĊ sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-RPĊ għall-Unjoni Ewropea sabiex tidentifika u/jew tikkuntattja lil produtturi esportaturi oħrajn, jekk hemm, li jistgħu jkunu interessati jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(12) Disgħa u għoxrin produttur esportatur fir-RPĊ ipprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. F'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' seba' kumpaniji li jappartjenu għal żewġ gruppi korporattivi separati abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li seta' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli.

(13) F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi magħrufa u kkonċernati kollha, u l-awtoritajiet tar-RPĊ ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun. Ma wasal l-ebda kumment dwar il-kampjun.

1.6. **Eżaminazzjoni individwali**

(14) Żewġ produtturi esportaturi fir-RPĊ indikaw l-interess tagħhom f'li jitolbu eżami individwali skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku. Madankollu, il-produtturi li għamlu t-talba ma mlewx il-kwestjonarju ddedikat għall-produtturi esportaturi sal-iskadenza speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Għalhekk, fl-aħħar mill-aħħar ma waslet l-ebda talba għal eżami individwali.

1.7. **Tweġibiet għall-kwestjonarju u żjarat ta' verifika**

(15) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, lill-produtturi esportaturi fiċ-Ċina inklużi fil-kampjun, lill-importaturi u lill-utenti magħrufa. L-istess kwestjonarji kienu saru disponibbli online ([4]) fil-jum ta' bidu.

(16) Il-Kummissjoni bagħtet ukoll kwestjonarju dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("GTĊ").

([4]) https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2694.

(17) Barra minn hekk, fl-ilment l-ilmentatur ipprovda biżżejjed evidenza prima facie ta' distorsjonijiet fil-materja prima fir-RPĊ fir-rigward tal-prodott ikkonċernat. Għalhekk, kif tħabbar fin-Notifika ta' Bidu, l-investigazzjoni kopriet dawk id-distorsjonijiet fil-materja prima biex tiddetermina jekk għandhomx jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(2a) u 7(2b) tar-Regolament bażiku fir-rigward tar-RPĊ. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji addizzjonali f'dan ir-rigward lill-GTĊ.

(18) Il-Kummissjoni rċeviet tweġibiet għall-kwestjonarju mit-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, iż-żewġ gruppi ta' produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun u sitt utenti. Il-Kummissjoni ma rċevietx it-tweġiba għall-kwestjonarju mill-GTĊ.

(19) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset neċessarja għal determinazzjoni provviżorja ta' dumping, id-dannu riżultanti u l-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku saru fil-binjiet tal-kumpaniji li ġejjin:

Produtturi tal-Unjoni

— Kronos Titan GmbH, Leverkusen, il-Ġermanja, u l-kumpaniji relatati tagħha:

  — Kronos Europe S.A/N.V., Gent, il-Belġju,

  — Societe Industrielle du Titane, Pariġi, Franza,

— Precheza a.s., Olomouc, iċ-Ċekja, u l-kumpanija relatata tagħha:

  — Agrofert Italia SRL, Monza, l-Italja,

— Tronox Pigments Holland B.V., Rotterdam, in-Netherlands.

Utenti

— Akzo Nobel Sourcing B.V., Amsterdam, in-Netherlands,

— Flint Group GmbH, Hilversum, in-Netherlands,

— Munksjö Paper AB, Aalen, il-Ġermanja,

— Felix Schoeller GmbH &Co. KG, Osnabruck, il-Ġermanja,

— Sherwin-Williams Italy SRL, Bologna, l-Italja,

— A. Schulman Plastics, Rotterdam, in-Netherlands.

Produtturi esportaturi fir-RPĊ:

Anhui Gold Star group

— Anhui Gold Star Titanium Dioxide (Grupp) Co., Ltd. ("**il-Grupp Anhui**")

— ANHUI GOLD STAR TITANIUM DIOXIDE TRADING COMPANY LIMITED ("**Anhui Trading**")

LB group

— LB GROUP CO., LTD. ("**LB**")

— HENAN BILLIONS ADVANCED MATERIAL CO., LTD. ("**HB**")

— LB LUFENG TITANIUM INDUSTRY CO., LTD. ("**LL**")

— LB SICHUAN TITANIUM INDUSTRY CO., LTD.("**LS**")

— LB XIANGYANG TITANIUM INDUSTRY CO., LTD. ("**LX**")

1.8. **Il-perjodu ta' investigazzjoni u l-perjodu kkunsidrat**

(20) L-investigazzjoni tad-dumping u tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2022 sat-30 ta' Settembru 2023 ("il-perjodu ta' investigazzjoni"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sat-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni ("il-perjodu kkunsidrat").

2. **IL-PRODOTT INVESTIGAT, IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI**

2.1. **Il-prodott investigat**

(21) Il-prodott soġġett għal din l-investigazzjoni huwa d-diossidu tat-titanju, li għandu l-formula kimika TiO_2, fil-forom kollha, bħala ossidi tat-titanju jew f'pigmenti u preparazzjonijiet ibbażati fuq id-diossidu tat-titanju, li fih minimu ta' 80 % skont il-piż ta' diossidu tat-titanju kkalkulat fuq il-materja niexfa, li għandu t-tipi kollha ta' daqsijiet ta' partikoli, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 2823 00 00 u 3206 11 00 (il-kodiċijiet TARIC 2823 00 00 10 u 2823 00 00 30) ("il-prodott investigat").

(22) It-TiO_2 huwa kklassifikat taħt in-Numru tar-Reġistru tas-Servizz tat-Taqsiriet tas-Sustanzi Kimiċi (CAS RN) 12065-65-5 u 13463-67-7 ("il-prodott investigat")

(23) Id-diossidu tat-titanju huwa prodott kimiku fil-forma ta' trab abjad fin. Dan jintuża f'firxa ta' prodotti industrijali u tal-konsumatur bħal żebgħa, kisi, karta, plastik, lastiku, tessuti, prodotti farmaċewtiċi eċċ. Id-diossidu tat-titanju għandu karatteristiċi eċċellenti ta' tixrid tad-dawl għalhekk applikati fejn huma meħtieġa l-opaċità u l-luminożità bajda.

2.2. **Il-prodott ikkonċernat**

(24) Il-prodott ikkonċernat huwa l-prodott investigat li joriġina mir-RPĊ.

2.3. **Prodott simili**

(25) L-investigazzjoni wriet li dawn il-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott ikkonċernat meta jiġi esportat lejn l-Unjoni,

— il-prodott investigat prodott u mibjugħ fis-suq domestiku tar-RPĊ, u

— il-prodott li qiegħed jiġi investigat manifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(26) F'dan l-istadju, il-Kummissjoni ddeċidiet li dawn il-prodotti għalhekk huma prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

2.4. **Talbiet rigward l-ambitu tal-prodott**

(27) Diversi partijiet ippreżentaw asserzjonijiet rigward l-ambitu tal-prodott sal-iskadenza għas-sottomissjoni ta' asserzjonijiet dwar l-ambitu tal-prodott.

(28) L-ewwel nett, utent wieħed, Schulman Plastics SAS ("Schulman Plastics"), talab li l-ambitu tal-prodott jiġi estiż biex ikopri l-prodott magħruf bħala "Masterbatch White".

(29) It-tieni nett, utent wieħed, Akzo Nobel Sourcing B.V. ("AkzoNobel"), sostna li l-istruttura tan-numru ta' kontroll tal-prodott ("PCN", product control number) kellha tiġi emendata.

(30) It-tielet, utent wieħed, Munksjö Paper AB ("Munksjö"), sostna li d-definizzjoni tal-prodott mhijiex ċara u talab lill-Kummissjoni tiċċara li l-ħekk imsejjaħ TiO_2 ta' grad laminat, tip partikolari ta' TiO_2 li jintuża fil-produzzjoni tal-karta laminata ("TiO_2 ta' grad laminat"), ma jaqax fl-ambitu tal-prodott. Sussegwentement Munksjö ssostitwiet din it-talba, u talbet lill-Kummissjoni teskludi t-TiO_2 ta' grad laminat mill-ambitu tal-prodott tal-investigazzjoni, jew, alternattivament, teżentah mid-dazji anti-dumping skont il-proċedura tal-użu aħħari, prevista fl-Artikolu 254 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ("KDU"). ([5]) Munksjö għamlet din it-talba tal-aħħar flimkien ma' utent ieħor, Felix Schoeller GmbH & Co. KG ("Felix").

(31) Ir-raba', utent wieħed, Treibacher Industrie AG ("Treibacher") talab li t-TiO_2 ta' purità ta' 99,9 % jew aktar jiġi eskluż mill-ambitu tal-prodott.

(32) Fl-aħħar nett, żewġ utenti, Flint Group GmbH ("Flint") u Sun Chemical Ltd. ("Sun Chemical") separatament talbu li tip speċjali ta' TiO_2 li jintuża biss bħala pigment fil-produzzjoni tal-linka fl-industrija grafika ("TiO_2 grafiku") jiġi eskluż mill-ambitu tal-prodott. Flint talab ukoll, alternattivament, li t-TiO_2 grafiku jiġi eżentat mid-dazji anti-dumping skont il-proċedura tal-użu aħħari prevista fl-Artikolu 254 tal-KDU.

(33) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma kkunsidratx it-talbiet ippreżentati minn diversi partijiet rigward l-esklużjoni tal-prodott minħabba li dawk it-talbiet saru wara li l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-asserzjonijiet dwar l-ambitu tal-prodott kienet għaddiet. Dawk it-talbiet kienu relatati mat-TiO_2 mhux miksi għall-pigmenti mhux bojod u t-TiO_2 għall-użu alimentari. Il-Konfederazzjoni tal-Industriji tal-Karta Ewropej ("CEPI", Confederation of European Paper Industries) talbet ukoll li t-TiO_2 ta' grad laminat jiġi eskluż mill-ambitu tal-prodott ladarba l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-asserzjonijiet kienet għaddiet. Barra minn hekk, AkzoNobel introduċiet talba għall-esklużjoni tal-prodott għat-TiO_2 prodott permezz tal-proċess tal-klorur fit-tweġiba tagħha għall-kwestjonarju wara l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-asserzjonijiet dwar l-ambitu tal-prodott.

2.4.1. *Masterbatch White*

(34) Schulman Plastics sostna li l-ambitutal-prodott jenħtieġ li jiġi estiż biex jinkludi lil "Masterbatch White" ("MW") (attwalment ikklassifikat taħt il-kodiċi TARIC 3206 19 00 90). MW hija taħlita kkonċentrata ta' elementi bażiċi, bħal pigmenti, żebgħa, carriers, dispersanti u addittivi. Dawn jiġu inkapsulati f'reżina li tibbies bis-sħana, imbagħad jitberrdu u jinqatgħu fi granuli, li jintużaw biex jagħtu l-kulur jew itejbu l-proprjetajiet tal-plastik. It-TiO_2 huwa kostitwent importanti tal-pigment abjad ta' MW, hija s-sustanza li tippermetti lill-MW tagħti kulur lill-plastik abjad. Għalhekk, Schulman Plastics sostna li ż-żieda fil-kostijiet tal-importazzjoni tat-TiO_2 lejn l-Unjoni, li tirriżulta mid-dazji anti-dumping, se twassal għad-devjazzjoni tat-TiO_2 Ċiniż lejn il-produzzjoni ta' MW fiċ-Ċina. Dan, min-naħa tiegħu, ikompli jżid il-volum ta' MW orħos miċ-Ċina li qed jiġi importat/iddampjat fl-Unjoni, u b'hekk il-produtturi tal-MW tal-Unjoni ma jkunux jistgħu jikkompetu b'mod effettiv.

(35) Skont l-evidenza miġbura matul l-investigazzjoni, kif ukoll id-deskrizzjoni minn Schulman Plastics stess tal-MW, il-Kummissjoni nnotat li l-prodott investigat, kif definit fin-Notifika ta' Bidu u mtenni fil-premessa (21) hawn fuq, jintuża bħala materja prima fil-produzzjoni ta' MW, li jfisser li l-MW huwa prodott downstream tal-prodott li qed jiġi investigat. Dan huwa kkorroborat ukoll mill-fatt li Schulman Plastic issottometta lill-Kummissjoni l-kwestjonarju għall-utenti, li barra minn hekk għamilha ċara li l-prodott li qed jiġi investigat huwa wieħed mill-materji primi ewlenin li jużaw fil-produzzjoni tagħhom ta' MW.

(36) Għal dik ir-raġuni, l-ilment ma seta' jinkludi l-ebda evidenza li tippermetti lill-Kummissjoni tivvaluta jekk hemmx indikazzjoni ta' dumping u dannu assoċjat ikkawżat mill-importazzjonijiet ta' MW li joriġinaw miċ-Ċina, peress li l-kostruzzjoni tal-valur normali għall-MW tkun teħtieġ parametri referenzjarji għal materja prima differenti minn dik użata għall-prodott investigat kif inhu definit bħalissa. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-investigazzjoni għalhekk ma setax jiġi estiż għall-MW, u kwalunkwe prattika allegata ta' dumping u d-dannu li jirriżulta kkawżat lill-produtturi tal-MW fl-Unjoni jkollhom jiġu ddeterminati f'investigazzjoni anti-dumping separata.

(37) Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet it-talba biex jiġi estiż l-ambitu ta' din l-investigazzjoni biex jinkludi l-MW.

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

2.4.2. *Asserzjonijiet dwar l-istruttura tal-PCN*

(38) AkzoNobel sostniet li l-istruttura tal-PCN li l-Kummissjoni stabbiliet għal din l-investigazzjoni għandha tiġi estiża b'kamp addizzjonali biex jitqies it-trattament tal-wiċċ ta' tipi differenti ta' TiO_2, peress li: (i) il-biċċa l-kbira tat-tipi ta' TiO_2 disponibbli kummerċjalment fihom xi forma ta' trattament tal-wiċċ, (ii) tali trattament tal-wiċċ jaffettwa l-prestazzjoni tat-TiO_2 f'applikazzjonijiet differenti, u (iii) it-trattament tal-wiċċ huwa inkluż fuq l-iskedi tad-data tal-prodotturi għat-tipi ta' TiO_2 li jipproduċu u jbigħu. Barra minn hekk, AkzoNobel sostniet li l-kamp tal-PCN għall-"kontenut ta' TiO_2 skont il-piż" mhuwiex granulari biżżejjed biex jirrifletti r-realtajiet tas-suq. B'mod speċifiku, AkzoNobel issuġġeriet li t-taqsima tal-PCN li tkopri l-firxa ta' kontenut ta' $TiOTiO_2$ skont il-piż ta' bejn 80 % u sa, iżda li ma tinkludix 98,5 %, għandha tinqasam fi tliet taqsimiet oħra: 80 % sa, iżda li ma tinkludix, 90 %, 90 % sa, iżda li ma tinkludix 95 %, u 95 % sa, iżda li ma tinkludix, 98,5 %.

(39) L-ilmentatur oppona dawn l-asserzjonijiet fuq il-bażi li t-trattament tal-wiċċ huwa komponent minimu tal-kost tal-manifattura u għalhekk ma għandux għalfejn jiġi rifless fl-istruttura tal-PCN. L-ilmentatur ikkummenta wkoll li l-kategorizzazzjoni attwali "kontenut ta' TiO_2 skont il-piż" huma granulari biżżejjed biex jirriflettu r-realtajiet tas-suq u jiżguraw paragun "bejn prodotti simili", filwaqt li ż-żieda ta' żewġ taqsimiet addizzjonali f'dan il-kamp tkun qed iżżid biss kumplessità mhux meħtieġa fl-investigazzjoni.

(40) AkzoNobel wieġbet għall-kummenti ta' hawn fuq tal-ilmentatur. AkzoNobel sostniet li l-istruttura tal-PCN ma tikkonċernax biss li jsiru paraguni ġusti bejn il-kostijiet tal-produzzjoni għal tipi differenti ta' TiO_2, iżda wkoll li jsiru paraguni ġusti bejn il-prezzijiet tal-bejgħ, li jimplika li tipi differenti ta' kisi tal-wiċċ se jkollhom impatt fuq il-prezz tal-bejgħ, peress li dan għandu impatt fuq liema applikazzjonijiet għandu jintuża ċertu tip ta' TiO_2 għalihom. Barra minn hekk, waqt li eżamina l-iskedi tad-*data* tat-tipi TiO_2 mill-portafoll tal-produttur tal-Unjoni Kronos, AkzoNobel wera kif iż-żieda ta' żewġ PCNs oħra fil-kamp"kontenut ta' TiO_2 skont il-piż" tifrex it-tipi ta' TiO_2 li Kronos tipproduċi b'mod aktar uniformi f'PCNs differenti, filwaqt li sostniet li tali PCN aktar granulari jkun aktar istruttiv.

(41) Matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni sabet li l-biċċa l-kbira tat-tipi ta' TiO_2 ikkummerċjalizzati kemm mill-prodotturi tal-Unjoni kif ukoll mill-prodotturi esportaturi fihom trattament tal-wiċċ. Tali trattament tal-wiċċ jikkonsisti f'kombinazzjonijiet differenti ta' sustanza kimika waħda jew aktar, li huma rilevanti għall-prestazzjoni tal-prodott f'applikazzjonijiet differenti, u għalhekk jidhru fuq l-iskedi tad-*data* u/jew il-fuljetti tal-bejgħ tal-prodotturi.

(42) Il-Kummissjoni tfakkar f'dan ir-rigward li l-għan tal-PCN huwa li jiżgura tqabbil ġust tal-prezzijiet bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Madankollu, ma ngħatat l-ebda evidenza lill-Kummissjoni li turi l-korelazzjoni bejn is-sustanzi kimiċi speċifiċi li nstabu fil-kisi u l-prezzijiet tal-prodotturi esportaturi.

(43) Barra minn hekk, l-ebda wieħed mill-prodotturi esportaturi li jipparteċipaw f'din l-investigazzjoni ma qajjem oġġezzjoni dwar l-istruttura proposta tal-PCN minħabba li dan jirriżulta fi tqabbil inġust tal-prezzijiet.

(44) Il-Kummissjoni għalhekk ma sabet l-ebda raġuni biex temenda l-istruttura tal-PCN biex tirrifletti dawn il-fatturi u ċaħdet it-talba ta' AkzoNobel.

2.4.3. *Talbiet għal esklużjoni ta' prodotti*

(45) Kif spjegat hawn fuq fil-premessi (27) sa (33), diversi partijiet introduċew talbiet dwar l-esklużjoni tal-prodott. Biex tivvaluta t-talbiet għall-esklużjoni tal-prodott, il-Kummissjoni eżaminat (i) il-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi ta' dawk it-tipi ta' prodotti, (ii) l-użu aħħari u l-interkambjabbiltà tagħhom, (iii) il-perċezzjoni tal-konsumatur aħħari, (iv) l-impatt tad-dazji fuq l-utent, (v) sorsi alternattivi ta' provvista, u (vi) l-impatt tal-eżenzjoni fuq id-dazji.

2.4.3.1. TiO_2 ta' grad laminat

(46) Felix u Munksjö talbu b'mod konġunt l-esklużjoni mill-ambitu tal-prodott, (jew, alternattivament, eżenzjoni tal-użu aħħari skont l-Artikolu 254 tal-KDU) tat-TiO_2 ta' grad laminat, filwaqt li allegaw li dan huwa tip speċjali ta' TiO_2 użat biss fil-produzzjoni tal-karta laminata. Fis-sottomissjoni tagħha tal-21 ta' Jannar 2024, is-CEPI talbet ukoll b'mod indipendenti li t-TiO_2 ta' grad laminat jiġi eskluż mill-ambitu tal-prodott. It-talba tas-CEPI saret wara l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-asserzjonijiet dwar l-ambitu tal-prodott tat-23 ta' Novembru 2023 kif spjegat fil-premessa (33). L-analiżi f'din it-taqsima hija għalhekk ibbażata biss fuq l-informazzjoni pprovduta minn Felix u Munksjö.

(47) L-ilmentatur issottometta sett addizzjonali ta' kummenti dwar din it-talba fit-2 ta' Mejju 2024, li għalihom Felix u Munksjö wieġbu f'sottomissjoni fit-22 ta' Mejju 2024. Peress li l-kummenti tal-ilmentatur saru wara l-iskadenza għall-kummenti dwar l-informazzjoni sottomessa minn partijiet interessati oħra tad-29 ta' Jannar 2024, l-ebda wieħed minn dawn il-kummenti addizzjonali ma ġie kkunsidrat. Felix u Munksjö ppreżentaw ukoll informazzjoni fattwali ġdida f'sottomissjoni oħra fit-30 ta' Mejju 2024. Minħabba l-istadju tard li l-investigazzjoni kienet diġà daħlet fih, dik l-informazzjoni ma setgħetx titqies għas-sejbiet provviżorji.

(48) Karta laminata (magħrufa wkoll bħala karta décor) hija karta speċjali użata bħala l-wiċċ ta' diversi tipi ta' għamara u firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet dekorattivi oħra. Iż-żewġ utenti sostnew li t-TiO_2 użat biex jagħti l-kulur lil dik il-karta huwa tip speċjali ta' TiO_2 li mhuwiex adattat għal applikazzjonijiet oħra, peress li jrid ikun miksi b'kisja ħoxna li fiha l-fosforu. Din il-kisja speċjali tippermetti li t-TiO_2 jiġi assorbit kif suppost fil-fibri tal-karta u tagħtiha luminożità superjuri li tipprevjeni li l-molekuli TiO_2 (u għalhekk il-prodott finali) isiru griżi, li kieku jseħħ peress li l-molekuli huma iżolati mill-arja fir-reżina tal-melamina.

(49) Iż-żewġ utenti indikaw id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Lulju 2018 fil-każ ta' fużjoni Tronox/Cristal ([6]) fejn il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm sostitwibbiltà limitata min-naħa tad-domanda bejn il-pigment tad-diossidu tat-titanju għall-użu fil-laminat tal-karta u l-pigment tad-diossidu tat-titanju għall-użu f'applikazzjonijiet finali oħra.

(50) L-ilmentatur ikkummenta li l-applikazzjoni tat-tip ta' kisja tal-wiċċ iddisinjata għat-TiO_2 ta' grad laminat la taffettwa l-piż tal-partikoli tat-TiO_2 u lanqas id-daqs tas-superfiċje tagħhom meta mqabbel ma' tipi oħra ta' TiO_2, bħall-plastik jew applikazzjonijiet tal-kisja, u l-kisja b'mod ġenerali lanqas ma hija komponent sinifikanti tal-kostijiet tal-manifattura. Barra minn hekk, l-ilmentatur sostna li t-tliet tipi ta' sustanzi kimiċi użati fit-trattament tas-superfiċje huma applikati b'mod wiesa' mill-produtturi kollha tat-TiO_2 fil-formulazzjonijiet tagħhom għal firxa ta' tipi ta' prodotti tat-TiO_2 (anke għaż-żebgħa, il-kisi, il-plastik, u użi oħra), li juri li l-ebda waħda minn dawk is-sustanzi kimiċi ma hija esklużiva għat-tipi ta' prodotti ta' grad laminat.

(51) Filwaqt li vvalutat il-kriterji mill-premessa (45) hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-TiO_2 ta' grad laminat għandu l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi bħal tipi oħra ta' TiO_2. Kemm it-TiO_2 ta' grad laminat kif ukoll xi tipi oħra ta' TiO_2 fihom fosforu fil-kisi, għalkemm il-preżenza tal-fosforu hija aktar sinifikanti fit-TiO_2 ta' grad laminat. Il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li l-ispeċifiċità tal-kisi ta' TiO_2 ta' grad laminat tagħmilha xierqa għall-produzzjoni tal-karta laminata, peress li dan il-kisi speċjali jipprevjeni l-karta laminata milli ssir griża meta tiġi esposta għad-dawl tax-xemx. Madankollu, il-Kummissjoni sabet li diversi produtturi esportaturi jirreklamaw dan it-tip ta' TiO_2 ukoll għall-użu fil-PVC u fi plastiks durabbli, li jissuġġerixxi li jista' jintuża wkoll f'applikazzjonijiet oħra u użi finali oħra.

(52) It-TiO_2 jirrappreżenta madwar [25–35]% tal-kostijiet totali tal-produzzjoni ta' dawn l-utenti, u dawn jiksbu bejn [10–40]% tat-TiO_2 tagħhom miċ-Ċina. Iż-żewġ utenti ddikjaraw u wieħed mill-utenti pprovda evidenza biex juri li l-produtturi tat-TiO_2 tal-Unjoni jkunu jistgħu joffrulhom biss kwantitajiet limitati ta' TiO_2, li mhumiex biżżejjed biex ikopru d-domanda totali tagħhom.

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-4.7.2018 fil-Każ M.8451 — TRONOX/CRISTAL, para 57-74, disponibbli fuq m8451_3750_3.pdf (europa.eu).

(53) Wara li analizzat l-evidenza u l-kummenti ppreżentati miż-żewġ utenti u mill-ilmentatur, il-Kummissjoni l-ewwel iddeterminat li ma hemm l-ebda raġuni biex it-TiO_2 ta' grad laminat jiġi eskluż mill-ambitu tal-prodott, peress li għandu l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi bħal tipi oħra tat-TiO_2, u jista', fil-prinċipju, jintuża għal skopijiet oħra. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset li lanqas ma hemm raġuni biex tingħata l-eżenzjoni tal-użu finali peress li, anki f'każ ta' nuqqas totali ta' importazzjonijiet tat-TiO_2 miċ-Ċina, abbażi tal-informazzjoni kollha disponibbli għall-Kummissjoni f'dan l-istadju, hemm biżżejjed sorsi alternattivi ta' provvista disponibbli għall-produtturi tal-karta laminata, kemm fl-Unjoni kif ukoll minn swieq terzi oħra, bħall-Messiku.

2.4.3.2. TiO_2 ta' purità ta' 99,9 % jew aktar

(54) Utent wieħed, Treibacher, talab li t-TiO_2 ta' purità ta' 99,9 % jiġi eskluż mill-ambitu tal-prodott minħabba li dan it-TiO_2 huwa disponibbli biss fiċ-Ċina u jintuża għal applikazzjonijiet niċċa speċjalizzati. Madankollu, dan l-utent qatt ma ssottometta tweġiba għall-kwestjonarju, jew ipprovda evidenza li turi li l-kriterji mill-premessa (45) hawn fuq huma ssodisfati. Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx tivvaluta l-kriterji biex tingħata l-esklużjoni tal-prodott u għalhekk ċaħdet din it-talba.

2.4.3.3. TiO_2 grafiku

(55) Żewġ utenti talbu li t-TiO_2 grafiku jiġi eskluż mill-ambitu tal-prodott: Sun Chemical u Flint. Sun Chemical għamlet is-sottomissjoni tagħha wara l-iskadenza għal asserzjonijiet dwar l-ambitu tal-prodott u ma pprovdietx tweġiba għall-kwestjonarju, filwaqt li Flint għamlet is-sottomissjoni tagħha sal-iskadenza u pprovdiet ukoll tweġiba għall-kwestjonarju li l-Kummissjoni setgħet tivverifika. L-analiżi ta' hawn taħt hija għalhekk ibbażata biss fuq l-informazzjoni pprovduta minn Flint.

(56) Flint iddikjarat li t-tip ta' TiO_2 li jużaw huwa prodott ta' livell għoli ħafna, ta' grad niċċa, użat biss fil-linka fl-industrija tal-grafika, li l-produzzjoni tiegħu tinvolvi proċess ta' produzzjoni speċjali u għarfien speċifiku.

(57) Il-Kummissjoni sabet li t-TiO_2 grafiku għandu l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi bħal tipi oħra ta' TiO_2, peress li huwa prodott rutili standard b'kisi li fih sustanzi kimiċi li jinsabu f'ħafna tipi oħra ta' TiO_2. Madankollu, filwaqt li l-kimika tat-TiO_2 grafiku tista' ma tkunx differenti, il-Kummissjoni sabet li tabilħaqq hemm għarfien speċifiku biex jiġi prodott, li għanhom il-ħakma tiegħu għadd limitat biss ta' produtturi fl-Unjoni u fiċ-Ċina. Flint kien qed jixtri wkoll, sa ċertu punt, tipi oħra ta' TiO_2 għal skopijiet oħra għajr il-linka grafika.

(58) Filwaqt li fil-prinċipju tipi oħra ta' TiO_2 jistgħu jintużaw għall-produzzjoni tal-linka, dan jirriżulta fi prestazzjoni ħafna aktar fqira. Filwaqt li Flint kienet qed tittestja diversi tipi ta' TiO_2 minn produtturi differenti biex tużahom fil-formuli tal-linka tagħha, hija pprovdiet evidenza li turi li ġeneralment dawn ma jilħqux livelli ta' kwalità sodisfaċenti. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-produtturi tal-linka grafika tabilħaqq għandhom possibbiltajiet limitati li jaqilbu għal forniturі oħra, li ġie kkonfermat ukoll fil-każ ta' fużjoni Hutsman/Rockwoods ([7]), u l-prestazzjoni tat-TiO_2 grafiku fil-prodotti finali taffettwa l-perċezzjoni tal-klijent. Madankollu, ma ntweriex li l-industrija tal-Unjoni ma tkunx tista' tforni fi kwantità suffiċjenti lill-industrija grafika.

(59) Għalkemm il-linka grafika TiO_2 mhijiex kompletament sostitwibbli ma' tipi oħra ta' TiO_2, xorta għandha l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi bħalhom. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma hemm l-ebda raġuni għall-esklużjoni tal-prodott.

(60) Barra minn hekk, peress li ma ntweriex li t-TiO_2 għandu karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi partikolari meta mqabbel ma' tipi oħra ta' TiO_2, u lanqas użu finali definit sew minħabba għadd kbir ta' riċetti li għandha Flint għall-prodotti tagħha, f'dan l-istadju l-Kummissjoni kkonkludiet li ma jkunx possibbli għall-awtoritajiet doganali li jivverifikaw li t-TiO_2 huwa tabilħaqq grafiku li qed jintuża għall-produzzjoni tal-linka, speċjalment peress li l-Flint jixtri wkoll tipi oħra ta' TiO_2 għal skopijiet oħra. Fl-aħħar nett, l-utent ma setax juri b'mod ċar li l-profittabbiltà tiegħu tkun affettwata ħażin b'mod sinifikanti mid-dazji. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet it-talba għal eżenzjoni tal-użu finali.

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10.9.2014 fil-Każ M.7061 — CORPORATION/EQUITY INTERESTS HELD BY ROCKWOOD HOLDINGS disponibbli fuq: m7061_20140910_20600_4133655_EN.pdf (europa.eu).

2.4.3.4. TiO_2 mhux miksi għal pigmenti mhux bojod

(61) Fis-sottomissjoni tagħha tat-18 ta' Diċembru 2023, Sun Chemical talbet lill-Kummissjoni teskludi wkoll mill-ambitu tal-prodott it-TiO_2 fil-forma mhux miksija tiegħu (jiġifieri, TiO_2 mingħajr trattament tal-wiċċ), minbarra l-esklużjoni tat-TiO_2 grafiku msemmija hawn fuq fil-premessa (55). Sun Chemical sostniet li dan huwa suq niċċa ħafna u l-prodotti magħmula minn TiO_2 mhux miksi bħal dan jikkompetu fi swieq barra mill-Unjoni, u kwalunkwe dazju anti-dumping b'hekk jagħmel l-esportazzjonijiet tagħhom mhux kompetittivi. Is-servizzi tal-Kummissjoni organizzaw ukoll seduta ta' smigħ ma' Sun Chemical fejn il-kumpanija elaborat fuq it-talba tagħha.

(62) Din it-talba waslet wara l-iskadenza għas-sottomissjoni ta' asserzjonijiet dwar l-ambitu tal-prodott tat-23 ta' Novembru 2023. Il-Kummissjoni nnotat li l-kummenti dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott kellhom jiġu ppreżentati fl-istadji bikrija tal-investigazzjoni, sabiex ikun jista' jingħata biżżejjed żmien biex jiġi vvalutat il-mertu tagħhom u biex tingħata l-opportunità lil partijiet interessati oħrajn biex jirreaġixxu għalihom. Barra minn hekk, Sun Chemical ma pprovdietx lill-Kummissjoni bi tweġiba għall-kwestjonarju. Għalhekk, anki li kieku t-talba saret fil-ħin, il-Kummissjoni ma setgħetx tivverifika kif xieraq jekk il-kriterji fil-premessa (45) hawn fuq humiex issodisfati. Il-Kummissjoni għalhekk ma kkunsidratx din it-talba.

2.4.3.5. TiO_2 ta' grad tal-ikel

(63) Fis-sottomissjoni tagħha tal-21 ta' Jannar 2024, is-CEPI talbet lill-Kummissjoni teskludi t-TiO_2 għall-użu alimentari mill-ambitu tal-prodott, minbarra t-talba għall-esklużjoni tat-TiO_2 ta' grad laminat imsemmija hawn fuq fil-premessa (46). Is-CEPI sostniet li dan it-tip ta' TiO_2 huwa speċjali peress li jissodisfa r-rekwiżiti għall-addittivi E-171 u għandu sett definit ta' limiti estremament baxxi ta' metalli tqal, li b'hekk jagħmel il-produzzjoni għalja ħafna.

(64) Madankollu, peress li din it-talba saret ħafna wara l-iskadenza għas-sottomissjoni ta' asserzjonijiet dwar l-ambitu tal-prodott tat-23 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni ma kkunsidratx din it-talba. Kif iddikjarat fil-premessa (62), il-kummenti dwar l-ambitu tal-prodott iridu jiġu sottomessi fl-istadji bikrija tal-investigazzjoni, sal-iskadenzi stabbiliti għal dawn il-kummenti, sabiex ikun hemm biżżejjed żmien biex jiġi vvalutat il-mertu tagħhom u biex tingħata l-opportunità lil partijiet interessati oħra biex jirreaġixxu għalihom.

2.4.3.6. Esklużjoni tat-TiO_2 prodott permezz tal-proċess tal-Klorur

(65) AkzoNobel għamlet talba biex it-TiO_2 prodott bl-użu tal-proċess tal-klorur jiġi eskluż mill-ambitu tal-investigazzjoni, minħabba li t-TiO_2 prodott mill-proċess tal-klorur u t-TiO_2 prodott mill-proċess tas-sulfat mhumiex sostitwibbli fin-negozju taż-żebgħa u tal-kisi. AkzoNobel sostniet ukoll li l-maġġoranza tal-produzzjoni tat-TiO_2 fiċ-Ċina ssir mill-proċess tas-sulfat filwaqt li s-suq tal-Unjoni jikkonsma l-aktar it-TiO_2 prodott permezz tal-proċess tal-klorur. AkzoNobel talbet għall-istess raġunijiet li, jekk il-Kummissjoni ma taċċettax din it-talba għall-esklużjoni, hija għandha mill-inqas twettaq analiżi separata tad-dannu u tal-kawżalità bejn it-TiO_2 prodott permezz tal-proċess tal-klorur u dak prodott permezz tal-proċess tas-sulfat.

(66) Il-Kummissjoni nnotat li t-talba ta' AkzoNobel għall-esklużjoni tal-prodott ġiet ippreżentata fit-tweġiba tagħha għall-kwestjonarju, li ġiet ippreżentata fl-20 ta' Diċembru 2023, wara l-iskadenza tat-23 ta' Novembru 2023 biex isiru asserzjonijiet dwar l-ambitu tal-prodott. It-talba għalhekk ma ġietx ikkunsidrata. Kif iddikjarat fil-premessa (62), il-kummenti dwar l-ambitu tal-prodott iridu jiġu sottomessi fl-istadji bikrija tal-investigazzjoni, sal-iskadenzi stabbiliti għal dawn il-kummenti, sabiex ikun hemm biżżejjed żmien biex jiġi vvalutat il-mertu tagħhom u biex tingħata l-opportunità lil partijiet interessati oħra biex jirreaġixxu għalihom.

(67) Fir-rigward tat-talba biex titwettaq analiżi separata tad-dannu u tal-kawżalità bbażata fuq il-proċess tal-produzzjoni, il-Kummissjoni nnotat, l-ewwel nett, li l-investigazzjoni wriet li ħafna utenti, inklużi manifatturi taż-żebgħa u tal-kisi, jixtru t-TiO_2 prodott permezz taż-żewġ metodi.

(68) It-tieni, il-Kummissjoni sabet li terz tal-bejgħ totali tal-Unjoni tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun huwa tat-TiO_2 prodott bl-użu tal-proċess tal-klorur.

(69) Barra minn hekk, sempliċiment minħabba li l-produtturi Ċiniżi bħalissa jipproduċu aktar TiO_2 bl-użu tal-proċess tas-sulfat ma jfissirx li dan se jibqa' l-każ fil-futur. Fil-fatt, l-investigazzjoni wriet li l-industrija Ċiniża hija impenjata li taċċellera t-tranżizzjoni mill-proċess tas-sulfat għall-proċess tal-klorur għall-produzzjoni tat-TiO_2.

(70) It-tielet nett, il-Kummissjoni ma setgħetx tistabbilixxi li kien hemm tali differenzi fil-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi jew tekniċi bejn il-prodotti derivati miż-żewġ proċessi ta' produzzjoni li jiġġustifikaw l-esklużjoni ta' wieħed minnhom. Fl-aħħar mill-aħħar, iż-żewġ proċessi ta' produzzjoni jistgħu jrendu TiO_2 anataży, differenzjat kważi unanimament minn partijiet interessati oħra mit-TiO_2 rutili minħabba l-istruttura tal-kristall differenti tagħhom, u dan jagħmel id-distinzjoni ewlenija bejn it-tipi ta' TiO_2.

(71) Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ċaħdet it-talba ta' AkzoNobel.

3. DUMPING

3.1. Proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku

(72) Fid-dawl tal-evidenza suffiċjenti disponibbli fil-bidu tal-investigazzjoni li indikat l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku fir-rigward tar-RPĊ, il-Kummissjoni qieset li kien xieraq li tiftaħ l-investigazzjoni fir-rigward tal-produtturi esportaturi minn dan il-pajjiż b'konsiderazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

(73) Konsegwentement, biex tiġbor id-data meħtieġa għall-applikazzjoni eventwali tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-produtturi esportaturi kollha fir-RPĊ jipprovdu informazzjoni dwar l-inputs użati għall-produzzjoni tat-TiO_2. Ħamsa u għoxrin produttur esportatur ippreżentaw l-informazzjoni rilevanti.

(74) Biex tikseb l-informazzjoni li qieset meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha fir-rigward tal-allegati distorsjonijiet sinifikanti, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-GTĊ. Ma waslet l-ebda tweġiba mingħand il-GTĊ. Sussegwentement, il-Kummissjoni informat lill-GTĊ li kienet se tuża l-fatti disponibbli fis-sens tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku għad-determinazzjoni tal-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ. Barra minn hekk, fil-punt 5.3.2 tan-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati kollha jesprimu l-fehmiet tagħhom, jissottomettu informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tan-Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Ma waslet l-ebda kumment.

(75) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni speċifikat ukoll li, fid-dawl tal-evidenza disponibbli, hija jista' jkollha bżonn tagħżel pajjiż rappreżentattiv xieraq skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku bl-iskop li tiddetermina l-valur normali abbażi ta' prezzijiet jew parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni.

(76) Fis-26 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni infurmat b'nota ("l-Ewwel Nota") lill-partijiet interessati dwar is-sorsi rilevanti li kienet beħsiebha tuża biex tiddetermina l-valur normali. F'dik in-nota, il-Kummissjoni pprovdiet lista tal-fatturi kollha tal-produzzjoni bħall-materja prima, il-manodopera u l-enerġija użati fil-produzzjoni tat-TiO_2. Barra minn hekk, abbażi tal-kriterji li jiggwidaw l-għażla ta' prezzijiet jew paramteri referenzjarji mingħajr distorsjoni, il-Kummissjoni identifikat pajjiżi rappreżentattivi possibbli, jiġifieri l-Brażil, il-Malażja, il-Messiku u l-Federazzjoni Russa. Il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar l-Ewwel Nota mingħand il-produttur esportatur LB group, l-ilmentatur u utent, AkzoNobel.

(77) Fis-16 ta' April 2024, il-Kummissjoni indirizzat il-kummenti li rċeviet mingħand il-partijiet interessati dwar l-Ewwel Nota permezz tat-tieni nota ("it-Tieni Nota") u infurmat lill-partijiet interessati dwar is-sorsi rilevanti li kien beħsiebha tuża għad-determinazzjoni tal-valur normali, bil-Brażil bħala l-pajjiż rappreżentattiv. Hija infurmat ukoll lill-partijiet interessati li kienet se tistabbilixxi l-kostijiet tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("SG&A", selling, general and administrative costs) u l-profitt abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-kumpanija Tronox Pigmentos do Brasil S.A. ("Tronox Brażil"), produttur tat-TiO_2 fil-pajjiż rappreżentattiv.

(78) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar it-Tieni Nota mingħand AkzoNobel kif ukoll mingħand l-ilmentatur. Dawn il-kummenti ġew indirizzati taħt l-intestatura rispettiva fit-Taqsima 3.4 hawn taħt.

(79) Wara li analizzat il-kummenti u l-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Brażil kien pajjiż rappreżentattiv xieraq li minnu jinkisbu prezzijiet u kostijiet mingħajr distorsjoni għad-determinazzjoni tal-valur normali. Ir-raġunijiet sottostanti għal dik l-għażla huma deskritti aktar fid-dettall fit-Taqsima 3.3 ta' hawn taħt.

3.2. **Valur normali**

(80) Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, "il-valur normali għandu normalment ikun ibbażat fuq il-prezzijiet imħallsa jew pagabbli, fil-kors ordinarju tal-kummerċ, minn klijenti indipendenti fil-pajjiż esportatur".

(81) Madankollu, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "fil-każ li jiġi determinat […] li mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż esportatur minħabba l-eżistenza f'dak il-pajjiż ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt (b), il-valur normali għandu jiġi kkalkolat esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni", u "għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti" ("kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali" minn hawn 'il quddiem jissejħu "SG&A").

(82) Kif spjegat aktar fid-dettall hawn taħt, fl-investigazzjoni preżenti l-Kummissjoni kkonkludiet li, abbażi tal-evidenza disponibbli, u fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-GTĊ u tal-produtturi, l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku kienet xierqa.

3.2.1. *Eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti*

(83) L-Artikolu 2 (6a) (b) tar-Regolament bażiku jiddikjara li "distorsjonijiet sinifikanti huma dawk id-distorsjonijiet li jseħħu meta prezzijiet jew kostijiet irrappurtati, inklużi l-kostijiet ta' materji primi u ta' enerġija, ma jkunux ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles għax ikunu affettwati minn intervent sostanzjali tal-gvern. Meta tkun valutata l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti għandha tingħata attenzjoni, inter alia, lill-impatt potenzjali ta' element wieħed jew aktar mis-segwenti:

— is-suq inkwistjoni huwa servut f'miżura sinifikanti minn intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, kontroll jew superviżjoni politika jew gwida tal-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur;

— il-preżenza tal-istat f'ditti li tippermetti lill-Istat jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet jew kostijiet;

— politiki jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw favur fornituri domestiċi jew li b'mod ieħor jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles;

— in-nuqqas, l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġijiet fil-qasam tal-fallimenti, dak soċjetarju jew dak tal-proprjetà;

— il-kostijiet tal-pagi soġġetti għal distorsjoni;

— l-aċċess għall-finanzi mogħtija minn istituzzjonijiet li jimplimentaw objettivi ta' ordni pubbliku jew li b'xi mod ieħor ma jaġixxux indipendentement mill-Istat."

(84) Peress li l-lista fl-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku ma hijiex kumulattiva, mhux l-elementi kollha jeħtieġ li jkunu preżenti biex jinstabu distorsjonijiet sinifikanti. Barra minn hekk, l-istess ċirkostanzi fattwali jistgħu jintużaw biex juru l-eżistenza ta' element wieħed jew aktar tal-lista.

(85) Madankollu, kwalunkwe konklużjoni dwar distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku trid issir abbażi tal-evidenza kollha disponibbli. Il-valutazzjoni globali dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet tista' tqis ukoll il-kuntest ġenerali u s-sitwazzjoni fil-pajjiż esportatur, b'mod partikolari fejn l-elementi fundamentali tal-istruttura ekonomika u amministrattiva tal-pajjiż esportatur jipprovdu lill-gvern b'setgħat sostanzjali sabiex jintervjeni fl-ekonomija b'tali mod li l-prezzijiet u l-kostijiet ma jkunux ir-riżultat tal-iżvilupp ħieles tal-forzi tas-suq.

(86) L-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament bażiku jipprevedi li "[f]ejn il-Kummissjoni jkollha indikazzjonijiet fondati sew tal-eżistenza potenzjali ta' distorsjonijiet sinifikanti kif imsemmija fil-punt (b) f'ċertu pajjiż jew f'ċertu settur f'dak il-pajjiż, u fejn ikun xieraq għall-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tipproduċi, tippubblika u taġġorna regolarment rapport li jiddeskrivi ċ-ċirkostanzi tas-suq imsemmija fil-punt (b) f'dak il-pajjiż jew settur".

(87) Skont din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni ħarġet rapport tal-pajjiż dwar iċ-Ċina (*"ir-Rapport"*) ([8]), li fih evidenza tal-eżistenza ta' intervent sostanzjali tal-gvern f'ħafna livelli tal-ekonomija, inklużi distorsjonijiet speċifiċi f'ħafna fatturi ewlenin tal-produzzjoni (bħall-art, l-enerġija, il-kapital, il-materja prima u l-manodopera) kif ukoll setturi magħżula (inkluż is-settur kimiku). Il-partijiet interessati kienu mistiedna jirribattu, jikkummentaw jew jissupplimentaw l-evidenza li tinsab fil-fajl tal-investigazzjoni meta nbdiet. Ir-Rapport tqiegħed fil-fajl tal-investigazzjoni fl-istadju tal-bidu. L-ilment kien fih ukoll xi evidenza rilevanti li tikkomplementa r-Rapport.

(88) B'mod aktar speċifiku, l-ilmentatur ibbaża ruħu fuq l-evidenza li tinsab fir-Rapport biex jenfasizza l-preżenza ta' distorsjonijiet sinifikanti sistemiċi fl-ekonomija tar-RPĊ, "ekonomija tas-suq soċjalista" fejn is-CCP (Chinese Communist Party, il-Partit Komunista Ċiniż) jiggwida kemm lis-settur pubbliku kif ukoll lil dak privat.

(89) L-ilmentatur fakkar li r-Rapport osserva elementi li jindikaw distorsjonijiet sinifikanti fis-settur tat-titanju fiċ-Ċina. Peress li ħafna produtturi tat-TiO_2 huma wkoll fin-negozju tal-metall tat-titanju, l-ilmentatur argumenta li s-settur tat-TiO_2 fiċ-Ċina huwa affettwat minn distorsjonijiet sinifikanti daqs is-settur tat-titanju.

(90) Barra minn hekk, l-ilmentatur indika li l-14-il Pjan ta' Ħames Snin għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali Nazzjonali taċ-Ċina (*"l-14-il FYP"*) żamm u saħħaħ id-distorsjonijiet sinifikanti msemmija hawn fuq, billi integra t-13-il FYP preċedenti u stabbilixxa l-prijoritajiet li ġejjin, kif spjegat fis-sit web tal-2024 dwar il-Wirja Internazzjonali tad-Diossidu tat-Titanju ta' Shanghai:

(1) Immorru lil hinn mill-proċess tal-klorur u nottimizzaw l-istruttura tal-prodott biex nidħlu fis-suq internazzjonali: l-industrija tal-prodott ikkonċernat għandha taċċellera t-tranżizzjoni tagħha minn industrija tradizzjonali għal industrija tal-manifattura avvanzata u tottimizza l-istruttura tal-prodott tal-proċessi tal-produzzjoni tal-klorur u tal-aċidu sulfuriku. Il-provvista tista' taqbeż id-domanda, li jwassal lill-produtturi Ċiniżi biex jespandu fis-swieq internazzjonali.

(2) Il-koeżistenza ta' żewġ proċessi ta' produzzjoni u ottimizzazzjoni: l-14-il FYP għandha l-għan li tippromwovi b'mod attiv it-titjib industrijali, tottimizza l-istruttura tal-prodott tal-klorur u tal-aċidu sulfuriku, iżżid l-investiment fir-riċerka xjentifika u fit-trasformazzjoni teknoloġika, u tkompli ttejjeb il-kompetittività ġenerali tas-suq tal-prodotti. Għalkemm għandha tingħata spinta kbira lill-proċess tal-klorur, madankollu huwa mistenni li l-proċess tas-sulfat se jibqa' l-proċess ewlieni tal-produzzjoni u għalhekk iż-żewġ proċessi se jikkoeżistu flimkien anke matul il-15-il FYP.

(3) Enfażi fuq l-ekoloġizzazzjoni tal-proċess tas-sulfat u spinta lill-iżvilupp tal-proċess tal-klorur: peress li l-proċess tas-sulfat għandu żvantaġġi, jeħtieġ li jsiru avvanzi fil-proċess tal-klorur, tiġi promossa r-riforma strutturali tan-naħa tal-provvista tal-industrija, jiġi promoss l-iżvilupp b'saħħtu tal-katina tal-industrija tat-titanju Ċiniża, jiġu introdotti u jintużaw teknoloġija u tagħmir avvanzati.

(4) Kapaċità ta' produzzjoni ġdida: matul it-13-il FYP, il-kapaċità Ċiniża kienet żdiedet b'mod massiv. Issa li l-produtturi Ċiniżi finalment bdew jimplimentaw il-proċess tal-klorur, huwa mistenni li l-proġetti ta' espansjoni tal-prodott ikkonċernat se jżidu 1,96 miljun tunnellata/sena ta' kapaċità ta' produzzjoni ġdida, li minnhom aktar minn 400 000 tunnellata/sena se jiġu prodotti bil-metodu tal-klorur. Tali kapaċità ta' produzzjoni ġdida kbira, li hija diffiċli biex tiġi assorbita fis-suq domestiku Ċiniż, se tinkoraġġixxi lill-produtturi Ċiniżi biex jesportaw il-materjali tagħhom.

(5) Għalhekk, l-ilmentatur osserva li ż-żieda massiva tal-importazzjonijiet Ċiniżi tat-TiO_2 fl-Unjoni matul dawn l-aħħar snin kienet sempliċiment ir-riżultat tal-implimentazzjoni tat-13 u tal-14-il FYPs.

([8]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-finijiet tal-Investigazzjonijiet għad-Difiża tal-Kummerċ (SWD (2017) 483 final/2 tal-20 ta' Diċembru 2017).

(91) Barra minn hekk, l-ilment indika l-elementi li ġejjin li jindikaw distorsjonijiet sinifikanti.

(92) L-ewwel nett, is-suq tal-prodott ikkonċernat qed jiġi moqdi b'mod sinifikanti minn intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, il-kontroll jew is-superviżjoni politika jew il-gwida tal-awtoritajiet tal-istat. Fiċ-Ċina, kif wera r-Rapport, l-intrapriżi tal-Istat ("SOEs", state-owned enterprises) jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-industriji tal-materja prima.

(93) L-ilmentatur sostna li għad hemm grad sostanzjali ta' sjieda mill-GTĊ fil-manifatturi, il-produtturi u l-bejjiegħa ewlenin tal-prodott ikkonċernat, fosthom il-kumpaniji u l-gruppi ta' kumpaniji li ġejjin:

— Pangang Group Company, Ltd., li fl-2010 ingħaqdet ma' Anshan Iron and Steel Group Corporation biex saret Ansteel;

— Shandong Jinhai Titanium Industry Resources Technology Co., Ltd (*"Shandong Jinhai"*), parti minn Shandong Lubei Enterprise Group Corporation;

— China National BlueStar (Group) Co. (*"BlueStar"*), parti minn Sinochem Holdings Corporation, Ltd. (*"Sinochem"*) u, kif stabbilit mill-Kummissjoni Ewropea ([9]), sussidjarja taċ-China National Chemical Corporation (*"ChemChina"*).

(94) Għalhekk, l-ilmentatur osserva li l-GTĊ jikkontrolla u jikkoordina l-istrateġija kummerċjali tal-kumpaniji involuti fil-produzzjoni tat-TiO_2.

(95) It-tieni, il-preżenza tal-Istat fid-ditti tat-TiO_2 tippermetti wkoll lill-Istat jinterferixxi fil-prezzijiet u/jew fil-kostijiet.

(96) L-ilmentatur osserva, pereżempju, li l-preżenza tal-Istat fid-ditti ma tikkonċernax biss lill-SOEs, iżda wkoll lil kumpaniji privati. Fir-rapport, kif ukoll f'bosta investigazzjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni sabet li s-CCP jeżerċita pressjoni fuq il-kumpaniji privati "biex ipoġġu l-patrijottiżmu l-ewwel u jsegwu d-dixxiplina tal-partit" fis-setturi kollha tal-ekonomija Ċiniża. Tabilħaqq, l-Artikolu 19 tal-Liġi tal-Kumpaniji tar-RPĊ jirrikjedi ċellola tal-Partit f'kull kumpanija.

(97) Is-settur tal-prodott ikkonċernat huwa regolarment soġġett għal trikkib bejn pożizzjonijiet maniġerjali u sħubija fis-CCP. Pereżempju, is-segretarju tal-Bord tal-LB Group huwa membru tas-CCP, filwaqt li l-presidenti tal-bordijiet ta', rispettivament, GPRO Group (li huwa l-kumpanija omm ta' Nanjing Titanium White Chemical Co., Ltd, produttur Ċiniż tat-TiO_2), Bluestar u Lubei Group kollha għandhom il-kariga ta' segretarju tal-Kumitati tal-Partit tagħhom stess, bil-president ta' dawn tal-aħħar ikun ukoll rappreżentant tal-Kungress Nazzjonali Ċiniż.

(98) Mhux biss, il-president tal-GPRO ddikjara li "il-Partit Komunista taċ-Ċina huwa partit Marxist kbir, glorjuż u korrett. Is-segwiment tat-tmexxija tal-partit u t-tisħiħ tal-bini tal-partit huma l-garanzija fundamentali għall-iżvilupp tal-kumpanija biex dejjem tmur fid-direzzjoni t-tajba u tilħaq kisbiet ewlenin", filwaqt li l-president tal-Lubei Group ippresieda laqgħa biex "jitwassal u jiġi studjat l-ispirtu tad-diskors importanti tas-Segretarju Ġenerali Xi Jinping u l-kontenut ewlieni tar-rapport ta' ħidma tal-gvern, filwaqt li jiġi enfasizzat li l-ħsibijiet u l-azzjonijiet iridu jingħaqdu malajr f'konformità ma' dan id-diskors".

(99) It-tielet, il-GTĊ isegwi politiki jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw favur fornituri domestiċi jew li b'xi mod ieħor jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles.

(100) L-ilmentatur fakkar li l-evidenza mill-investigazzjonijiet anti-dumping preċedenti tal-Kummissjoni turi li "[b]'mod ġenerali, is-sistema ta' ppjanar fiċ-Ċina tirriżulta f'riżorsi mmexxija għal setturi ddeżinjati bħala strateġiċi jew inkella politikament importanti mill-gvern, minflok ma jiġu allokati f'konformità mal-forzi tas-suq".

(101) Barra minn hekk, l-ilmentatur iddikjara li l-industrija tat-TiO_2 titqies bħala industrija strateġika mill-GTĊ kemm fit-13-il kif ukoll fl-14-il FYP (ara l-premessa (90)).

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 31.3.2011 li tiddikjara konċentrazzjoni bħala kompatibbli mas-suq komuni (Każ Nru COMP/M.6082 — CHINA NATIONAL BLUESTAR/ELKEM) skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 — premessa 3.

(102) Barra minn hekk, l-ilmentatur enfasizza li ċ-Ċina tapplika restrizzjonijiet *de facto* fuq l-esportazzjoni ta' prodotti relatati mat-titanju. Ir-RPĊ għandha fis-seħħ Katalogu ta' Oġġetti Soġġetti għal Liċenzjar għall-Esportazzjoni li jiġi aġġornat regolarment permezz ta' avviżi mill-Ministeru tal-Kummerċ u l-Amministrazzjoni Ġenerali tad-Dwana. Għall-oġġetti elenkati f'dan il-katalogu, l-esportaturi jridu jiksbu liċenzja tal-esportazzjoni mill-Ministeru tal-Kummerċ jew mid-dipartiment lokali awtorizzat ([10]).

(103) F'dan ir-rigward, il-Ministeru tal-Kummerċ jista' jirrestrinġi jew jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' oġġetti jekk dan ikun meħtieġ għall-fini taż-żamma tas-sigurtà tal-istat, tal-ġid pubbliku soċjali jew tal-moralità pubblika, jekk il-prodotti inkwistjoni jkunu skarsi jew soġġetti għal protezzjoni effettiva, jekk il-pajjiż jew ir-reġjun tad-destinazzjoni jkollu kapaċità tas-suq limitata, jew fi kwalunkwe ċirkostanza oħra taħt kwalunkwe trattat internazzjonali li tkun ikkonkludiet iċ-Ċina.

(104) Għalhekk, l-ilmentatur osserva li din is-sistema tal-liċenzji tal-esportazzjoni tista' tiġġenera restrizzjonijiet tal-esportazzjoni biex tiżgura li l-industrija domestika Ċiniża tkun tista' tibbenefika minn aċċess preferenzjali u rħis għal prodotti relatati mat-titanju. Għaldaqstant, il-GTĊ jibqa' jimplimenta l-politiki li l-operaturi jridu jsegwu, u b'hekk jimpedixxi lill-forzi tas-suq milli joperaw liberament.

(105) Ir-raba', is-settur tal-prodott ikkonċernat huwa soġġett għad-distorsjonijiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tar-regoli Ċiniżi dwar il-falliment, il-kumpaniji u l-proprjetà.

(106) Tali distorsjonijiet japplikaw għas-setturi kollha skont l-ilmentatur: il-GTĊ għandu rwol importanti fil-proċedimenti ta' insolvenza u spiss ikollu influwenza diretta fuq l-eżitu permezz ta' diversi mezzi. Pereżempju, il-GTĊ jrid jagħti approvazzjoni minn qabel lill-qrati biex jiddeċiedu jekk jaċċettawx jew jirrifjutawx l-applikazzjonijiet tal-kumpaniji elenkati fil-prattika.

(107) Ħafna ditti insolventi jispiċċaw bi pjanijiet ta' ristrutturar u rari jitneħħew mil-lista. Dan jissarraf f'SOEs li jibbenefikaw minn garanziji governattivi *de facto*. Minħabba n-nuqqas ta' mekkaniżmi normali tas-suq bħal proċeduri ta' falliment effettivi u trasparenti, is-sistema finanzjarja Ċiniża għadha distorta ħafna.

(108) Tabilħaqq, f'investigazzjoni preċedenti dwar ir-roti tat-triq tal-azzar ([11]), il-Kummissjoni sabet li "s-sistema Ċiniża għall-fallimenti ma timplimentax b'mod adegwat l-objettivi ewlenin tagħha stess bħal pereżempju li tissalda l-pretensjonijiet u d-djun b'mod ġust u li tissalvagwardja d-drittijiet u l-interessi legali tal-krediturі u tad-debituri".

(109) L-investigazzjoni msemmija hawn fuq sabet distorsjonijiet fir-rigward tal-liġijiet Ċiniżi dwar il-proprjetà wkoll, peress li r-regoli dwar il-forniment u l-akkwist tal-art fir-RPĊ spiss ma jkunux ċari u trasparenti, u l-prezzijiet spiss jiġu stabbiliti mill-awtoritajiet abbażi ta' kunsiderazzjonijiet mhux tas-suq.

(110) Peress li l-liġijiet dwar il-falliment, il-liġijiet korporattivi jew tal-proprjetà fiċ-Ċina japplikaw għas-setturi kollha, ma hemm l-ebda evidenza disponibbli li turi li dawk il-liġijiet ma japplikawx fis-settur Ċiniż tat-TiO_2.

(111) Bħala konklużjoni, l-ilmentatur argumenta li fis-settur tat-TiO_2 hemm distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Għalhekk mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fiċ-Ċina peress li mhumiex affidabbli u l-valur normali għandu jinħadem esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni.

([10]) L-ilmenit (magħruf ukoll bħala minerali tat-titanju) — il-materja prima ewlenija għall-manifattura tat-TiO_2 — mhuwiex elenkat fil-Katalogu tal-Oġġetti Soġġetti għal Liċenzjar għall-Esportazzjoni. Madankollu, dan il-prodott mhuwiex esportat sostanzjalment barra miċ-Ċina u jintuża għall-manifattura tat-TiO_2 domestikament.

([11]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1693 tad-9 ta' Ottubru 2019 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjoni ta' roti tat-triq tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 259, 10.10.2019, p. 15), il-premessa 93.

(112) Il-Kummissjoni eżaminat jekk kienx xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fiċ-Ċina minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fit-tifsira tal-punt (b) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni għamlet dan abbażi tal-evidenza disponibbli fil-fajl. L-evidenza fil-fajl kienet tinkludi l-evidenza li tinsab fir-Rapport, kif ukoll fil-verżjoni aġġornata tiegħu ("*ir-Rapport aġġornat*") ([12]), li tiddependi fuq sorsi disponibbli għall-pubbliku.

(113) Dik l-analiżi kopriet l-eżami tal-interventi sostanzjali tal-gvern fl-ekonomija taċ-Ċina inġenerali, iżda anke s-sitwazzjoni speċifika tas-suq fis-settur rilevanti, inkluż il-prodott ikkonċernat. Il-Kummissjoni kompliet tissupplimenta dawn l-elementi evidenzjarji bir-riċerka tagħha stess dwar id-diversi kriterji rilevanti sabiex tikkonferma l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fiċ-Ċina.

3.2.2. *Distorsjonijiet sinifikanti li jaffettwaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fiċ-Ċina*

(114) Is-sistema ekonomika Ċiniża hija bbażata fuq il-kunċett ta' "ekonomija tas-suq soċjalista". Dak il-kunċett huwa stabbilit fil-Kostituzzjoni Ċiniża u jiddetermina l-governanza ekonomika taċ-Ċina. Il-prinċipju ewlieni huwa s-"sjieda pubblika soċjalista tal-mezzi tal-produzzjoni, jiġifieri s-sjieda mill-poplu kollu u s-sjieda kollettiva mill-ħaddiema" ([13]).

(115) L-ekonomija tal-Istat hija l-"forza ewlenija fl-ekonomija nazzjonali" u l-istat għandu l-mandat li jiżgura l-"konsolidazzjoni u t-tkabbir" tagħha ([14]). Konsegwentement, l-istruttura ġenerali tal-ekonomija Ċiniża mhux biss tippermetti interventi sostanzjali tal-gvern fl-ekonomija, iżda tali interventi huma espliċitament obbligatorji. Il-kunċett ta' supremazija tas-sjieda pubblika fuq is-sjieda privata hu mifrux fis-sistema legali shiħa u hu enfasizzat bħala prinċipju ġenerali fil-partijiet fundamentali kollha tal-leġiżlazzjoni.

(116) Il-liġi Ċiniża fil-qasam tal-proprjetà hija eżempju ċarissimu: din tirreferi għall-istadju primarju tas-soċjaliżmu u tafda lill-istat bil-ħarsien tas-sistema ekonomika bażika li skont din is-sjieda pubblika għandha rwol dominanti. Forom oħrajn ta' sjieda huma tollerati, fejn il-liġi tippermettilhom jiżviluppaw spalla ma' spalla mas-sjieda tal-istat ([15]).

(117) Barra minn hekk, skont id-dritt Ċiniż, l-ekonomija tas-suq soċjalista hija żviluppata taħt it-tmexxija tas-CCP. L-istrutturi tal-Istat Ċiniż u tas-CCP huma minsuġa ma' xulxin f'kull livell (legali, istituzzjonali, personali), u jiffurmaw sovrastruttura fejn ma ssirx distinzjoni bejn ir-rwoli tas-CCP u dawk tal-Istat.

(118) Wara emenda tal-Kostituzzjoni Ċiniża f'Marzu 2018, ir-rwol ewlieni tas-CCP ingħata prominenza saħansitra akbar billi ġie affermat mill-ġdid fit-test tal-Artikolu 1 tal-Kostituzzjoni.

(119) Wara l-ewwel sentenza diġà eżistenti tad-dispożizzjoni: "[i]s-sistema soċjalista hija s-sistema bażika tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina" ddaħħlet it-tieni sentenza ġdida li tgħid: "[i]l-karatteristika li tiddefinixxi s-soċjaliżmu b'karatteristiċi Ċiniżi hija t-tmexxija tal-Partit Komunista taċ-Ċina." ([16]) Dan juri l-kontroll assolut u dejjem ikbar tas-CCP fuq is-sistema ekonomika taċ-Ċina.

(120) Din it-tmexxija u dan il-kontroll huma inerenti għas-sistema Ċiniża u jmorru ferm lil hinn mis-sitwazzjoni abitwali ta' pajjiżi oħra fejn il-gvernijiet jeżerċitaw kontroll makroekonomiku ġenerali li fil-limiti tiegħu jaġixxu forzi tas-suq ħieles.

(121) L-Istat Ċiniż iħaddem politika ekonomika intervenzjonista biex jilħaq għanijiet li jikkoinċidu mal-aġenda politika stabbilita mis-CCP minflok ma jkunu jirriflettu l-kundizzjonijiet ekonomiċi prevalenti f'suq ħieles ([17]). L-għodod ekonomiċi intervenzjonisti użati mill-awtoritajiet Ċiniżi huma multipli, inkluża s-sistema tal-ippjanar industrijali, is-sistema finanzjarja, kif ukoll fil-livell tal-ambjent regolatorju.

([12]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-finijiet tal-Investigazzjonijiet għad-Difiża tal-Kummerċ (SWD (2024) 91 final tal-10 ta' April 2024).

([13]) Rapport Aġġornat — Kapitolu 2, p. 7

([14]) Rapport Aġġornat — Kapitolu 2, p. 7–8.

([15]) Rapport Aġġornat — Kapitolu 2, p. 10, 18.

([16]) Disponibbli fuq:http://www.npc.gov.cn/zgrdw/englishnpc/Constitution/node_2825.htm (aċċessat fit-30 ta' April 2024).

([17]) Ir-Rapport Aġġornat — il-Kapitolu 2, p. 29–30.

(122) L-ewwel nett, fil-livell tal-kontroll amministrattiv kumplessiv, id-direzzjoni tal-ekonomija Ċiniżi hija regolata minn sistema kumplessa ta' ppjanar industrijali li taffettwa l-attivitajiet ekonomiċi kollha fil-pajjiż. Dawn il-pjanijiet kollha jkopru matriċi komprensiva u kumplessa ta' setturi u politiki trażversali u huma preżenti fil-livelli kollha tal-gvern.

(123) Il-pjanijiet fil-livell provinċjali huma dettaljati filwaqt li l-pjanijiet nazzjonali jistabbilixxu miri usa'. Il-pjanijiet jispeċifikaw ukoll il-mezzi biex jiġu sostnuti l-industriji/is-setturi rilevanti kif ukoll il-perjodi ta' żmien li fihom iridu jintlaħqu l-objettivi. Xi pjanijiet għadhom jinkludu miri tal-output espliċiti.

(124) Taħt il-pjanijiet, setturi industrijali u/jew proġetti individwali qed jiġu identifikati bħala prijoritajiet (pożittivi jew negattivi) skont il-prijoritajiet tal-gvern u huma attribwiti lilhom għanijiet speċifiċi ta' żvilupp (titjib industrijali, espansjoni internazzjonali, eċċ.).

(125) L-operaturi ekonomiċi, privati u dawk tal-Istat kollha kemm huma, iridu jaġġustaw b'mod effettiv l-attivitajiet kummerċjali tagħhom skont ir-realtajiet imposti mis-sistema tal-ippjanar. Dan mhuwiex biss minħabba n-natura vinkolanti tal-pjanijiet, iżda wkoll minħabba li l-awtoritajiet Ċiniżi rilevanti fil-livelli kollha tal-gvern jaderixxu mas-sistema tal-pjanijiet u jużaw is-setgħat mogħtija lilhom skont din is-sistema, u b'hekk jisfurzaw lill-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mal-prijoritajiet stabbiliti fil-pjanijiet ([18]).

(126) It-tieni, fil-livell tal-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji, is-sistema finanzjarja taċ-Ċina hija ddominata mill-banek kummerċjali u ta' politika tal-Istat. Dawk il-banek, meta jkunu qed jistabbilixxu u jimplimentaw il-politika tas-self tagħhom iridu jallinjaw lilhom infushom mal-objettivi tal-politika industrijali tal-gvern minflok ma jivvalutaw qabel kollox il-merti ekonomiċi ta' proġett partikolari ([19]).

(127) L-istess japplika għall-komponenti l-oħrajn tas-sistema finanzjarja Ċiniża, bħas-swieq tal-istokks, is-swieq tal-bonds, is-swieq tal-ekwità privata, eċċ. Barra minn hekk, dawn il-partijiet tas-settur finanzjarju huma istituzzjonalment u operazzjonalment stabbiliti b'mod li ma humiex xprunati biex itejbu l-funzjonament effiċjenti tas-swieq finanzjarji, iżda biex jiżguraw il-kontroll u jippermettu l-intervent mill-istat u mis-CCP ([20]).

(128) It-tielet, fil-livell tal-ambjent regolatorju, l-interventi mill-Istat fl-ekonomija jieħdu numru ta' forom. Pereżempju, ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku jintużaw regolarment sabiex jintlaħqu għanijiet ta' politika għajr l-effiċjenza ekonomika, u b'hekk jimminaw il-prinċipji bbażati fuq is-suq fil-qasam. Il-leġiżlazzjoni applikabbli tipprevedi b'mod speċifiku li l-akkwist pubbliku għandu jsir sabiex jiġi ffaċilitat l-ilħuq tal-għanijiet imfassla mill-politiki tal-Istat. Madankollu, in-natura ta' dawn l-għanijiet għadha mhijiex definita, u b'hekk tħalli marġni wiesa' ta' apprezzament għall-korpi responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet ([21]).

(129) B'mod simili, fil-qasam tal-investiment, il-GTĊ iżomm kontroll u influwenza sinifikanti fuq id-destinazzjoni u l-kobor kemm tal-investiment tal-Istat kif ukoll ta' dak privat. L-iskrinjar tal-investiment, kif ukoll diversi inċentivi, restrizzjonijiet, u projbizzjonijiet relatati mal-investiment jintużaw mill-awtoritajiet bħala għodda importanti biex jiġu appoġġati għanijiet ta' politika industrijali, bħaż-żamma tal-kontroll tal-istat fuq setturi ewlenin jew it-tisħiħ tal-industrija domestika ([22]).

(130) Fi ftit kliem, il-mudell ekonomiku Ċiniż huwa bbażat fuq ċerti assjomi bażiċi, li jipprevedu u jħeġġu diversi interventi tal-gvern. Tali interventi sostanzjali tal-gvern huma f'kunflitt mal-azzjoni libera tal-forzi tas-suq, u dan iwassal għad-distorsjoni tal-allokazzjoni effettiva tar-riżorsi skont il-prinċipji tas-suq ([23]).

([18]) Rapport Aġġornat — Kapitolu 4, p. 57, 92.
([19]) Rapport Aġġornat — Kapitolu 6, p. 149–150.
([20]) Rapport Aġġornat — Kapitolu 6, p. 153–171.
([21]) Rapport Aġġornat — Kapitolu 7, p. 204–205.
([22]) Rapport Aġġornat — Kapitolu 8, p. 207–208, 242–243.
([23]) Rapport Aġġornat — Kapitolu 2, p. 19–24, Kapitolu 4, p. 69, p. 99–100, Kapitolu 5, p. 130–131.

3.2.3. *Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku: is-suq inkwistjoni huwa servut f'miżura sinifikanti minn intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, taħt il-kontroll jew taħt is-superviżjoni politika jew taħt il-gwida tal-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur.*

(131) Fiċ-Ċina, l-intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, il-kontroll u/jew is-superviżjoni jew il-gwida politika mill-Istat jirrappreżentaw parti essenzjali tal-ekonomija.

(132) Is-settur tal-prodott ikkonċernat huwa moqdi kemm mill-SOEs kif ukoll minn kumpaniji privati.

(133) Pereżempju, Pangang Group Vanadium u Titanium Resources, Ltd. ([24]) ("Pangang") parti minn Pangang Group, sussidjarja tal-grupp SOE Anshan Iron and Steel Group ("Ansteel") ([25]), għandha grad sinifikanti ta' sjieda tal-Istat (aktar minn 54 %) ([26]). Min-naħa l-oħra, LB Group, li qabel kienet tissejjaħ Lomon Billions Group Co., Ltd., ("LB Group") ([27]) hija kumpannija privata ([28]), filwaqt li CNNC Huan Yuan Titanium Dioxide Co., Ltd ([29]) ("CHTI CNNC") hija kumpannija privata, iżda għad għandha ftit iktar minn 7 % tal-ishma tal-Istat ([30]).

(134) Barra minn hekk, l-awtoritajiet jinkoraġġixxu l-ħolqien ta' raggruppamenti fis-settur petrokimiku u kimiku, speċjalment biex jieħdu vantaġġ mill-interdipendenzi ta' diversi proċessi ta' manifattura kimika. Tabilħaqq, l-14-il FYP dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Materja Prima jirrikjedi li "għandhom jittieħdu miżuri biex l-intrapriżi ewlenin isiru akbar u aktar b'saħħithom. Immexxija mis-suq u appoġġati mill-gvern, aħna se […] ngħinu lil dawn l-intrapriżi jaċċelleraw fużjonijiet u riorganizzazzjoni transreġjonali u ta' sjieda reċiproka, sabiex l-industrija ssir aktar ikkonċentrata u jiġu ffaċilitati l-operazzjonijiet internazzjonali. F'setturi li jinkludu l-petrokimiċi u s-sustanzi kimiċi […] għandna nrawmu għadd ta' intrapriżi pijunieri li jistgħu jmexxu l-ekosistema tal-katina industrijali bil-kompetittività ewlenija […]" ([31]).

(135) Il-gwida tal-Istat hija riflessa mill-azzjoni tal-kumpaniji, kif jirriżulta mis-sit web ta' Pangang: "Fil-ġejjieni, Pangang Vanadium u Titanium Co., Ltd. se jkomplu jiffokaw fuq l-istrateġiji nazzjonali u d-domandi tas-suq, isaħħu kontinwament il-kapaċitajiet ta' innovazzjoni indipendenti tagħhom, u jaċċelleraw il-bini ta' intrapriża ġdida speċjalizzata ta' klassi dinjija bi "professjonaliżmu eċċellenti, immexxi mill-innovazzjoni, b'ġestjoni effikaċi, u karatteristiċi distintivi" biex isservi bħala l-bażi għall-industrija tal-vanadju u tat-titanju taċ-Ċina u tagħti kontributi akbar għal żvilupp ta' kwalità għolja" ([32]).

(136) Madankollu, l-interventi tas-CCP fit-teħid ta' deċiżjonijiet operazzjonali saru n-norma mhux biss fl-SOEs, iżda wkoll f'kumpaniji privati ([33]), bis-CCP jiddikjara tmexxija fuq prattikament kull aspett tal-ekonomija tal-pajjiż. Fil-fatt, l-influwenza tal-Istat permezz tal-istrutturi tas-CCP fil-kumpaniji effettivament tirriżulta f'li l-operaturi ekonomiċi jkunu taħt il-kontroll u s-superviżjoni tal-politika tal-gvern, minħabba sa liema punt l-istrutturi tal-Istat u tal-Partit kibru flimkien fiċ-Ċina.

([24]) Ara https://www.pgvt.cn/index.php?s=Home/Article/lists/art_type/strat_index (aċċessat fit-30 ta' April 2024).
([25]) Ara http://www.ansteel.cn/yewubankuai/fantaichanye/2016-11-18/5.html (aċċessat fit-30 ta' April 2024).
([26]) Ara r-Rapport Annwali tal-2023 tal-kumpanija, p. 73, disponibbli fuq http://file.finance.sina.com.cn/211.154.219.97:9494/MRGG/CNSESZ_STOCK/2024/2024-4/2024-04-18/9985963.PDF (aċċessat fit-30 ta' April 2024).
([27]) Ara http://www.lomonbillions.com/news1/10935 (aċċessat fit-30 ta' April 2024).
([28]) Ara r-Rapport Annwali tal-2023 tal-kumpanija, disponibbli fuq 638497158701510012105802l.PDF (ruituoyun.com) (aċċessat fit-30 ta' April 2024).
([29]) Ara https://www.zhtb.com/ (aċċessat fit-30 ta' April 2024).
([30]) Ara r-Rapport Annwali tal-2023 tal-kumpanija, p. 111, disponibbli fuq http://file.finance.sina.com.cn/211.154.219.97:9494/MRGG/CNSESZ_STOCK/2024/2024-4/2024-04-18/9985963.PDF (aċċessat fit-30 ta' April 2024).
([31]) Ir-Rapport Aġġornat — il-Kapitolu 13, p. 466.
([32]) Ara http://www.panzhihua.gov.cn/zwgk/gzdt/bdyw/4434292.shtml (aċċessat fit-30 ta' April 2024).
([33]) L-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni tas-CCP, l-Artikolu 19 tal-Liġi Ċiniża dwar il-Kumpaniji. Ara r-Rapport aġġornat — Kapitolu 3, p. 47–50.

(137) Rappreżentazzjoni preċiża tal-kontroll u s-superviżjoni tal-gvern fuq l-intrapriżi tista' tinstab fil-livell provinċjali. F'Yunnan, l-14-il FYP ta' Chuxiong dwar materjali ġodda u l-iżvilupp tal-manifattura avvanzata ("l-14-il FYP ta' Chuxiong") jindirizza u jinfluwenza s-settur tal-prodott ikkonċernat, billi jistabbilixxi l-objettivi li ġejjin: "[j]ittieħed vantaġġ sħiħ mir-riżorsi tat-titanju u tal-industrija tat-titanju ta' Chuxiong, speċjalment il-vantaġġi tar-riżorsi idroelettriċi, u tkompli tiġi mwessa' l-iskala tal-industrija tat-titanju bl-estensjoni tal-katina industrijali u t-titjib tal-valur miżjud tal-prodott bħala l-linja ewlenija. Filwaqt li nserrħu fuq ir-riżorsi, it-teknoloġija u l-vantaġġi tas-suq ta' intrapriżi kbar bħal Longbai u Kunming Iron and Steel, se naċċelleraw il-kostruzzjoni tal-industrija tat-titanju l-ġdida ta' Longbai Group u l-proġetti relatati ma' Yunnan Titanium Industry, insaħħu l-promozzjoni tal-investiment, nintroduċu intrapriżi downstream fil-katina tal-industrija tat-titanju biex niżviluppaw, u niffukaw fuq il-bini tal-industrija tat-titanju" […] ([34]).

(138) L-14-il FYP ta' Chuxiong imur saħansitra aktar fid-dettall, kif ġej: "Filwaqt li nieħdu vantaġġ mill-opportunità tal-Istat biex inħeġġu l-iżvilupp tad-diossidu tat-titanju bbażat fuq il-klorur, se niffukaw fuq l-appoġġ għall-Industrija tat-Titanju ta' Longbai Lufeng biex nerġgħu nibnu u nespandu l-linja tal-produzzjoni tad-diossidu tat-titanju bbażata fuq il-klorur, u eventwalment niffurmaw bażi ta' produzzjoni tad-diossidu tat-titanju bbażata fuq il-klorur ta' 300 000–400 000 tunnellata/sena. Fl-istess ħin, Longbai Group se jieħu vantaġġ sħiħ mit-teknoloġija tal-akkoppjament tal-kubrit-kloru tiegħu, jaċċellera l-aġġustament strutturali u l-integrazzjoni tal-industrija tad-diossidu tat-titanju bbażata fuq is-sulfat, isaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-intrapriżi tal-produzzjoni tad-diossidu tat-titanju bbażati fuq is-sulfat u l-Longbai Group, itejjeb l-użu tar-riżorsi, jesporta s-sulfat ferruż lejn ix-Xlokk tal-Asja, jieħu postu fis-suq tax-Xlokk tal-Asja, inħeġġu u nappoġġaw ukoll l-iżvilupp ta' kumpaniji ta' kisjiet tad-diossidu tat-titanju u tal-plastik downstream b'saħħithom domestiċi u barranin f'Yunnan. Saret l-aktar bażi importanti għall-produzzjoni tad-diossidu tat-titanju tal-klorur fil-pajjiż u tmexxi l-iżvilupp tal-industrija tad-diossidu tat-titanju taċ-Ċina. Naċċelleraw l-iżvilupp tal-isponoż tat-titanju, niffokaw fuq il-promozzjoni tal-kostruzzjoni ta' proġetti ta' Longbai Group tal-isponża tat-titanju ta' kwalità għolja għall-użu f'rotors, naċċelleraw l-iżvilupp ta' teknoloġija tal-produzzjoni tal-isponoż tat-titanju bi proċess sħiħ, u nittrasformaw u nespandu l-linja tal-produzzjoni eżistenti tal-isponoż tat-titanju bbażata fuqu, u eventwalment nifformaw kapaċità ta' produzzjoni annwali ta' 100 000–300 000 tunnellata, biex insiru l-akbar bażi ta' produzzjoni tal-isponża tat-titanju fid-dinja. Nippromwovu b'mod attiv l-iżvilupp ta' materjali tat-titanju fini ta' livell għoli" ([35]).

(139) Il-kontroll tal-gvern u s-superviżjoni tal-politika jistgħu jiġu osservati wkoll fil-livell tal-assoċjazzjonijiet tal-industrija rilevanti ([36]).

(140) Pereżempju, il-Fergħa tal-Industrija tad-Diossidu tat-Titanju tal-Assoċjazzjoni tal-Industrija tal-Kisi taċ-Ċina ("il-Fergħa tat-TiO_2") tiddikjara fl-Artikolu 3 tal-Istatut ta' Assoċjazzjoni tagħha li l-organizzazzjoni "[t]istabbilixxi organizzazzjoni tal-Partit Komunista Ċiniż, twettaq attivitajiet tal-Partit, u tipprovdi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-Partit. […] taċċetta l-gwida, is-superviżjoni u l-ġestjoni professjonali mill-entitajiet responsabbli għar-reġistrazzjoni u l-ġestjoni, minn entitajiet responsabbli mill-bini tal-Partit, kif ukoll mid-dipartimenti amministrattivi rilevanti inkarigati mill-ġestjoni tal-industrija" ([37]). L-Artikolu 36 jiddikjara wkoll li l-persuni inkarigati mill-Assoċjazzjoni jridu jissodisfaw kundizzjonijiet bħal "[l]i jsegwu t-tmexxija tal-Partit Komunista Ċiniż, jappoġġaw is-soċjaliżmu b'karatteristiċi Ċiniżi, jimplimentaw b'mod riżolut il-linja, il-prinċipji u l-politiki tal-partit, u jkollhom kwalità politika tajba" ([38]).

(141) Il-Fergħa tat-TiO_2 tgħodd fost il-membri tagħha kemm lil LB Group kif ukoll lil CHTI CNNC, rispettivament l-ewwel u t-tieni l-akbar produtturi fiċ-Ċina ([39]).

(142) Konsegwentement, anki l-produtturi privati fis-settur tal-prodott ikkonċernat ma jitħallewx joperaw skont il-kundizzjonijiet tas-suq. Tabilħaqq, kemm l-intrapriżi pubbliċi kif ukoll dawk privati fis-settur huma soġġetti għal superviżjoni u gwida tal-politika.

([34]) Ara https://www.cxz.gov.cn/info/egovinfo/1001/xxgkxt_content/11532300015167313 2-/2022-06110032.htm — Taqsima II.2 (aċċessat fit-30 ta' April 2024).
([35]) *Ibid.* — Taqsima II.2.4.
([36]) Rapport Aġġornat — Kapitolu 2, p. 24–27.
([37]) Ara https://www.chinacoatingnet.com/about/regulations.html (aċċessat fit-30 ta' April 2024).
([38]) *Ibid.*
([39]) Il-lista sħiħa tal-membri tal-Fergħa tat-TiO2 hija disponibbli fuq: https://www.chinacoatingnet.com/news/show.php?itemid=9466 (aċċessat fit-30 ta' April 2024).

3.2.4. *Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), it-tieni inċiż tar-Regolament bażiku: Il-preżenza tal-Istat f'ditti li jippermettu lill-Istat jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet jew kostijiet*

(143) Minbarra li jeżerċita kontroll fuq l-ekonomija permezz tas-sjieda tal-SOEs u għodod oħrajn, il-GTĊ jinsab f'pożizzjoni li jinterferixxi fil-prezzijiet u fil-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat fid-ditti. Filwaqt li d-dritt għall-ħatra u għat-tneħħija ta' persunal maniġerjali ewlieni fl-SOEs mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat, kif previst fil-leġiżlazzjoni Ċiniża, jista' jitqies li jirrifletti d-drittijiet ta' sjieda korrispondenti ([40]), iċ-ċelloli tas-CCP fl-intrapriżi, kemm dawk tal-Istat kif ukoll dawk privati, jirrappreżentaw mezz importanti li permezz tiegħu l-Istat jista' jinterferixxi fid-deċiżjonijiet kummerċjali.

(144) Skont il-liġi taċ-Ċina dwar il-kumpaniji, għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni tas-CCP f'kull kumpanija (b'mill-inqas tliet membri tas-CCP kif speċifikat fil-Kostituzzjoni tas-CCP ([41])) u l-kumpanija għandha tipprovdi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-Partit.

(145) Fil-passat, dan ir-rekwiżit deher li mhux dejjem ġie segwit jew infurzat b'mod strett. Madankollu, is-CCP ilu mill-inqas mill-2016 isaħħaħ il-pretensjonijiet tiegħu li jikkontrolla d-deċiżjonijiet kummerċjali fil-kumpaniji bħala kwistjoni ta' prinċipju politiku ([42]), inkluż l-eżerċitar ta' pressjoni fuq il-kumpaniji privati biex ipoġġu l-"patrijottiżmu" l-ewwel u biex isegwu d-dixxiplina tal-Partit ([43]).

(146) Diġà fl-2017, ġie rrapportat li kienu jeżistu ċelloli tal-partiti f'70 % ta' madwar 1,86 miljun kumpanija bi sjieda privata, bi pressjoni dejjem akbar biex l-organizzazzjonijiet tas-CCP ikollhom l-aħħar kelma fuq id-deċiżjonijiet kummerċjali fil-kumpaniji rispettivi tagħhom ([44]). Dawn ir-regoli huma ta' applikazzjoni ġenerali fl-ekonomija Ċiniża kollha, fost is-setturi kollha, inkluż għall-produtturi tal-prodott ikkonċernat u għall-fornituri tal-inputs tagħhom.

(147) Barra minn hekk, fil-15 ta' Settembru 2020 inħareġ dokument bit-titolu Linji Gwida tal-Uffiċċju Ġenerali tal-Kumitat Ċentrali tas-CCP dwar it-tisħiħ tal-ħidma tal-Front Magħqud fis-settur privat għall-era l-ġdida ("*il-Linji Gwida*") ([45]), li kompla jespandi r-rwol tal-kumitati tal-Partit f'intrapriżi privati.

(148) It-Taqsima II.4 tal-Linji Gwida jiddikjara: "jeħtiġilna nżidu l-kapaċità ġenerali tal-Partit sabiex imexxi l-ħidma tal-Front Magħqud fis-settur privat u nsaħħu b'mod effettiv il-ħidma f'dan il-qasam"; u t-taqsima III.6 tiddikjara: "[i] rridu nkomplu nżidu r-ritmu tal-bini tal-Partit f'intrapriżi privati u nippermettu liċ-ċelloli tal-Partit jaqdu r-rwol tagħhom b'mod effettiv bħala fortizza u nippermettu lill-membri tal-Partit iwettqu r-rwoli tagħhom bħala gwardji u pijunieri". Għalhekk, il-Linji Gwida jenfasizzaw u jfittxu li jkattru r-rwol tas-CCP fil-kumpaniji u f'entitajiet oħrajn tas-settur privat ([46]).

(149) L-investigazzjoni kkonfermat li jeżistu wkoll trikkib bejn il-pożizzjonijiet maniġerjali u s-sħubija fis-CCP/il-funzjonijiet tal-Partit fis-settur tat-TiO_2. Diversi membri tal-bord tad-diretturi u tal-bord superviżorju ta' LB Group, l-akbar produttur tal-prodott ikkonċernat, huma membri tas-CCP u jokkupaw pożizzjonijiet fis-segretarjat tal-Kumitat tal-Partit ([47]). L-istess japplika għal CHTI CNNC ([48]) u Pangang ([49]).

([40]) Rapport Aġġornat — Kapitolu 5, p. 124–125.
([41]) Rapport Aġġornat — Kapitolu 3, p. 40.
([42]) Għal eżempju ara: Blanchette, J. — Xi's Gamble: The Race to Consolidate Power and Stave off Disaster; Foreign Affairs, vol. 100, nru 4, Lulju/Awwissu 2021, pp. 10-19.
([43]) Rapport Aġġornat — Kapitolu 3, p. 41.
([44]) Disponibbli fuq:https://www.reuters.com/article/us-china-congress-companies-idUSKCN1B40JU (aċċessat fit-30 ta' April 2024).
([45]) Il-Linji Gwida tal-Uffiċċju Ġenerali tal-Kumitat Ċentrali tas-CCP dwar it-tisħiħ tal-ħidma tal-Front Magħqud fis-settur privat għall-era l-ġdida:www.gov.cn/zhengce/2020-09/15/content_5543685.htm (aċċessat fit-30 ta' April 2024).
([46]) *Financial Times* (2020) — Chinese Communist Party asserts greater control over private enterprise: https://on.ft.com/3mYxP4j (aċċessat fit-30 ta' April 2024).
([47]) Ara dan li ġej: http://www.lomonbillions.com/newsinfo/10911/32246; https://www.sohu.com/a/293150452_698242; https://vip.stock.finance.sina.com.cn/corp/view/vCI_CorpManagerInfo.php?stockid=002601&Pcode=30749532&Name=%D5%C5%B8%D5 (aċċessat fit-30 April 2024).
([48]) Ara r-Rapport Annwali tal-2023 tal-kumpanija, p. 50.
([49]) Ara r-Rapport Annwali tal-2023 tal-kumpanija, p. 33 u ta' wara.

(150) L-interferenza tas-CCP fid-deċiżjonijiet kummerċjali hija evidenti fis-sit web ta' LB Group, li jiddeskrivi r-rwol tal-Partit fil-Grupp kif ġej: "[i]l-bini tal-partit iwitti t-triq u l-intraprizi jsalpaw. F'dawn l-aħħar snin, il-Kumitat tal-Partit ta' Lomon Billions Group Co., Ltd. kompla jinnova l-mudell ta' ħidma tal-bini tal-partiti, tejjeb kontinwament il-pożizzjoni kulturali tal-bini tal-partiti, u esplora b'mod attiv l-integrazzjoni profonda tal-ħidma għall-bini tal-partiti mal-ħidma ċentrali tal-intrapriża, filwaqt li stimula l-vitalità u kompla ta impetu lill-iżvilupp ta' kwalità għolja tal-intrapriża. Xu Gang, Segretarju tal-Kumitat tal-Partit u President ta' Lomon Billions, ikkonkluda: 'Lomon Billions dejjem jaderixxi mal-mudell ta' organizzazzjoni, pubblikità u spezzjoni tad-dixxiplina tal-istituzzjonijiet tax-xogħol tal-partit fl-intrapriża. L-organizzazzjoni tal-partit tiggarantixxi s-superviżjoni tal-partit u l-politiki u l-iskjeramenti ewlenin tal-pajjiż. Ir-rwol tal-implimentazzjoni tal-intrapriża jibqa' l-istess, il-prinċipju li l-Partit jimmaniġġja l-oqfsa u l-Partit jimmaniġġja t-talenti jibqa' l-istess, u l-prattika ta' "bini ta' fergħat kull fejn ikun hemm membri tal-partit" tibqa' l-istess, sabiex il-bini tal-partit fi ħdan l-intrapriża dejjem iżomm effikaċja qawwija ta' ġlied.' […] il-Kumitat tal-Partit ta' Lomon Billions esplora prattika tajba ta' integrazzjoni profonda tal-bini ta' partit mhux pubbliku max-xogħol ċentrali tal-intrapriża: l-insistenza fuq kopertura sħiħa tal-organizzazzjonijiet tal-partiti u l-ħidma tal-partit, espansjoni vertikali fil-fond u orizzontali […]" ([50]).

(151) B'mod partikolari, LB Group huwa influwenzat ħafna mill-awtoritajiet governattivi, kif muri fil-premessi preċedenti (ara l-premessa (137)).

(152) Il-preżenza u l-intervent tal-istat fis-swieq finanzjarji kif ukoll fil-provvista ta' materja prima u inputs għandhom ukoll effett ta' distorsjoni addizzjonali fuq is-suq ([51]). Għalhekk, il-preżenza tal-Istat fid-ditti, fit-TiO_2 u f'setturi oħra (bħas-setturi finanzjarji u tal-input) tippermetti lill-GTĊ jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet u tal-kostijiet.

3.2.5. *Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), it-tielet inċiż, tar-Regolament bażiku: ordni jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw favur forniturі domestiċi jew li b'mod ieħor jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles*

(153) Id-direzzjoni tal-ekonomija Ċiniża hija ddeterminata b'mod sinifikanti minn sistema elaborata ta' ppjanar li tistabbilixxi l-prijoritajiet u tippreskrivi l-għanijiet li fuqhom iridu jiffukaw il-gvernijiet ċentrali, provinċjali u lokali. Jeżistu pjanijiet rilevanti fil-livelli kollha tal-gvern u dawn ikopru virtwalment is-setturi ekonomiċi kollha. L-objettivi stabbiliti mill-istrumenti tal-ippjanar huma ta' natura vinkolanti u l-awtoritajiet f'kull livell amministrattiv jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-pjanijiet mil-livell korrispondenti aktar baxx tal-gvern.

(154) B'mod ġenerali, is-sistema tal-ippjanar fiċ-Ċina tirriżulta fit-tmexxija ta' riżorsi lejn setturi ddeżinjati bħala strateġiċi jew inkella politikament importanti mill-gvern, minflok ma jiġu allokati f'konformità mal-forzi tas-suq ([52]).

(155) L-awtoritajiet Ċiniżi ppromulgaw għadd ta' politiki li jiggwidaw il-funzjonament tas-settur tal-prodott ikkonċernat.

(156) L-14-il FYP (ara l-premessa (90)) għandu l-għan li "Jittrasforma u jtejjeb l-industriji tradizzjonali, jippromwovi l-ottimizzazzjoni tat-tqassim u l-aġġustament strutturali tal-industriji tal-materja prima bħall-petrokimiċi, l-azzar, il-metalli mhux ferrużi, u l-materjali tal-bini, jespandi l-provvista ta' prodotti ta' kwalità għolja bħall-industrija ħafifa, u t-tessuti, jaċċellera t-trasformazzjoni u t-titjib tal-intrapriżi f'industriji ewlenin bħall-industrija kimika […] Implimentazzjoni fil-fond ta' proġetti speċjali biex tissaħħaħ il-kompetittività ewlenija u t-trasformazzjoni teknoloġika tal-industrija tal-manifattura, jinkoraġġixxi lill-intrapriżi japplikaw teknoloġiji avvanzati u applikabbli, isaħħaħ l-aġġornamenti tat-tagħmir u l-applikazzjoni fuq skala kbira ta' prodotti ġodda" ([53]).

([50]) Ara http://www.lomonbillions.com/newsinfo/10911/13846 (aċċessat fit-30 ta' April 2024).
([51]) Rapport Aġġornat — Kapitolu 14, Taqsimiet 14.1 sa 14.3.
([52]) Rapport Aġġornat — Kapitolu 4, p. 56–57, 99–100.
([53]) Ara http://www.xinhuanet.com/2021-03/13/c_1127205564.htm — Taqsima III.8.3 (aċċessata fit-30 ta' April 2024).

(157) Bl-istess mod, l-Opinjoni Gwida dwar il-Promozzjoni tal-Iżvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Industrija Petrokimika u Kimika Matul l-14-il Perjodu tal-Pjan ta' Ħames Snin ("l-Opinjoni Gwida"), tenfasizza l-ħtieġa li "[…] titħaffef it-trasformazzjoni u t-titjib tal-industriji tradizzjonali, u jiġu żviluppati b'mod vigoruż materjali kimiċi ġodda u sustanzi kimiċi fini. Tiġi aċċellerata t-trasformazzjoni diġitali tal-industrija […] u jiġi promoss il-progress taċ-Ċina minn pajjiż petrokimiku u kimiku kbir għal pajjiż petrokimiku u kimiku b'saħħtu" ([54]). L-għanijiet ewlenin huma stabbiliti kif ġej: "[s]al-2025, l-industrija petrokimika għandha bażikament issegwi mudell ta' żvilupp ta' kwalità għolja b'kapaċità ta' innovazzjoni indipendenti b'saħħitha, struttura u tqassim raġonevoli, ekoloġiċi, sikuri u b'livell baxx ta' karbonju, b'titjib sinifikanti fil-kapaċità li jiġu ggarantiti prodotti ta' livell għoli, żieda sinifikanti fil-kompetittività ewlenija, u pass solidu ta' awtodipendenza u titjib personali ta' livell għoli" ([55]).

(158) L-objettivi msemmija hawn fuq huma speċifikati aktar fit-taqsimiet sussegwenti tal-Opinjoni Gwida. Pereżempju, l-awtoritajiet emittenti beħsiebhom "[j]appoġġaw lill-intraprizi biex ikunu minn ta' quddiem fil-formazzjoni ta' organizzazzjonijiet kollaborattivi tal-innovazzjoni bħall-alleanzi tal-innovazzjoni tat-teknoloġija industrijali u l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni upstream u downstream u jappoġġaw it-tqassim razzjonali tal-gvernijiet lokali biex jibnu ċentri tal-innovazzjoni reġjonali u bażijiet pilota", biex "[j]aħkmu t-teknoloġiji ewlenin u jsaħħu l-momentum tal-innovazzjoni u l-iżvilupp, […] jaċċelleraw l-avvanzi rivoluzzjonarji f'teknoloġiji ewlenin […]" ([56]).

(159) Barra minn hekk, il-verżjoni tal-2024 tal-Katalogu ta' Gwida għall-Aġġustament Strutturali tal-Industrija ("il-Katalogu ta' Gwida") tindirizza direttament is-settur tal-prodott billi telenka l-proċess tal-aċidu sulfuriku TiO_2 bħala industrija ristretta, filwaqt li l-verżjoni tagħha tal-2019 telenka l-proċess tal-klorur tat-TiO_2 bħala wieħed imħeġġeġ ([57]).

(160) Fil-livell provinċjali, l-objettivi ta' politika u l-għodod ta' appoġġ korrispondenti jsiru aktar speċifiċi u mmirati.

(161) Pereżempju, l-14-il FYP dwar l-iżvilupp ta' livell għoli tal-industrija kimika ta' Jiangsu ([58]) ("il-Pjan Kimiku ta' Jiangsu") jistabbilixxi objettivi ewlenin għas-settur tal-prodott ikkonċernat: "[s]a tmiem l-'14-il Pjan ta' Ħames Snin', l-istruttura industrijali tal-pigmenti taż-żebgħa u tal-intermedjarji tagħhom se tiġi ottimizzata b'mod sinifikanti", u għal darb' oħra "[s]e nistinkaw biex inżidu l-valur tal-output totali tal-industrija tal-linka għal RMB 8 biljun, il-kapaċità ta' produzzjoni superjuri għandha tiġi inkluża fl-iżvilupp u l-integrazzjoni ta' parks kimiċi (żoni ta' konċentrazzjoni)".

(162) Fir-rigward tal-industrija kimika inorganika, il-pjan ta' Jiangsu Chemical jistabbilixxi l-għanijiet ta': "[k]ontroll totali tal-kwantità, titjib fil-kwalità u fl-effiċjenza, ottimizzazzjoni tal-konfigurazzjoni […] Adozzjoni ta' teknoloġiji avvanzati tal-iffrankar tal-enerġija u tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għat-trasformazzjoni u t-titjib tal-industriji u l-intraprizi […] [P]romozzjoni tal-industriji downstream tal-kloru u tal-idroġenu biex jiżviluppaw lejn direzzjoni ta' livell għoli, funzjonali u rfinata. L-estensjoni u l-espansjoni tal-katina reġjonali tal-industrija tal-kloru […]" ([59]).

(163) Il-Pjan Kimiku ta' Jiangsu jkompli jispeċifika l-għanijiet għal kull żona industrijali kostali. Pereżempju, f'Lianyungang l-għanijiet huma: "[i]l-promozzjoni tal-integrazzjoni tar-raffinar u tas-sustanzi kimiċi. […] L-iżvilupp ta' poljolefini ta' livell għoli. […] Il-promozzjoni tal-ipproċessar fil-fond ta' materja prima" ([60]). F'Yancheng l-industriji jridu jiżviluppaw materjali kimiċi ġodda, fosthom l-aċidu sulfuriku.

([54]) Ara https://www.miit.gov.cn/zwgk/zcwj/wjfb/yj/art/2022/art_4ef438217a4548cb98c2d7f4f091d72e.html — L-ewwel taqsima, Rekwiżiti Ġenerali (aċċessat fit-30 ta' April 2024).
([55]) *Ibid.* — L-ewwel taqsima, Objettivi Ewlenin.
([56]) *Ibid.* — It-tieni taqsima, Titjib tal-livell ta' innovazzjoni u żvilupp.
([57]) Għall-metodu tal-proċess tal-aċidu sulfuriku, ara l-Katalogu ta' Gwida tal-2024, p. 88 (fis-seħħ mill-1 ta' Frar 2024) disponibbli fuq https://www.ndrc.gov.cn/xxgk/zcfb/fzggwl/202312/P020231229700886191069.pdf (aċċessat fit-30 ta' April 2024). Il-metodu ġie elenkat bħala ristrett fil-Katalogu ta' Gwida tal-2019, p. 84, ukoll. Għall-metodu tal-proċess tal-klorur, ara l-Katalogu ta' Gwida tal-2019, p. 15 (fis-seħħ sal-31 ta' Jannar 2024), disponibbli fuq https://www.gov.cn/xinwen/2019-11/06/5449193/files/26c9d25f713f4ed5b8dc51ae40ef37af.pdf (aċċessat fit-30 ta' April 2024).
([58]) http://gxt.jiangsu.gov.cn/art/2021/8/25/art_83673_10000511.html (aċċessat fit-30 ta' April 2024).
([59]) *Ibid.*
([60]) *Ibid.*

(164) F'Henan, l-Avviż mill-Uffiċċju Ġenerali tal-Gvern tal-Poplu tal-Provinċja ta' Henan dwar il-ħruġ tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Provinċja ta' Henan (2022–2025) biex jiġu aċċellerati r-ristrutturar u t-tmexxija tal-industrija tal-materjali jistabbilixxi l-għanijiet li ġejjin għal materjali ġodda bbażati fuq it-titanju: "[l-]aċċelerazzjoni tal-lokalizzazzjoni ta' materja prima tad-diossidu tat-titanju tal-klorur ta' kwalità għolja u r-riċerka u l-iżvilupp ta' diossidu tat-titanju ekoloġiku bi prestazzjoni għolja, u l-istabbiliment tar-riżorsi tat-titanju, taż-żirkonju, tal-vanadju u tal-iskandju. Is-sistema ta' estrazzjoni ekoloġika u komprensiva l-ġdida tippromwovi l-iżvilupp ta' raggruppamenti tal-industrija tat-titanju f'Jiaozuo, Luoyang u postijiet oħra" ([61]).

(165) F'Sichuan, id-Deċiżjoni tal-Kumitat Provinċjali ta' Sichuan tal-Partit Komunista Ċiniż dwar il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' kwalità għolja ta' industriji ekoloġiċi u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju bl-għan li jinkisbu l-ogħla livell tal-karbonju u n-newtralità karbonika, bl-istabbiliment ukoll ta' bosta objettivi: "L-approfondiment tal-iżvilupp komprensiv u l-użu tar-riżorsi tal-vanadju u tat-titanju. […] it-tisħiħ tal-industrija tat-titanju, il-ħolqien ta' bażi tal-industrija tal-vanadju u tat-titanju ta' klassi dinjija, u l-bini ta' Panzhihua bħala l-"Kapitali tal-Vanadju u tat-Titanju taċ-Ċina". […] L-implimentazzjoni tal-proġett biex tissaħħaħ u tiġi estiża l-katina tal-industrija tal-vanadju u tat-titanju u jiġi aċċellerat l-iżvilupp ta' prodotti tal-vanadju u tat-titanju ta' livell għoli, materjali funzjonali, parts speċjali […]" ([62]).

(166) Fl-istess ħin, il-Gwida tal-Provinċja ta' Sichuan għall-iżvilupp tal-industriji tal-vanadju, tat-titanju, tal-azzar u tal-materjali tal-art rari ta' kwalità għolja tħeġġeġ l-"Avvanzi rivoluzzjonarji f'teknoloġiji importanti ewlenin. Nisfruttaw it-teknoloġija komprensiva tal-użu tal-manjetit tal-vanadju-titanju, inwettqu t-teknoloġija tal-industrija-lizzazzjoni tal-estrazzjoni tat-titanju ta' valur għoli mill-gagazza tal-forn tal-blast bi kwantità għolja ta' titanju, naċċelleraw id-diossidu tat-titanju tal-klorur ta' grad għoli, it-titanju tal-avjazzjoni u l-prodotti tal-ligi tat-titanju" ([63]).

(167) L-14-il FYP ta' Chuxiong jindirizza u jinfluwenza b'mod preċiż is-settur tal-prodott ikkonċernat, kif diġà ġie msemmi (ara l-premessa (137)(137)). Il-pjan jelenka wkoll l-objettivi li ġejjin: "[i]l-katina tal-industrija tal-kimika u l-katina tal-industrija metallurġika tat-titanju se joħolqu katina sħiħa tal-industrija, itejbu l-kapaċitajiet ta' żvilupp sostenibbli, il-kompetittività ċentrali u s-sehem mis-suq tal-industrija tat-titanju, u jsiru bażi nazzjonali importanti għall-produzzjoni tad-diossidu tat-titanju tal-klorur u l-akbar bażi ta' produzzjoni tat-titanju sponża fid-dinja. Tiġi ffurmata industrija tat-titanju fil-livell ta' 100 biljun. Tiġi standardizzata l-industrija tat-tħaffir u tal-preparazzjoni tal-minerali tat-titanju, jinbena mudell ta' minjiera ekoloġika, jiġu integrati, ittrasformati, u mtejbin it-teknoloġija u t-tagħmir tal-produzzjoni tal-gagazza b'kontenut għoli ta' titanju u tad-diossidu tat-titanju bl-aċidu sulfuriku, u jiġi ottimizzat it-tqassim reġjonali. Jiġu żviluppati b'intensità qawwija d-diossidu tat-titanju tal-klorur u t-titanju tal-isponża għall-użu f'rotors ta' livell għoli u diversi intrapriżi jiġu mħeġġa biex jiżviluppaw b'mod attiv prodotti kummerċjabbli bħal ligi tat-titanju u prodotti tat-titanju, kif ukoll materjali tat-titanju ta' livell għoli fl-avjazzjoni, l-ajruspazju, in-navigazzjoni u oqsma oħra" ([64]). Ikompli billi jistabbilixxi l-għanijiet biex: "[t]inħoloq katina industrijali sħiħa. Tiġi aċċellerata l-kostruzzjoni tal-katina tal-industrija metallurġika tat-titanju tal-"ilmenit – konċentrat tat-titanju – gagazza b'kontenut għoli ta' titanju – titanju sponża (diossidu tat-titanju) – profili tat-titanju (liga jew kisi tat-titanju)", u l-katina industrijali tal-industrija kimika tat-titanju "gagazza b'kontenut għoli ta' titanju – diossidu tat-titanju – kisi – plastik" ta' livell għoli, jiġi aċċellerat l-iżvilupp tad-diossidu tat-titanju tal-klorur ta' livell għoli, u tiġi mkabbra l-kapaċità tal-produzzjoni tad-diossidu tat-titanju u l-vantaġġi tekniċi […]" ([65]).

(168) Barra minn hekk, il-prodott ikkonċernat huwa soġġett għal diversi restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni.

(169) L-ewwel nett, id-diossidu tat-titanju u prodotti oħra relatati mat-titanju huma soġġetti għal liċenzjar tal-esportazzjoni mhux awtomatiku ([66]), li jġiegħel lill-kumpaniji esportaturi jirċievu approvazzjoni minn qabel mill-gvern fil-forma ta' liċenzji jew permessi sabiex jesportaw il-prodott. Proċeduri bħal dawn mhux biss jagħtu lill-gvern kontroll fuq l-esportaturi u l-ammonti ta' prodotti esportati iżda jistgħu wkoll iżidu l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet jew jipprevjenu lill-esportaturi milli jirreaġixxu malajr għall-opportunitajiet ta' bejgħ barra mill-pajjiż minħabba żminijiet twal ta' proċessar ([67]).

([61]) Ara https://www.shenqiu.gov.cn/p_detail_12649.html — Taqsima II.2.5 (aċċessat fit-30 ta' April 2024).
([62]) See https://www.sc.gov.cn/10462/10464/10797/2021/12/8/74e1f8013f874f5c9e2f2a2aafd4141b.shtml (aċċessat fit-30 ta' April 2024).
([63]) Ara https://h5.drcnet.com.cn/docview.aspx?version=integrated&docid=6718774&leafid=3046&chnid=1024 (aċċessat fit-30 ta' April 2024).
([64]) Ara https://www.cxz.gov.cn/info/egovinfo/1001/xxgkxt_content/115323000151673132-/2022-06110032.htm — Taqsima II.2 (aċċessat fit-30 ta' April 2024).
([65]) *Ibid.* — Taqsima II.2.4.
([66]) Prodotti oħra relatati mat-titanju huma sponża tat-titanju mhux fondut, titanju ieħor mhux maħdum, trab tat-titanju u skart u ruttam tat-titanju. Ara l-Katalogu tal-Oġġetti Soġġetti għal-Liċenzjar għall-Esportazzjoni, p. 17, ippubblikat kull sena mill-MOFCOM u disponibbli fuq http://images.mofcom.gov.cn/wms/202212/20221230211147281.pdf (aċċessat fit-30 ta' April 2024).
([67]) Rapport Aġġornat — Kapitolu 12, p. 343–344.

(170) It-tieni nett, il-prodott ikkonċernat ma huwiex suġġett għal rifużjoni tal-VAT fuq l-esportazzjoni ([68]).

(171) Għalhekk, permezz ta' dawn il-mezzi u mezzi oħra, il-GTĊ jidderieġi u jikkontrolla virtwalment kull aspett fl-iżvilupp u l-funzjonament tas-settur, kif ukoll l-inputs upstream.

(172) Fi ftit kliem, il-GTĊ għandu miżuri fis-seħħ biex iħeġġeġ lill-operaturi jikkonformaw mal-objettivi tal-politika pubblika li jikkonċernaw is-settur. Dawn il-miżuri jimpedixxu l-forzi tas-suq milli joperaw b'mod ħieles.

3.2.6. *Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), ir-raba' inċiż tar-Regolament bażiku: in-nuqqas, l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġijiet fil-qasam tal-fallimenti, dak soċjetarju jew dak tal-proprjetà*

(173) Skont l-informazzjoni fil-fajl, is-sistema Ċiniża tal-falliment ma timplimentax b'mod adegwat l-objettivi ewlenin tagħha stess bħal pereżempju li tissalda l-pretensjonijiet u d-djun b'mod ġust u li tissalvagwardja d-drittijiet u l-interessi legali tal-krediturі u tad-debituri. Dan jidher li hu msejjes fil-fatt li filwaqt li l-liġi Ċiniża dwar il-falliment tiddependi b'mod formali fuq prinċipji li huma simili għal dawk applikati fil-liġijiet korrispondenti f'pajjiżi oħra barra ċ-Ċina, is-sistema Ċiniża hi kkaratterizzata minn nuqqas ta' infurzar sistematiku.

(174) L-għadd ta' fallimenti jibqa' notorjament baxx fir-rigward tad-daqs tal-ekonomija tal-pajjiż, speċjalment minħabba li l-proċedimenti ta' insolvenza jbatu minn għadd ta' nuqqasijiet, li effettivament jiffunzjonaw bħala diżinċentiv għall-preżentazzjonijiet ta' fallimenti. Barra minn hekk, ir-rwol tal-istat fil-proċedimenti ta' insolvenza għadu b'saħħtu u attiv, u ta' spiss ikollu influwenza diretta fuq l-eżitu tal-proċedimenti ([69]).

(175) Barra minn hekk, in-nuqqasijiet tas-sistema tad-drittijiet tal-proprjetà huma partikolarment ovvji fir-rigward tas-sjieda tal-art u d-drittijiet tal-użu tal-art fiċ-Ċina. ([70]) L-art kollha hija proprjetà tal-istat (art rurali bi sjieda kollettiva u art urbana proprjetà tal-Istat) u l-allokazzjoni tagħha tibqa' tiddependi biss fuq l-istat. Hemm dispożizzjonijiet legali li għandhom l-għan li jallokaw drittijiet għall-użu tal-art b'mod trasparenti u bi prezzijiet tas-suq, pereżempju, billi jintroduċu proċeduri ta' offerti. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet huma regolarment mhux irrispettati, u ċerti akkwirenti jiksbu l-art tagħhom mingħajr ħlas jew b'rati aktar baxxi mir-rati tas-suq ([71]). Barra minn hekk, l-awtoritajiet spiss isegwu għanijiet politiċi speċifiċi, inkluż l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ekonomiċi, meta jkunu qed jallokaw l-art ([72]).

(176) Bħal setturi oħra fl-ekonomija Ċiniża, il-produtturi tal-prodott ikkonċernat huma soġġetti għar-regoli ordinarji dwar il-liġijiet Ċiniżi dwar il-falliment, korporattivi u dwar il-proprjetà. L-effett ta' dan huwa li anke dawn il-kumpaniji huma soġġetti għad-distorsjonijiet minn fuq għal isfel li jirriżultaw mill-applikazzjoni diskriminatorja jew mill-infurzar inadegwat tal-liġijiet dwar il-falliment u l-proprjetà. Dawn il-kunsiderazzjonijiet, fuq il-bażi tal-evidenza disponibbli, jidhru li huma kompletament applikabbli wkoll fis-settur tal-prodott ikkonċernat. L-investigazzjoni attwali ma żvelat xejn li jqajjem dubji dwar dawn is-sejbiet.

(177) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm applikazzjoni diskriminatorja jew infurzar inadegwat tal-liġijiet dwar il-falliment u l-proprjetà fis-settur tal-prodott ikkonċernat.

3.2.7. *Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), il-ħames inċiż, tar-Regolament bażiku: il-kostijiet tal-pagi soġġetti għal distorsjoni*

(178) Sistema ta' pagi bbażati fuq is-suq ma tistax tiżviluppa bis-sħiħ fiċ-Ċina minħabba li l-ħaddiema u l-impjegaturi huma mfixkla fid-drittijiet tagħhom għal organizzazzjoni kollettiva. Iċ-Ċina ma rratifikatx għadd ta' konvenzjonijiet essenzjali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, b'mod partikolari dawk dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni u dwar in-negozjar kollettiv ([73]).

([68]) Ara https://hd.chinatax.gov.cn/nszx2023/cktslcx2023.html (aċċessat fit-30 ta' April 2024).
([69]) Rapport Aġġornat — Kapitolu 6, p. 171–179.
([70]) Ir-Rapport Aġġornat — il-Kapitolu 9, p. 260–261.
([71]) Ir-Rapport Aġġornat — il-Kapitolu 9, p. 257–260.
([72]) Ir-Rapport Aġġornat — il-Kapitolu 9, p. 252–254.
([73]) Rapport Aġġornat — Kapitolu 13, p. 360–361, 364–370.

(179) Skont il-liġi nazzjonali, organizzazzjoni waħda biss tat-trade unions hija attiva. Madankollu, din l-organizzazzjoni ma hijiex indipendenti mill-awtoritajiet tal-Istat u l-involviment tagħha fin-negozjar kollettiv u fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema għadu elementari ([74]). Barra minn dan, il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol Ċiniża hija ristretta mis-sistema tar-reġistrazzjoni tal-unitajiet domestiċi, li tillimita l-aċċess għall-firxa sħiħa tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali u oħrajn għar-residenti lokali ta' żona amministrattiva partikolari.

(180) Dan tipikament jirriżulta f'ħaddiema li ma jkunux fil-pussess tar-reġistrazzjoni tar-residenza lokali, u jsibu ruħhom f'pożizzjoni ta' impjieg vulnerabbli u jirċievu introjtu aktar baxx mid-detenturi tar-reġistrazzjoni tar-residenza ([75]). Dawk is-sejbiet iwasslu għad-distorsjoni tal-kostijiet tal-pagi fiċ-Ċina.

(181) Ma tressqet l-ebda evidenza li turi li s-settur tat-TiO_2 mhuwiex soġġett għas-sistema Ċiniża tal-liġi tax-xogħol deskritta. Għalhekk, is-settur huwa affettwat mid-distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi kemm direttament (fil-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat jew tal-materja prima ewlenija għall-produzzjoni tiegħu) kif ukoll indirettament (meta jkollu aċċess għal kapital jew inputs minn kumpaniji soġġetti għall-istess sistema tax-xogħol fiċ-Ċina).

3.2.8. *Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), is-sitt inċiż, tar-Regolament bażiku: l-aċċess għal finanzjament mogħti minn istituzzjonijiet li jimplimentaw objettivi tal-ordni pubbliku jew li b'xi mod ieħor ma jagixxux indipendentement mill-Istat*

(182) L-aċċess għall-kapital għal atturi korporattivi fiċ-Ċina huwa soġġett għal diversi distorsjonijiet.

(183) L-ewwel nett, is-sistema finanzjarja Ċiniża hija kkaratterizzata mill-pożizzjoni b'saħħitha tal-banek tal-Istat ([76]), li, meta jagħtu aċċess għall-finanzjament, iqisu kriterji oħra għajr il-vijabbiltà ekonomika ta' proġett. B'mod simili għall-SOEs mhux finanzjarji, il-banek jibqgħu konnessi mal-Istat mhux biss permezz tas-sjieda iżda wkoll permezz ta' relazzjonijiet personali (l-ogħla eżekuttivi ta' istituzzjonijiet finanzjarji kbar tal-Istat fl-aħħar mill-aħħar jinħatru mis-CCP) ([77]) u jimplimentaw regolarment politiki pubbliċi mfassla mill-GTĊ.

(184) Pereżempju, fis-settur tal-prodott ikkonċernat, l-14-il FYP dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Materja Prima għandu l-objettiv ċentrali li jtejjeb il-kompetittività tal-industrija kimika. F'dan ir-rigward, "[l]-istituzzjonijiet finanzjarji se jiġu mħeġġa […] jipprovdu servizzi finanzjarji komprensivi għall-intrapriżi tal-materja prima li implimentaw fużjonijiet u riorganizzazzjoni kif ukoll trasformazzjoni u titjib" ([78]).

(185) L-Opinjoni Gwida tiżvela wkoll il-firxa ta' għodod u politiki ta' appoġġ użati biex jiġu segwiti l-objettivi tal-politika industrijali: "[t]itjib tal-politiki ta' appoġġ. Tissaħħaħ il-koordinazzjoni bejn il-politiki fiskali, finanzjarji, reġjonali, dwar l-investiment, l-importazzjoni u l-esportazzjoni, l-enerġija, l-ambjent ekoloġiku, il-prezzijiet u politiki industrijali oħra. Jiġu involuti pjattaformi nazzjonali ta' kooperazzjoni bejn l-industrija u l-finanzi u jiġu promossi l-konnessjonijiet bejn il-banek u l-intrapriżi u l-kooperazzjoni bejn l-industrija u l-finanzi. […]" ([79])

(186) Il-banek jikkonformaw ma' obbligu legali espliċitu li jwettqu n-negozju tagħhom f'konformità mal-ħtiġijiet tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali nazzjonali u taħt il-gwida tal-politiki industrijali tal-Istat ([80]). Filwaqt li huwa rikonoxxut li diversi dispożizzjonijiet legali jirreferu għall-ħtieġa li jiġu rrispettati l-imġiba bankarja normali u r-regoli prudenzjali bħall-ħtieġa li tiġi eżaminata l-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarju, il-biċċa l-kbira tal-evidenza, inklużi s-sejbiet li saru fl-investigazzjonijiet tad-difiża tal-kummerċ, tissuġġerixxi li dawn id-dispożizzjonijiet għandhom biss rwol sekondarju fl-applikazzjoni tad-diversi strumenti legali.

([74]) Rapport Aġġornat — Kapitolu 13, p. 366.
([75]) Rapport Aġġornat — Kapitolu 13, p. 370–373.
([76]) Rapport Aġġornat — Kapitolu 6, p. 137–140.
([77]) Rapport Aġġornat — Kapitolu 6, p. 146–149.
([78]) Ara https://www.gov.cn/zhengce/zhengceku/2021- 12/29/5665166/files/90c1c79a00b44c67b59c29392476c862.pdf — Taqsima IV (III) (aċċessat fit-30 ta' April 2024).
([79]) Ara https://www.miit.gov.cn/zwgk/zcwj/wjfb/yj/art/2022/art_4ef438217a4548cb98c2d7f4f091d72e.html — It-Tmien taqsima, It-tishih tas-salvagwardji organizzattivi (aċċessat fit-30 ta' April 2024).
([80]) Rapport Aġġornat — Kapitolu 6, p. 149.

(187) Pereżempju, il-GTĊ iċċara li anke d-deċiżjonijiet bankarji kummerċjali privati jridu jiġu ssorveljati mis-CCP u jibqgħu konformi mal-politiki nazzjonali. Wieħed mit-tliet għanijiet ġenerali tal-Istat fir-rigward tal-governanza bankarja issa huwa li tissaħħaħ it-tmexxija tal-Partit fis-settur bankarju u tal-assigurazzjoni, inkluż fir-rigward ta' kwistjonijiet operazzjonali u ta' ġestjoni ([81]). Barra minn hekk, il-kriterji tal-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-banek kummerċjali issa jridu, b'mod partikolari, iqisu kif l-entitajiet "jaqdu l-objettivi nazzjonali tal-iżvilupp u l-ekonomija reali", u b'mod partikolari kif "jaqdu l-industriji strateġiċi u emerġenti". ([82])

(188) Barra minn hekk, il-klassifikazzjonijiet tal-bonds u tal-kreditu spiss ikunu distorti għal varjetà ta' raġunijiet inkluż il-fatt li l-valutazzjoni tar-riskju hija influwenzata mill-importanza strateġika tad-ditta għall-GTĊ u s-saħħa ta' kwalunkwe garanzija impliċita mill-gvern ([83]). Dan huwa aggravat minn regoli eżistenti addizzjonali, li jidderieġu l-finanzi f'setturi ddeżinjati mill-gvern bħala inkoraġġiti jew inkella importanti ([84]). Dan jirriżulta fi preġudizzju favur is-self lil SOEs, ditti privati kbar b'konnessjonijiet tajbin u ditti f'setturi industrijali ewlenin, li jimplika li d-disponibbiltà u l-kost tal-kapital ma humiex ugwali għall-atturi kollha fis-suq.

(189) It-tieni, il-kostijiet tas-self inżammu baxxi b'mod artifiċjali biex jiġi stimulat it-tkabbir tal-investiment. Dan wassal għall-użu eċċessiv tal-investiment kapitali b'redditu dejjem aktar baxx fuq l-investiment. Dan huwa muri mit-tkabbir fl-ingranaġġ korporattiv fis-settur tal-Istat minkejja tnaqqis qawwi fil-profittabilità, li jissuġġerixxi li l-mekkaniżmi operati fis-sistema bankarja ma jsegwux risponsi kummerċjali normali.

(190) It-tielet, għalkemm f'Ottubru 2015 inkisbet liberalizzazzjoni nominali tar-rata tal-imgħax, is-sinjali tal-prezzijiet għadhom ma humiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles, iżda huma influwenzati minn distorsjonijiet ikkawżati mill-gvern. Is-sehem tas-self bir-rata ta' referenza jew taħtha kien għadu jirrappreżenta mill-inqas terz tas-self kollu sa tmiem l-2018 ([85]) u, fl-2020, il-media uffiċjali fiċ-Ċina rrapportat li s-CCP talab li "r-rata tal-imgħax tas-suq tas-self tiġi ggwidata 'l isfel" ([86]). Rati tal-imgħax baxxi b'mod artifiċjali jirriżultaw fi prezz aktar baxx, u sussegwentement fl-użu eċċessiv tal-kapital.

(191) It-tkabbir ġenerali tal-kreditu fiċ-Ċina jindika deterjorament fl-effiċjenza tal-allokazzjoni tal-kapital mingħajr ebda sinjal ta' ssikkar tal-kreditu li jkun mistenni f'ambjent tas-suq mingħajr distorsjoni. B'riżultat ta' dan, is-self improduttiv żdied b'mod rapidu, u l-GTĊ għażel numru ta' drabi li jew jevita l-inadempjenzi, sabiex b'hekk inħolqu l-hekk imsejħin kumpaniji "żombi", jew li jittrasferixxi s-sjieda tad-dejn (eż. permezz ta' fużjonijiet jew ta' skambju ta' dejn ma' ekwità), mingħajr ma neċessarjament jelimina l-problema ġenerali tad-dejn jew jindirizza l-kawżi ewlenin tagħha.

(192) Essenzjalment, minkejja l-passi li ttieħdu biex jiġi liberalizzat is-suq, is-sistema tal-kreditu korporattiv fiċ-Ċina hija affettwata minn distorsjonijiet sinifikanti li jirriżultaw mir-rwol pervażiv kontinwu tal-istat fis-swieq kapitali. Għalhekk, l-intervent sostanzjali tal-gvern fis-sistema finanzjarja jwassal biex il-kundizzjonijiet tas-suq jiġu affettwati serjament fil-livelli kollha.

([81]) Ara d-dokument ta' politika uffiċjali tal-Kummissjoni Regolatorja Bankarja u tal-Assigurazzjoni taċ-Ċina tat-28 ta' Awwissu 2020: "Three-year action plan for improving corporate governance of the banking and insurance sectors (2020–2022): http://www.cbirc.gov.cn/cn/view/pages/ItemDetail.html?docId=925393&itemId=928 (aċċessat fit-30 ta' April 2024). Il-pjan jagħti struzzjonijiet biex "jiġi implimentat aktar l-ispirtu inkorporat fid-diskors ewlieni tas-Segretarju Ġenerali Xi Jinping dwar l-avvanz tar-riforma tal-governanza korporattiva tas-settur finanzjarju". Barra minn hekk, it-taqsima II tal-Pjan għandha l-għan li tippromwovi l-integrazzjoni organika tat-tmexxija tal-Partit fil-governanza korporattiva: "aħna se nagħmlu l-integrazzjoni tat-tmexxija tal-Partit fil-governanza korporattiva aktar sistematika, standardizzata u bbażata fuq il-proċeduri […] Il-Kumitat tal-Partit irid ikun iddiskuta kwistjonijiet operazzjonali u ta' ġestjoni ewlenin qabel ma jiġu deċiżi mill-Bord tad-Diretturi jew mill-maniġment superjuri".

([82]) Ara l-Avviż dwar il-Metodu ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-banek kummerċjali tas-CBIRC, maħruġ fil-15 ta' Diċembru 2020. http://jrs.mof.gov.cn/gongzuotongzhi/202101/t20210104_3638904.htm (aċċessat fit-30 ta' April 2024).

([83]) Ir-Rapport Aġġornat — il-Kapitolu 6, p. 157–158.

([84]) Ir-Rapport Aġġornat — il-Kapitolu 6, p. 150–152, 156–160, 165–171.

([85]) OECD (2019), OECD Economic Surveys: China 2019, OECD Publishing, Pariġi. p. 29, disponibbli fuq: https://doi.org/10.1787/eco_surveys-chn-2019-en (aċċessat fit-30 ta' April 2024).

([86]) http://www.gov.cn/xinwen/2020-04/20/content_5504241.htm (aċċessat fit-30 ta' April 2024).

(193) Ma tressqet l-ebda evidenza f'din l-investigazzjoni li turi li s-settur tal-prodott ikkonċernat ma huwiex affettwat mill-intervent tal-gvern fis-sistema finanzjarja fis-sens tas-sitt inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, l-intervent sostanzjali tal-gvern fis-sistema finanzjarja jwassal biex il-kundizzjonijiet tas-suq jiġu affettwati serjament fil-livelli kollha.

3.2.9. *In-natura sistemika tad-distorsjonijiet deskritti*

(194) Il-Kummissjoni nnotat li d-distorsjonijiet deskritti fir-Rapport aġġornat huma karatteristiċi għall-ekonomija Ċiniża. L-evidenza disponibbli turi li l-fatti u l-karatteristiċi tas-sistema Ċiniża kif deskritti hawn fuq kif ukoll fil-Parti I tar-Rapport aġġornat japplikaw fil-pajjiż kollu u fis-setturi kollha tal-ekonomija. L-istess jgħodd għad-deskrizzjoni tal-fatturi tal-produzzjoni kif stabbilit hawn fuq u fil-Parti II tar-Rapport aġġornat.

(195) Il-Kummissjoni tfakkar li sabiex jiġi prodott il-prodott ikkonċernat, huma meħtieġa ċerti inputs. Meta l-produtturi tal-prodott ikkonċernat jixtru/jikkuntrattaw dawn l-inputs, il-prezzijiet li jħallsu (u li jiġu rreġistrati bħala l-kostijiet tagħhom) ikunu esposti b'mod ċar għall-istess distorsjonijiet sistemiċi msemmija qabel. Pereżempju, il-fornituri tal-inputs iħaddmu manodopera li hija soġġetta għad-distorsjonijiet. Huma jistgħu jissellfu flus li huma soġġetti għad-distorsjonijiet fis-settur finanzjarju/fl-allokazzjoni tal-kapital. Barra minn hekk, huma soġġetti għas-sistema ta' ppjanar li tapplika fil-livelli kollha tal-gvern u fis-setturi kollha. Dawn id-distorsjonijiet ġew deskritti fid-dettall fit-Taqsimiet 3.2.2-3.2.8 hawn fuq. Il-Kummissjoni indikat li l-istruttura regolatorja li tirfed dawk id-distorsjonijiet hija ġeneralment applikabbli, peress li l-produtturi tat-TiO_2 huma soġġetti għal dawk ir-regoli bħal kwalunkwe operatur ekonomiku ieħor fiċ-Ċina. Għalhekk, id-distorsjonijiet għandhom effett dirett fuq l-istruttura tal-kostijiet tal-prodott ikkonċernat.

(196) B'konsegwenza ta' dan, mhux biss il-prezzijiet tal-bejgħ domestiku tal-prodott ikkonċernat ma humiex xierqa għall-użu skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, iżda l-kostijiet kollha tal-input (inklużi l-materja prima, l-enerġija, l-art, il-finanzjament, il-manodopera, eċċ.) huma affettwati wkoll minħabba li l-formazzjoni tal-prezzijiet tagħhom hija affettwata minn intervent sostanzjali tal-gvern, kif deskritt fil-Partijiet I u II tar-Rapport aġġornat.

(197) Tabilħaqq, l-interventi tal-gvern deskritti fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kapital, l-art, il-manodopera, l-enerġija, u l-materja prima huma preżenti fiċ-Ċina kollha. Dan ifisser, pereżempju, li input li minnu nnifsu kien prodott fiċ-Ċina permezz tal-kombinazzjoni ta' firxa ta' fatturi tal-produzzjoni huwa espost għal distorsjonijiet sinifikanti. L-istess japplika għall-input tal-input eċċ.

(198) F'din l-investigazzjoni, la l-GTĊ u lanqas il-produtturi esportaturi ma ppreżentaw ebda evidenza jew argument li juri l-kuntrarju.

3.2.10. *Konklużjoni*

(199) L-analiżi stabbilita f'din it-taqsima, li tinkludi eżami tal-evidenza kollha disponibbli relatata mal-intervent taċ-Ċina fl-ekonomija tagħha b'mod ġenerali kif ukoll fis-settur tal-prodott ikkonċernat uriet li l-prezzijiet u l-kostijiet tal-prodott ikkonċernat, inklużi l-kostijiet tal-materja prima, tal-enerġija u tal-manodopera, mhumiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles minħabba li huma affettwati minn intervent sostanzjali tal-gvern skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku kif muri mill-impatt attwali jew potenzjali ta' wieħed jew aktar mill-elementi rilevanti elenkati fih.

(200) Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li, f'dan il-każ, ma huwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi sabiex jiġi stabbilit il-valur normali.

(201) Konsegwentement, il-Kummissjoni pproċediet sabiex taħdem il-valur normali eskluživament fuq il-bażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ, li jirriflettu prezzijiet jew parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni, jiġifieri, f'dan il-każ, fuq il-bażi tal-kostijiet korrispondenti tal-produzzjoni u l-bejgħ f'pajjiż rappreżentattiv xieraq, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, kif deskritt fit-taqsima li ġejja.

3.3. **Pajjiż rappreżentattiv**

3.3.1. *Rimarki Ġenerali*

(202) L-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv kienet ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin, skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku:

— Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-RPĊ. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni użat pajjiżi b'introjtu nazzjonali gross *per capita* simili għal dak tar-RPĊ fuq il-bażi tal-bażi tad-*data* tal-Bank Dinji ([87]);

— Il-produzzjoni tal-prodott investigat f'dak il-pajjiż;

— Id-disponibbiltà ta' *data* pubblika rilevanti fil-pajjiż rappreżentattiv; u

— Meta jkun hemm aktar minn pajjiż rappreżentattiv wieħed possibbli, ingħatat preferenza, fejn xieraq, lill-pajjiż b'livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali.

(203) Kif spjegat fil-premessi (76) u (77), il-Kummissjoni ħarġet żewġ noti għall-fajl dwar is-sorsi għad-determinazzjoni tal-valur normali. Dawn in-noti ddeskrivew il-fatti u l-evidenza li fuqhom huma bbażati l-kriterji rilevanti u indirizzaw il-kummenti li waslu mill-partijiet dwar dawn l-elementi u dwar is-sorsi rilevanti. Fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati bl-intenzjoni tagħha li tuża l-Brażil bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq f'dan il-każ jekk l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku tiġi kkonfermata.

3.3.2. *Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-RPĊ*

(204) Fl-Ewwel Nota, il-Kummissjoni identifikat il-Brażil, il-Malażja, il-Messiku u l-Federazzjoni Russa bħala pajjiżi produtturi tat-TiO_2 b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħar-RPĊ skont il-Bank Dinji (jiġifieri pajjiżi b'"introjtu medju superjuri" fuq bażi tal-introjtu nazzjonali gross). Madankollu, il-Federazzjoni Russa ma setgħetx tintuża bħala pajjiż rappreżentattiv minħabba li ma hemm l-ebda statistika affidabbli dwar l-importazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni. Ma wasal l-ebda kumment dwar il-pajjiżi identifikati fl-Ewwel Nota.

3.3.3. *Data faċilment disponibbli fil-pajjiż rappreżentattiv*

(205) Għall-pajjiżi kkunsidrati u msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni vverifikat ukoll *data* faċilment disponibbli, inkluża d-*data* dwar l-importazzjonijiet tal-fatturi tal-produzzjoni kif ukoll tad-*data* finanzjarja mill-produtturi tal-prodott investigat f'dawn il-pajjiżi rappreżentattivi potenzjali.

(206) L-analiżi tal-importazzjonijiet tal-fatturi ewlenin tal-produzzjoni (jiġifieri minerali u konċentrati tat-titanju b'konċentrazzjonijiet ta' TiO_2 u ta' gagazza tat-titanju li jvarjaw) uriet li, irrispettivament mill-pajjiż rappreżentattiv potenzjali, jew ma hija disponibbli l-ebda statistika affidabbli jew l-ebda statistika li tippermetti differenzjazzjoni bbażata fuq il-konċentrazzjoni tat-TiO_2 fil-minerali.

(207) Għalhekk, il-Kummissjoni rrikorriet għall-użu ta' prezz referenzjarju internazzjonali minn pjattaforma tas-suq tal-minerali rikonoxxuta b'mod wiesa' (TZMI ([88])) f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku għall-minerali u l-konċentrati tat-titanju, jiġifieri ilmenit, rutili, skariku tal-kalċinaturi, rutili sintetiku u gagazza tat-titanju.

([87]) World Bank Open Data — Upper Middle Income, https://data.worldbank.org/income-level/upper-middle-income.
([88]) https://www.tzmi.com.

(208) Barra minn hekk, l-analiżi tal-Kummissjoni wriet li kienet disponibbli biss *data* tal-Brażil dwar volumi rappreżentattivi mingħajr distorsjoni ta' inputs ewlenin oħra għall-produzzjoni tat-TiO_2 (prinċipalment aċidu sulfuriku) kif ukoll *data* rappreżentattiva tal-kumpaniji li turi profittabbiltà u kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali raġonevoli għall-perjodu ta' investigazzjoni (jew parti minnu), għall-kuntrarju tal-Messiku u tal-Malażja. Barra minn hekk, l-importazzjonijiet Brażiljani ma kinux affettwati materjalment mill-importazzjonijiet mir-RPĊ jew minn xi wieħed mill-pajjiżi elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([89]). Barra minn hekk, il-produzzjoni u l-kapaċità tal-produzzjoni tat-TiO_2 huma sinifikanti fil-Brażil u ma teżisti l-ebda distorsjoni kummerċjali partikolari magħrufa fuq it-TiO_2 fil-pajjiż. Filwaqt li l-Brażil jagħmel l-esportazzjonijiet tal-ilmenit, waħda mill-materja prima użata fil-produzzjoni tat-TiO_2, soġġetta għal rekwiżit ta' liċenzjar, tali distorsjoni potenzjali tal-kummerċ hija irrilevanti minħabba l-użu ta' parametru referenzjarju ta' TZMI minflok id-data Brażiljana dwar l-importazzjoni għall-ilmenit f'dan il-każ. Ta' min jinnota wkoll li l-ebda parti interessata ma argumentat kontra l-użu tal-Brażil bħala pajjiż rappreżentattiv.

(209) Fir-rigward tal-produtturi fil-Brażil u d-disponibbiltà tad-*data* tagħhom, il-Kummissjoni identifikat produttur tat-TiO_2, Tronox Brażil, li għalih ir-riżultati finanzjarji li juru profittabbiltà u kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali raġonevoli speċifikament fis-segment TiO_2 huma disponibbli għall-2022, u b'hekk il-perjodu jikkoinċidi bi kwart mal-perjodu ta' investigazzjoni.

(210) Il-Kummissjoni użat id-*data* dwar il-profittabbiltà u l-SG&A għall-2022 minkejja d-disponibbiltà tad-*data* finanzjarja wkoll għall-perjodu ta' investigazzjoni kollu (Q4 2022-Q3 2023). Dan għaliex, skont ir-rapporti finanzjarji tal-kumpanija, is-suq u l-prestazzjoni tan-negozju ta' Tronox Brażil fl-2023 kienu affettwati minn tnaqqis fid-domanda tas-suq flimkien mal-importazzjonijiet miċ-Ċina tat-TiO_2, li rriżulta fi tnaqqis fil-profittabbiltà, id-dħul nett, il-volum tal-bejgħ, u l-prezz medju tal-bejgħ ta' Tronox Brazil fis-suq tat-TiO_2. Dan għamel l-ammonti rilevanti għall-profitt u l-kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali mhux raġonevoli skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

(211) LB Group oġġezzjona għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tuża *data* finanzjarja minn Tronox Brażil għall-2022 u argumenta li l-Kummissjoni kellha l-possibbiltà li tuża *data* li tikkoinċidi bis-sħiħ mal-perjodu ta' investigazzjoni.

(212) Ta' min jinnota li filwaqt li d-*data* finanzjarja ta' Tronox Brażil, li turi profittabbiltà raġonevoli għall-perjodu ta' investigazzjoni kollu hija disponibbli, tali *data* tikkonċerna l-operazzjonijiet kummerċjali kollha tal-kumpanija, inkluża l-attività mhux relatata strettament mas-segment tat-TiO_2. Għall-kuntrarju, meta tiġi estratta biss *data* għas-segment tat-TiO_2, id-*data* finanzjarja għall-2023 mhijiex raġonevoli għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessa (210) hawn fuq. B'riżultat ta' dan, id-*data* tal-perjodu ta' investigazzjoni għas-segment TiO_2 ta' Tronox Brazil turi riżultati operattivi qrib il-punt ta' ekwilibriju, li ma setgħux jitqiesu raġonevoli skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku. Minflok, id-*data* tal-2022 għas-segment TiO_2 hija l-aħjar sors disponibbli għal ammonti raġonevoli ta' profitt u ta' kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali, minħabba li d-*data* tikkonċerna esklużivament is-segment TiO_2, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

(213) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni qieset l-informazzjoni finanzjarja tal-2022 disponibbli għal Tronox Brażil għas-segment tat-TiO_2 bħala l-aktar xierqa għall-finijiet tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

3.3.4. *Il-livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali*

(214) Wara li ġie stabbilit li l-Brażil kien l-uniku pajjiż rappreżentattiv xieraq, abbażi tal-elementi kollha msemmija hawn fuq, ma kienx hemm bżonn li titwettaq valutazzjoni tal-livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali f'konformità mal-aħħar sentenza tal-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż tar-Regolament bażiku.

3.3.5. *Konklużjoni*

(215) Fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq, il-Brażil issodisfa l-kriterji stabbiliti fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku biex jitqies bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq.

([89]) Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33).

3.4. **Sorsi użati biex jiġu stabbiliti l-kostijiet u l-parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni**

(216) Fl-Ewwel Nota, il-Kummissjoni elenkat il-fatturi tal-produzzjoni bħall-materjali, l-enerġija u l-manodopera użati fil-produzzjoni tal-prodott investigat mill-produtturi esportaturi u stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw u jipproponu informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar il-valuri mingħajr distorsjoni għal kull wieħed mill-fatturi ta' produzzjoni msemmija f'dik in-Nota.

(217) Sussegwentement, fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni ddikjarat li, sabiex tibni l-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, hija tuża d-*data* ta' Global Trade Atlas ("GTA") u ta' TZMI biex tistabbilixxi l-kost mingħajr distorsjoni tal-biċċa l-kbira tal-fatturi tal-produzzjoni, b'mod partikolari l-materja prima. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ddikjarat li kienet se tuża l-Instituto Brasileiro de Geografia e Estatística ("IGBE") u l-Ministeru għall-Minjieri u l-Enerġija tal-Brażil rispettivament biex tistabbilixxi l-kostijiet lavorattivi ([90]) u tal-enerġija ([91]) mingħajr distorsjoni.

(218) Fit-tieni Nota, il-Kummissjoni infurmat ukoll lill-partijiet interessati li minħabba l-għadd kbir ta' fatturi tal-produzzjoni tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun li pprovdew informazzjoni kompluta u l-piż negliġibbli ta' xi materja prima fil-kost totali tal-produzzjoni, dawn l-oġġetti negliġibbli kienu raggruppati taħt "materjal konsumabbli". Il-Kummissjoni kkalkolat il-perċentwal tal-materjal konsumabbli fuq il-kost totali tal-materja prima u applikat dan il-perċentwal għall-kost ikkalkulat mill-ġdid tal-materja prima meta użat il-parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni stabbiliti fil-Brażil.

(219) AkzoNobel argumentat wara l-Ewwel u t-Tieni Nota li l-prezz tal-GTA għall-aċidu sulfuriku ma jistax ikun rappreżentattiv, filwaqt li insista li minflok, jintuża fattur ta' konverżjoni ta' 1,05 għall-kalkolu tal-prezzijiet CIF mill-prezzijiet FOB disponibbli fl-istatistika tal-Brażil jew taċ-Ċentru Internazzjonali tal-Kummerċ ("ITC"). L-utent fittex ukoll li jimmina l-affidabbiltà tad-*data* tal-GTA billi rrefera għall-prezzijiet eċċessivi tal-GTA għal għadd ta' pajjiżi (il-Polonja, il-Finlandja u l-Ġermanja). Barra minn hekk, AkzoNobel allegat, b'referenza għall-kost medju tal-merkanzija għat-TiO_2 mibgħut lejn il-Brażil, li l-kost tal-merkanzija għall-aċidu huwa fil-medda ta' 5-7 % tal-prezz tal-aċidu.

(220) L-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku jippreskrivi l-użu ta' *data* korrispondenti f'pajjiż rappreżentattiv xieraq "sakemm id-*data* rilevanti tkun disponibbli fil-pront" Il-Kummissjoni ma għandhiex għad-dispożizzjoni tagħha *data* dwar il-prezzijiet domestiċi fil-pajjiżi rappreżentattivi possibbli, u *data* bħal din mhijiex disponibbli fil-pront. B'kuntrast ma' dan, id-*data* dwar il-prezzijiet tal-importazzjoni tal-aċidu sulfuriku hija faċilment disponibbli fil-Global Trade Atlas (GTA). Meta jitqies li dawn l-importazzjonijiet jikkompetu fis-suq domestiku Brażiljan, dawn jitqiesu li jirriflettu l-prezzijiet domestiċi rilevanti.

(221) Minbarra l-argument dwar in-nuqqas ta' rappreżentattività tal-valuri tal-importazzjoni tal-GTA għal ċerti pajjiżi, ġie nnotat li meta mqabbla mal-importazzjonijiet totali tal-aċidu sulfuriku, l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkontestati, b'mod partikolari l-Finlandja u l-Ġermanja jammontaw biss għal madwar 5 % tal-importazzjonijiet totali fil-Brażil. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni vverifikat li kien hemm biżżejjed kwantitajiet rappreżentattivi tal-importazzjonijiet tal-aċidu sulfuriku sabiex il-prezz medju użat inaqqas l-impatt ta' kwalunkwe prezz potenzjalment anormali fit-tarf il-baxx u t-tarf l-għoli tal-medda. Sakemm il-kwantitajiet tal-importazzjoni kienu rappreżentattivi biżżejjed, li kien il-każ għall-aċidu sulfuriku, u ma kien hemm l-ebda ċirkostanza speċifika oħra li għamlithom mhux rappreżentattivi jew mhux xierqa, ma kien hemm l-ebda raġuni oġġettiva biex id-*data* tal-GTA tiġi eskluża mill-analiżi.

(222) Barra minn hekk, l-użu ssuġġerit tal-proporzjon perċentwali tal-merkanzija fuq il-prezz tat-TiO_2 bħala punt ta' referenza għad-determinazzjoni tal-kost tat-trasport għall-aċidu sulfuriku ma jistax jiġi sostnut. AkzoNobel dehret li qed tinjora l-fatt li l-aċidu sulfuriku huwa materjal ħafna oħos meta mqabbel mat-TiO_2. Minflok, ikun aktar xieraq li jitqiesu l-kostijiet unitarji assoluti tal-merkanzija bħala punt ta' referenza, minħabba l-kuntrast fil-prezzijiet tat-TiO_2 u tal-aċidu sulfuriku.

(223) Għalhekk, fin-nuqqas ta' kwalunkwe evidenza plawżibbli li turi li d-*data* tal-GTA għall-aċidu sulfuriku użata ma tkunx rappreżentattiva, il-Kummissjoni ċaħdet din l-affermazzjoni.

([90]) https://www.ibge.gov.br/estatisticas/economicas/industria/9042-pesquisa-industrial-anual.html?=&t=destaques.
([91]) https://www.gov.br/mme/pt-br/assuntos/secretarias/sntep/publicacoes/boletins-mensais-de-energia/2023-1/ingles.

3.4.1. *Fatturi tal-Produzzjoni*

(224) Meta titqies l-informazzjoni kollha ppreżentata mill-partijiet interessati u miġbura matul iż-żjarat ta' verifika, il-fatturi ta' produzzjoni li ġejjin u s-sorsi tagħhom ġew identifikati biex jiġi ddeterminat il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku:

Tabella 1

Fatturi ta' produzzjoni tat-TiO_2

Fattur tal-Produzzjoni	Kodiċi tal-Prodott/kodiċijiet disponibbli u sors tad-*data*		Prezz f'CNY Unità ta' kejl	Fattur tal-Produzzjoni
Materja prima				
Ilmenit (Proċess ta' Sulfat)	2614 00	TZMI	2 842,20	Tunnellati
Ilmenit (Proċess ta' Klorur)	2614 00	TZMI	2 772,72	Tunnellati
Rutili Sintetiku	2614 00	TZMI	9 827,98	Tunnellati
Rutili Sintetiku Raffinat/Skariku tal-Kalċinaturi/TiO_2 Mhux Maħdum — Rutili	2614 00	TZMI	10 568,24	Tunnellati
Gagazza tat-Titanju/Gagazza tal-Proċess tal-Klorur (Għoljin)	2620 99	TZMI	6 757,92	Tunnellati
Aċidu sulfuriku (98 %)	2807 00 00 10	Atlas tal-Kummerċ Globali (GTA, Global Trade Atlas) ([1]) /MacMap ([2])	912,61	Tunnellati
Kubrit	2503 00 00 00	GTA/MacMap	1 250,16	Tunnellati
Kokk petroliferu kkalċinat	2713 12 90 00	GTA/MacMap	5 271,81	Tunnellati
Soda kawstika (likwida)/Idrossidu tas-sodju (32 %)	2815 11 00 00, 2815 12 00 00	GTA/MacMap	3 386,93	Tunnellati
Faħam bituminuż	2701 12	GTA/MacMap	1 762,22	Tunnellati
Klorur taż-Żirkonil ([3])	2827 49 12, 2827 49 29	GTA/MacMap	16 761,84	Tunnellati
Trab tal-Ħadid	7205 29 10, 7205 29 20, 7205 29 90	GTA/MacMap	13 049,93	Tunnellati
Trab tal-Aluminju	7603 10	GTA/MacMap	39 179,62	Tunnellati
Idrossidu tal-Aluminju	2818 30	GTA/MacMap	13 943,93	Tunnellati
Aċidu fosforiku	2809 20 11, 2809 20 19, 2809 20 20, 2809 20 30, 2809 20 90	GTA/MacMap	6 062,29	Tunnellati
Manodopera				
Manodopera	[M/A]	Instituto Brasileiro de Geografia e Estatística ([4])	79,05	FTE
Enerġija				
Elettriku	[M/A]	Ministério de Minas e Energia ([5])	0,8868	kWh
Gass Naturali	[M/A]	Ministério de Minas e Energia ([6])	4,58	m^3
Fwar	[M/A]	Ministério de Minas e Energia ([7])	356,66	Tunnellati

(1) https://connect.ihsmarkit.com/, http://www.gtis.com/gta/secure/default.cfm
(2) http://www.macmap.org.
(3) Fil-prezz tal-klorur taż-żirkonil, il-Kummissjoni inkludiet l-ossidi tal-klorur taż-żirkonju u ossidi oħra tal-klorur, peress li l-prezzijiet tal-importazzjoni tal-ossidi tal-klorur taż-żirkonju separatament ma kinux rappreżentattivi.
(4) https://www.ibge.gov.br/estatisticas/economicas/industria/9042-pesquisa-industrial-anual.html?=&t=resultados.
(5) https://www.gov.br/mme/pt-br/assuntos/secretarias/sntep/publicacoes/boletins-mensais-de-energia/2023-1/ingles.
(6) https://www.gov.br/mme/pt-br/assuntos/secretarias/sntep/publicacoes/boletins-mensais-de-energia/2023-1/ingles.
(7) https://www.gov.br/mme/pt-br/assuntos/secretarias/sntep/publicacoes/boletins-mensais-de-energia/2023-1/ingles.

3.4.2. *Materja prima*

(225) Sabiex jiġi stabbilit il-prezz mingħajr distorsjoni tal-materja prima kif ikkonsenjata sal-bieb ta' produttur tal-pajjiż rappreżentattiv, għall-materja prima għajr il-minerali u l-konċentrati tat-titanju, il-Kummissjoni użat bħala bażi l-prezz medju ponderat tal-importazzjoni għall-pajjiż rappreżentattiv kif irrapportat fil-GTA fil-livell tariffarju nazzjonali, li miegħu żdiedu d-dazji tal-importazzjoni u l-kostijiet tat-trasport.

(226) Prezz tal-importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv ġie ddeterminat bħala medja ponderata tal-prezzijiet ta' unità tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha bl-esklużjoni tar-RPĊ u l-pajjiżi li ma humiex membri tad-WTO elenkati fl-Anness 1 tar-Regolament (UE) 2015/755 ([92]).

(227) Il-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi l-importazzjonijiet mir-RPĊ lejn il-pajjiż rappreżentattiv peress li fit-Taqsima 3.2.10 ikkonkludiet li mhuwiex xieraq li jintużaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fir-RPĊ minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Minħabba li ma hemmx evidenza li turi li l-istess distorsjonijiet ma jaffettwawx bl-istess mod il-prodotti maħsuba għall-esportazzjoni, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-istess distorsjonijiet affettwaw il-prezzijiet tal-esportazzjoni. Il-volumi li jifdal jitqiesu bħala rappreżentattivi.

(228) Għall-prezzijiet mingħajr distorsjoni tal-minerali u l-konċentrati tat-titanju, il-Kummissjoni użat bħala bażi l-prezzijiet kif irrapportati minn TZMI, li magħhom żdiedu l-kostijiet tat-trasport. Il-kost unitarju tat-trasport ġie stabbilit bħala differenza bejn il-prezz CIF tal-ilmenit kif irrapportat fil-Metal Bulletin/Fast Markets ([93]) u l-prezz FOB għall-istess tip ta' mineral tat-titanju, kif irrapportat minn TZMI.

(229) Il-Kummissjoni esprimiet il-kost tat-trasport imġarrab mill-produtturi esportaturi li kkooperaw għall-provvista ta' materja prima bħala perċentwal tal-kost reali ta' tali materja prima u mbagħad applikat l-istess perċentwal għall-kost mingħajr distorsjoni tal-istess materja prima biex jinkiseb il-kost mingħajr distorsjoni tat-trasport. Il-Kummissjoni kkunsidrat li, fil-kuntest ta' din l-investigazzjoni, il-proporzjon bejn il-materja prima tal-produttur esportatur u l-kostijiet tat-trasport irrapportati jista' jintuża b'mod raġonevoli bħala indikazzjoni biex jiġu stmati l-kostijiet mingħajr distorsjoni tat-trasport meta tiġi kkonsenjata lill-fabbrika tal-kumpanija.

(230) LB afferma li l-kost tal-mineral tat-titanju miksub domestikament minn minjieri relatati huwa fil-fatt imġarrab u mhux distort skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni tfakkar li biex jiġi prodott it-TiO_2, hija meħtieġa firxa ta' inputs, inklużi l-minerali. Meta l-produtturi tat-TiO_2 jiksbu dawn l-inputs domestikament, il-prezzijiet li jħallsu (u li huma rreġistrati bħala l-kostijiet tagħhom) huma esposti b'mod ċar għall-istess distorsjonijiet kif deskritt fil-premessa (195) hawn fuq. B'mod aktar speċifiku, input li fih innifsu ġie prodott fiċ-Ċina billi ġiet ikkombinata firxa ta' fatturi ta' produzzjoni u kostijiet tal-input (bħal materja prima, enerġija, art, finanzjament, manodopera, eċċ.) huwa wkoll espost għal distorsjonijiet sinifikanti. L-ebda evidenza jew argument kuntrarju ma ġie ppreżentat mill-GTĊ jew mill-produtturi esportaturi fl-investigazzjoni preżenti u għalhekk l-argument ta' LB kellu jiġi miċħud.

([92]) L-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku jqis li l-prezzijiet domestiċi f'dawn il-pajjiżi ma jistgħux jintużaw għall-fini tad-determinazzjoni tal-valur normali.
([93]) https://www.fastmarkets.com/login.

3.4.3. *Manodopera*

(231) Il-Kummissjoni użat l-istatistika ppubblikata mill-IBGE ([94]) biex tiddetermina l-pagi fil-Brażil bl-użu tal-informazzjoni dettaljata dwar il-pagi fis-settur tal-produzzjoni għall-2021, għall-attività ekonomika 20.1 "Manifattura ta' prodotti kimiċi inorganiċi" skont il-klassifikazzjoni NACE Rev.2.

(232) L-istatistika tal-IBGE tipprovdi informazzjoni dwar il-pagi annwali totali u l-imposti relatati u dwar l-għadd ta' impjegati fis-settur kimiku. Ġiet ikkunsidrata biss l-informazzjoni relatata mal-persunal marbut mal-produzzjoni. Il-valuri ġew indiċjati mal-perjodu ta' investigazzjoni bl-użu tal-indiċi nazzjonali tal-prezzijiet tal-konsumatur ([95]).

3.4.4. *Elettriku*

(233) Il-Kummissjoni użat l-istatistika tal-prezzijiet tal-elettriku industrijali ppubblikata mill-Ministeru tal-Minjieri u l-Enerġija tal-Brażil ([96]) għall-perjodu ta' investigazzjoni. Ir-rati ppubblikati fil-bullettin ta' kull xahar kienu jinkludu l-"Imposto sobre Circulação de Mercadorias e Serviços" ("ICMS"), taxxa imposta mill-Istati Brażiljani fuq iċ-ċirkolazzjoni tal-merkanzija u l-provvista ta' servizzi ta' trasport u komunikazzjonijiet interstatali u intermuniċipali. Din it-taxxa setgħet tintalab lura mill-utenti industrijali u għalhekk ma tħallsitx b'mod effettiv. Peress li l-ICMS inġabret mill-biċċa l-kbira tal-istati bir-rata ta' 17 % sa 18 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni kkalkulat mill-ġdid il-parametru referenzjarju tal-elettriku, u naqqset medja ta' 17,5 % mir-rati ppubblikati.

3.4.5. *Gass naturali*

(234) Il-Kummissjoni użat il-prezz tal-gass naturali għall-utenti industrijali fil-Brażil kif ippubblikat mill-Ministeru tal-Minjieri u l-Enerġija tal-Brażil ([97]) għall-perjodu ta' investigazzjoni. Ir-rati ppubblikati fil-bullettin ta' kull xahar kienu jinkludu t-taxxa tal-ICMS, u l-Kummissjoni applikat il-metodoloġija użata għad-determinazzjoni tal-prezzijiet tal-elettriku, kif deskritt fil-premessa (233).

3.4.6. *Fwar*

(235) Il-Kummissjoni kkalkulat il-prezz tal-fwar fil-Brażil bl-użu tal-metodoloġija ssuġġerita mid-Dipartiment tal-Enerġija tal-Istati Uniti ([98]). Din il-metodoloġija tipprovdi kost għall-fwar ibbażat fuq l-input tas-sħana meħtieġ biex jiġi prodott. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni użat il-gass naturali bħala input tas-sħana u użat il-prezz tal-gass għall-utenti industrijali fil-Brażil kif ippubblikat mill-Ministeru tal-Minjieri u l-Enerġija tal-Brażil li jkopri l-perjodu ta' investigazzjoni.

3.4.7. *Kostijiet ġenerali tal-manifattura, SG&A u profitti*

(236) Skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "il-valur normali maħdum għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti". Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi stabbilit valur għall-kostijiet ġenerali tal-manifattura biex ikopri l-kostijiet mhux inklużi fil-fatturi ta' produzzjoni msemmija hawn fuq.

(237) Il-kostijiet ġenerali tal-manifattura mġarrba mill-produtturi esportaturi li kkooperaw ġew espressi bħala sehem tal-kostijiet tal-manifattura effettivament imġarrba mill-produtturi esportaturi. Dan il-perċentwal ġie applikat għall-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-manifattura.

(238) Għall-istabbiliment ta' ammont mingħajr distorsjoni u raġonevoli għall-SG&A u għall-profitt fil-livell tal-kummerċ mill-fabbrika, il-Kummissjoni qagħdet fuq id-*data* finanzjarja għall-2022 ta' Tronox Brazil kif estratta mis-sit web tal-kumpanija ([99]).

([94]) https://www.ibge.gov.br/estatisticas/economicas/industria/9042-pesquisa-industrial-anual.html?=&t=destaques.
([95]) https://www.ibge.gov.br/en/statistics/economic/prices-and-costs/17136-national-consumer-pricce-index.html?edicao=36055&t=downloads.
([96]) https://www.gov.br/mme/pt-br/assuntos/secretarias/sntep/publicacoes/boletins-mensais-de-energia/2023-1/ingles.
([97]) https://www.gov.br/mme/pt-br/assuntos/secretarias/sntep/publicacoes/boletins-mensais-de-energia/2023-1/ingles
([98]) https://www1.eere.energy.gov/manufacturing/tech_assistance/pdfs/steam15_benchmark.pdf (aċċessat l-aħħar fit-22 ta' April 2024) Il-metodoloġija tirreferi għall-kost. Fl-applikazzjoni tal-metodoloġija, intużat medja ta' dawn il-valuri tipiċi.
([99]) https://www.tronox-ri.com.br/informacoes-financeiras/central-de-resultados/https://www.tronox-ri.com.br/informacoes-financeiras/central-de-resultados/.

3.4.8. *Kalkolu*

(239) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni bniet il-valur normali għal kull tip ta' prodott fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

(240) L-ewwel nett, il-Kummissjoni stabbiliet il-kostijiet tal-manifattura mingħajr distorsjoni. Il-Kummissjoni applikat il-kostijiet unitarji mingħajr distorsjoni għall-konsum effettiv tal-fatturi individwali tal-produzzjoni tal-produtturi esportaturi li kkooperaw. Dawn ir-rati ta' konsum ipprovduti ġew ivverifikati matul il-verifiki. Il-Kummissjoni mmultiplikat il-fatturi tal-użu bil-kostijiet mingħajr distorsjoni għal kull unità li ġew osservati fil-pajjiż rappreżentattiv, kif deskritt fit-Taqsima 3.4.1.

(241) Ladarba ġie stabbilit il-kost tal-manifattura mingħajr distorsjoni, il-Kummissjoni applikat l-ispejjeż ġenerali tal-manifattura, l-SG&A u l-profitt kif innotat fit-Taqsima 3.4.7. L-SG&A u l-profitt ġew iddeterminati fuq il-bażi tar-rapporti finanzjarji ta' Tronox Brażil kif spjegat fit-taqsima 3.3.3. L-SG&A espressi bħala perċentwal tal-Kostijiet tal-Prodotti Mibjugħa ("COGS") u applikati għall-kostijiet tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni, ammontaw għal 5,9 %. Il-profitt, espress bħala perċentwal tas-COGS u applikat għall-kostijiet tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni, ammonta għal 5,0 %.

(242) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali għal kull tip ta' prodott fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

3.5. **Prezz tal-esportazzjoni**

(243) Il-produtturi esportaturi fil-kampjun esportaw lejn l-Unjoni jew direttament lil klijenti indipendenti jew permezz ta' kumpaniji relatati.

(244) Għall-produtturi esportaturi li esportaw il-prodott ikkonċernat direttament lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, il-prezz tal-esportazzjoni kien il-prezz li effettivament tħallas jew dak pagabbli għall-prodott ikkonċernat meta nbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

(245) Għall-produtturi esportaturi li esportaw il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni anki permezz ta' kumpanija relatata li taġixxi bħala importatur, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezz li bih il-prodott importat reġa' nbiegħ għall-ewwel darba lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. F'dan il-każ, saru aġġustamenti fil-prezz għall-kostijiet kollha mġarrba bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, inklużi l-ispejjeż SG&A tal-importatur relatat, u profitt raġonevoli.

(246) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni ta' importaturi mhux relatati f'dan il-każ, f'din l-investigazzjoni ntuża profitt raġonevoli stabbilit għal 6,89 % fl-investigazzjoni reċenti dwar l-alkoħols tal-polivinil ("PVA", polyvinyl alcohols) ([100]) għal prodott kimiku ieħor, biex jiġi stabbilit prezz tal-esportazzjoni affidabbli fil-livell tal-fruntiera tal-Unjoni.

3.6. **Tqabbil**

(247) L-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku jirrikjedi li l-Kummissjoni tagħmel paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni fl-istess livell ta' kummerċ u tagħmel konċessjoni għad-differenzi fil-fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet. F'dan il-każ, il-Kummissjoni għażlet li tqabbel il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi fil-kampjun fil-livell tal-kummerċ kif joħroġ mill-fabbrika. Kif spjegat aktar hawn taħt, fejn xieraq, il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni ġew aġġustati sabiex: (i) jiġu nnettjati lura għal-livell ta' kif joħorġu mill-fabbrika; u (ii) jagħmlu konċessjonijiet għal differenzi fil-fatturi li ġew iddikjarati, u murija, li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet.

3.6.1. *Aġġustamenti magħmula fil-valur normali*

(248) Kif spjegat fil-premessa (239), il-valur normali ġie stabbilit fil-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika bl-użu tal-kostijiet tal-produzzjoni flimkien mal-ammonti tal-SG&A u tal-profitt, li tqiesu bħala raġonevoli għal dak il-livell ta' kummerċ. Għalhekk, ma kien meħtieġ l-ebda aġġustament biex il-valur normali jiġi nnettjat lura għal-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika.

([100]) Il-premessa (352) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1336 tal-25 ta' Settembru 2020 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti alkoħols tal-polivinil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 315, 29.9.2020, p. 1).

(249) Il-Kummissjoni ma sabet l-ebda raġuni biex tagħmel xi konċessjoni għall-valur normali (minbarra l-aġġustament għall-VAT, li kien pagabbli fuq il-bejgħ għall-esportazzjoni mingħajr rifużjoni), u dawn il-konċessjonijiet lanqas ma ġew ikklejmjati minn xi wieħed mill-produtturi esportaturi fil-kampjun.

3.6.2. *Aġġustamenti magħmula fil-prezz tal-esportazzjonti*

(250) Sabiex il-prezz tal-esportazzjoni jiġi nnettjat lura għal-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika, saru aġġustamenti minħabba t-trasport, il-kostijiet tal-ħażna, id-dazji doganali, l-assigurazzjoni, l-immaniġġar u l-ispejjeż tat-tagħbija.

(251) Saru konċessjonijiet għall-fatturi li ġejjin li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet: il-kummissjoni, il-kostijiet tal-kreditu u l-ispejjeż bankarji.

(252) Fir-rigward tal-aġġustament għall-kummissjonijiet, matul il-perjodu ta' investigazzjoni, LB esportat it-TiO_2 lejn l-Unjoni permezz ta' negozjanti relatati li jinsabu barra mill-Unjoni, jiġifieri f'Hong Kong u fir-Renju Unit. In-negozjanti kellhom ir-responsabbiltà għall-proċess tal-bejgħ u r-riskji kummerċjali assoċjati miegħu u rċevew marġni kummerċjali għall-bejgħ. Għalhekk, il-Kummissjoni sabet li l-funzjonijiet ta' dawn in-negozjanti kienu simili għal dawk ta' aġent li jaħdem fuq bażi ta' kummissjoni. Konsegwentement, sar ukoll aġġustament skont l-Artikolu 2(10)(i) għall-bejgħ permezz tal-kumpaniji kummerċjali relatati. L-aġġustament kien jikkonsisti fit-tnaqqis tal-SG&A tal-kumpaniji kummerċjali u profitt ta' 6,89 % stabbilit kif stabbilit fil-premessa (246).

3.7. **Marġnijiet ta' dumping**

(253) Għall-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun li kkooperaw, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip ta' prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tat-tip korrispondenti tal-prodott konċernat, skont l-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(254) Fuq din il-bażi, il-marġnijiet ta' dumping medji ponderati provviżorji, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni provviżorju ta' dumping
LB group: — LB GROUP CO., LTD. — HENAN BILLIONS ADVANCED MATERIAL CO., LTD. — LB LUFENG TITANIUM INDUSTRY CO., LTD. — LB SICHUAN TITANIUM INDUSTRY CO., LTD. — LB XIANGYANG TITANIUM INDUSTRY CO., LTD.	39,7 %
Anhui Gold Star group: — Anhui Gold Star Titanium Dioxide (Group) Co., Ltd. — ANHUI GOLD STAR TITANIUM DIOXIDE TRADING COMPANY LIMITED	14,4 %

(255) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw li mhumiex inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni kkalkulat il-marġni tad-dumping medju ponderat, f'konformità mal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku. Għaldaqstant, dak il-marġni kien stabbilit fuq il-bażi tal-marġnijiet tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun.

(256) Fuq il-bażi ta' dan, il-marġini tad-dumping provviżorju tal-produtturi esportaturi li kkooperaw u li ma kinux inklużi fil-kampjun kien ta' 35,0 %.

(257) Għall-produtturi esportaturi l-oħrajn kollha fir-RPĊ, il-Kummissjoni stabbiliet il-marġni tad-dumping fuq il-bażi tal-fatti disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi.

(258) Il-livell ta' kooperazzjoni huwa l-volum ta' esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw lejn l-Unjoni espress bħala proporzjon tal-importazzjonijiet totali mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni, li ġew stabbiliti abbażi tal-istatistika tal-Eurostat.

(259) Il-livell ta' kooperazzjoni f'dan il-każ huwa għoli minħabba li l-esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw kienu jikkostitwixxu aktar minn 96 % tal-importazzjonijiet totali matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni ddeċidiet li tistabbilixxi l-marġni tad-dumping għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx fil-livell tal-kumpanija inkluża fil-kampjun li kkooperat bl-ogħla marġni tad-dumping.

(260) Il-marġnijiet provviżorji tad-dumping, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni provviżorju ta' dumping
LB group: — LB GROUP CO., LTD. — HENAN BILLIONS ADVANCED MATERIAL CO., LTD. — LB LUFENG TITANIUM INDUSTRY CO., LTD. — LB SICHUAN TITANIUM INDUSTRY CO., LTD. — LB XIANGYANG TITANIUM INDUSTRY CO., LTD.	39,7 %
Il-grupp Anhui Gold Star: — Anhui Gold Star Titanium Dioxide (Group) Co., Ltd. — ANHUI GOLD STAR TITANIUM DIOXIDE TRADING COMPANY LIMITED	14,4 %
Kumpaniji oħra li kkooperaw	35,0 %
Il-kumpaniji l-oħra kollha	39,7 %

4. DANNU

4.1. Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni

(261) Il-prodott simili kien manifatturat minn 11-il produttur fl-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Dawn jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(262) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni ġiet stabbilita għal madwar 560 000 tunnellata. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra abbażi tal-informazzjoni kollha disponibbli dwar l-industrija tal-Unjoni, bħall-makrokwestjonarju ppreżentat mill-ilmentatur. Kif indikat fil-premessa (8), tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw 50 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.

4.2. Determinazzjoni tas-suq rilevanti tal-Unjoni

(263) Sabiex jiġi stabbilit jekk l-industrija tal-Unjoni sofrietx dannu u sabiex jiġi ddeterminat il-konsum u d-diversi indikaturi ekonomiċi relatati mas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-użu sussegwenti tal-produzzjoni tal-industrija fl-Unjoni tal-prodott simili kellux jiġi kkunsidrat fl-analiżi, u sa liema punt.

(264) Il-Kummissjoni sabet li parti żgħira mill-produzzjoni totali tal-produtturi tal-Unjoni kienet destinata għas-suq kaptiv. Tnejn biss mill-ħdax-il produttur tal-Unjoni rrapportaw li biegħu l-prodott b'mod kaptiv u minħabba n-natura kummerċjali kunfidenzjali ta' din id-*data*, il-volumi eżatti ma jistgħux jiġu żvelati f'dan ir-Regolament. Iż-żewġ produtturi ma kinux fost il-produtturi inklużi fil-kampjun. Is-suq kaptiv kien stabbli u inqas minn 1 % tal-konsum totali tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(265) Il-Kummissjoni eżaminat ċerti indikaturi makroekonomiċi relatati mal-industrija tal-Unjoni abbażi tad-*data* tal-bejgħ fis-suq ħieles. Dawn l-indikaturi huma: il-volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni u l-ishma mis-suq.

(266) Indikaturi makroekonomiċi oħra jistgħu jiġu eżaminati b'mod sinifikanti biss billi ssir referenza għall-attività kollha, inkluż l-użu kaptiv u l-bejgħ ristrett tal-industrija tal-Unjoni. Dawn huma: il-volumi tal-produzzjoni; il-kapaċità; l-użu tal-kapaċità; l-impjieg; il-produttività; u l-bejgħ għall-esportazzjoni. Huma jiddependu fuq l-attività kollha, kemm jekk il-produzzjoni tkun kaptiva kif ukoll jekk tinbiegħ fis-suq ħieles.

(267) Finalment, meta jitqies li żewġ produtturi mhux inklużi fil-kampjun biss irrapportaw ammonti limitati ħafna ta' bejgħ kaptiv, dak il-bejgħ mhuwiex rifless fl-analiżi tal-indikaturi mikroekonomiċi, li huma bbażati fuq *data* rrapportata mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(268) Minħabba li parti żgħira biss mill-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni kienet destinata għas-suq kaptiv, l-investigazzjoni ma sabet l-ebda differenza sinifikanti bejn l-indikaturi ekonomiċi kemm jekk eżaminati b'referenza għall-attività kollha kif ukoll abbażi tad-*data* għas-suq ħieles.

4.3. **Konsum tal-Unjoni**

(269) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni abbażi tal-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni lis-suq tal-Unjoni, miksub mit-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u l-makrokwestjonarju ppreżentat mill-ilmentatur, u l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-prodott ikkonċernat minn pajjiżi terzi abbażi tal-istatistika tal-Eurostat.

(270) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 2

Konsum tal-Unjoni (tunnellati)

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Konsum totali tal-Unjoni	1 220 424	1 267 582	1 125 734	954 998
Indiċi	*100*	*104*	*92*	*78*

Sors: it-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, il-makrokwestjonarju, l-Eurostat.

(271) Il-konsum tal-Unjoni żdied b'4 punti perċentwali mill-2020 sal-2021 u kien ogħla mis-soltu fis-sentejn li huma. Dan kien prinċipalment minħabba l-lockdowns tal-COVID-19 li wasslu lin-nies biex jirrinnovaw djarhom, li rriżulta f'domanda għolja għal żebgħa u kisi għal ġewwa u, konsegwentement, għat-TiO_2 bħala l-materja prima ewlenija tagħhom. Peress li l-pandemija tal-COVID-19 kienet preżenti matul is-sena 2021 (mentri min-naħa l-oħra ġiet iddikjarata biss f'nofs Marzu 2020), loġikament isegwi li l-effetti pożittivi li rriżultaw fuq id-domanda fis-suq tal-Unjoni kienu aktar evidenti fl-2021.

(272) Wara tali domanda massima, il-konsum tal-Unjoni naqas fl-2022 bi 12-il punt perċentwali, u fil-perjodu ta' investigazzjoni b'14-il punt perċentwali oħra.

4.4. **Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat**

4.4.1. *Volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat*

(273) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet abbażi tal-istatistika tal-Eurostat. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ġie stabbilit abbażi tal-volum tal-importazzjoni u l-konsum totali tal-Unjoni kif stabbilit fit-Tabella 2 hawn fuq.

(274) L-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppaw kif ġej:

Tabella 3

Volum tal-bejgħ (tunnellati) u sehem mis-suq

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat (tunnellati)	178 256	169 146	186 885	209 375
Indiċi	*100*	*95*	*105*	*117*
Sehem mis-suq	15 %	13 %	17 %	22 %
Indiċi	*100*	*91*	*114*	*150*

Sors: Eurostat.

(275) L-importazzjonijiet Ċiniżi kienu preżenti fis-suq tal-Unjoni mill-bidu tal-perjodu kkonċernat. L-importazzjonijiet juru xejra ta' żieda, li tirriżulta f'żieda ġenerali ta' 17 % mill-2020 sal-perjodu ta' investigazzjoni. Fis-suq li qed jiċkien osservat fl-2022 u fil-perjodu ta' investigazzjoni (ara t-Tabella 2 hawn fuq), dan irriżulta f'żieda sinifikanti ta' 50 % tas-sehem mis-suq Ċiniż mill-2020 sal-perjodu ta' investigazzjoni.

(276) Fl-2021, kien hemm treġġigħ lura temporanju ta' din iż-żieda kontinwa fil-volumi tal-importazzjonijiet Ċiniżi u fis-sehem mis-suq minħabba ċirkostanzi straordinarji tal-kriżi tat-tbaħħir li kienet prevalenti fl-2021. Il-volum tal-importazzjonijiet miċ-Ċina u s-sehem mis-suq tagħhom naqsu dik is-sena b'5 % u 9 %, rispettivament.

(277) Madankollu, hekk kif il-kriżi tat-trasport marittimu bdiet tonqos fl-2022, l-importazzjonijiet Ċiniżi reġgħu bdew jiżdiedu, u kisbu 10 punti perċentwali f'termini ta' volum fl-2022 u 12-il punt perċentwali addizzjonali fil-perjodu ta' investigazzjoni.

4.4.2. *Prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u twaqqigħ tal-prezz*

(278) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet abbażi tal-istatistika tal-Eurostat li tiddividi l-valuri totali tal-importazzjonijiet Ċiniżi bil-volum totali ta' dawk l-importazzjonijiet. It-twaqqigħ tal-prezz tal-importazzjonijiet ġie stabbilit abbażi tat-tweġibiet għall-kwestjonarju vverifikati tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun miċ-Ċina.

(279) Il-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 4

Prezzijiet tal-importazzjoni (EUR/tunnellata)

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Iċ-Ċina	1 826	2 507	3 032	2 235
Indiċi	*100*	*137*	*166*	*122*

Sors: Eurostat.

(280) Il-prezzijiet tal-importazzjoni miċ-Ċina żdiedu fl-2021 u fl-2022. L-ilmentatur sostna li tali żieda kkoinċidiet ma' żieda fil-prezzijiet globali tal-mineral tal-ilmenit, kif ukoll maż-żieda fil-kostijiet tat-trasport bil-baħar esperjenzati fl-2021 u fl-2022. Hekk kif il-kostijiet tat-trasport marittimu tbaxxew eqreb lejn il-livelli storiċi sa tmiem l-2022 (jiġifieri, fil-bidu tal-perjodu ta' investigazzjoni), il-prezzijiet Ċiniżi naqsu wkoll paripassu, minkejja li l-kost tal-materja prima ewlenija baqa' għoli.

(281) Minkejja dan, il-prezzijiet sal-konsenja Ċiniżi baqgħu taħt il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, bl-eċċezzjoni fl-2021, meta l-prezzijiet tal-kontejners miċ-Ċina lejn l-Unjoni laħqu l-ogħla livell tagħhom.

(282) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni billi qabblet:

(1) il-prezzijiet tal-bejgħ medji ponderati għal kull tip ta' prodott tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun mitluba lill-klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal livell ta' prezz mill-fabbrika; u

(2) il-prezzijiet medji ponderati korrispondenti għal kull tip ta' prodott tal-importazzjonijiet mill-produtturi esportaturi Ċiniżi li kkooperaw inklużi fil-kampjun lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq bażi ta' Kost, assigurazzjoni u nol (CIF, Cost, insurance, freight), b'aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali u għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni.

(283) It-tqabbil tal-prezzijiet sar fuq bażi ta' tip b'tip għal tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, aġġustati kif xieraq fejn meħtieġ, u wara tnaqqis ta' ribassi u skontijiet. Ir-riżultat tat-tqabbil kien espress bħala perċentwali tal-fatturat teoretiku tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan wera marġni ta' twaqqigħ tal-prezz medju ponderat ta' bejn 14 % u 15,3 % mill-importazzjonijiet mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fis-suq tal-Unjoni. Il-volum tal-importazzjonijiet li nstab li kien qed iwaqqa' l-prezzijiet b'dan il-mod jirrappreżenta madwar 70 % tal-importazzjonijiet totali miċ-Ċina fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(284) Barra minn hekk, il-Kummissjoni stabbiliet l-eżistenza ta' trażżin tal-prezzijiet matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, u t-tnaqqis fil-prezzijiet fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(285) Filwaqt li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi kienu qed jiżdiedu fl-2021 u fl-2022, dawn kienu konsistentement taħt il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, ħlief fl-2021 meta l-kostijiet tat-trasport bil-baħar kienu fl-ogħla livell tagħhom. Kif muri fit-Tabella 8 hawn taħt, id-distakk bejn il-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u l-kostijiet tal-produzzjoni tagħhom kien qed jonqos f'kull sena tal-perjodu kkunsidrat, li juri trażżin tal-prezzijiet.

(286) Barra minn hekk, fil-perjodu ta' investigazzjoni, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi naqsu b'aktar minn kwart meta mqabbla mal-2022, filwaqt li żiedu l-volum u s-sehem mis-suq tagħhom fis-suq tal-Unjoni. Dan ikkawża pressjoni sinifikanti 'l isfel fil-prezzijiet fuq l-industrija tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni, peress li l-industrija tal-Unjoni kellha tnaqqas il-prezzijiet tagħha taħt il-kost tal-produzzjoni tagħha u tassorbi t-telf sabiex iżżomm xi sehem mis-suq, minkejja li l-kostijiet tal-produzzjoni komplew jiżdiedu.

4.5. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.5.1. *Rimarki ġenerali*

(287) F'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżami tal-impatt tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien jinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li kellhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(288) Kif imsemmi fil-premessa (19), intuża l-kampjunar għad-determinazzjoni tad-dannu possibbli li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

(289) Biex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi abbażi tad-*data* li tinsab fit-tweġiba għall-makrokwestjonarju pprovdut mill-ilmentatur u d-*data* tal-Eurostat dwar l-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat. Id-*data* kienet relatata mal-produtturi kollha tal-Unjoni. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi fuq il-bażi tad-*data* inkluża fit-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Id-*data* relatata mal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Iż-żewġ settijiet ta' *data* nstabu li kienu rappreżentattivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(290) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping tal-passat.

(291) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji ta' unità, il-kost ta' unità, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

4.5.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

4.5.2.1. Il-Produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

(292) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 5

Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum tal-produzzjoni (tunnellati)	809 485	843 918	743 733	560 647
Indiċi	*100*	*104*	*92*	*69*
Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati)	964 000	934 300	941 900	943 200
Indiċi	*100*	*97*	*98*	*98*
Użu tal-kapaċità	84 %	90 %	79 %	59 %
Indiċi	*100*	*108*	*94*	*71*

Sors: Makrokwestjonarju pprovdut mill-ilmentatur.

(293) Il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqas b'31 % bejn l-2020 u l-perjodu ta' investigazzjoni, u segwa mill-qrib ix-xejriet osservati fil-volum tal-bejgħ murija fit-Tabella 6 hawn taħt. Dan it-tnaqqis fil-volum tal-produzzjoni kien aktar sinifikanti mit-tnaqqis ta' 22 % fil-konsum tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat. Iż-żieda temporanja fil-volumi tal-produzzjoni osservata fl-2021 hija attribwibbli għaż-żieda fid-domanda kkawżata, kif spjegat fil-premessa (271) hawn fuq, mill-ekonomija "noqogħdu d-dar" matul il-lockdowns tal-COVID-19, li l-industrija tal-Unjoni rnexxielha tibbenefika minnhom b'mod partikolari minħabba t-tnaqqis tal-importazzjonijiet Ċiniżi dik is-sena.

(294) Il-kapaċità totali tal-Unjoni varjat bi 2–3 % matul il-perjodu kkunsidrat. It-tnaqqis fil-kapaċità osservat fl-2021 huwa dovut għall-waqfien tal-produzzjoni ta' xahar għall-manutenzjoni li wieħed mill-produtturi kellu jwettaq dik is-sena, u l-għeluq tal-linja tal-produzzjoni tas-sulfat ta' Kronos Leverkusen. Fl-2022 u fil-perjodu ta' investigazzjoni l-kapaċità żdiedet bi ftit, l-aktar minħabba t-tlestija ta' proġetti li rriżultaw f'nuqqas ta' konġestjoni f'xi impjanti fl-Unjoni.

(295) Barra minn hekk, produttur wieħed tal-Unjoni mhux fil-kampjun, Venator, għalaq tnejn mill-impjanti tiegħu fl-Unjoni: Venator Duisburg u Venator Scarlino. Id-deċiżjonijiet dwar l-għeluq ta' dawn l-impjanti ttieħdu f'Ġunju 2023 u fi Frar 2024 u għalhekk l-effett tal-għeluq ta' dan l-impjant fuq il-volum tal-produzzjoni u fuq il-kapaċità tal-produzzjoni kien għadu mhux viżibbli jew viżibbli biss sa ċertu punt matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

(296) Iż-żieda fl-użu tal-kapaċità osservata fl-2021, filwaqt li tabilħaqq kienet ikkawżata minn żieda fil-volumi netti tal-produzzjoni minħabba żieda fid-domanda matul il-pandemija tal-COVID-19, hija għalhekk akbar minħabba t-tnaqqis fil-kapaċità ġenerali. Il-volumi tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità mbagħad naqsu fl-2022 u speċjalment fil-perjodu ta' investigazzjoni, parzjalment wara x-xejra tat-tnaqqis ġenerali fid-domanda, iżda wkoll minħabba t-telf tas-sehem mis-suq għall-importazzjonijiet Ċiniżi, kif spjegat hawn taħt.

4.5.2.2. Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

(297) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 6

Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni (tunnellati)	604 643	680 395	559 502	451 583
Indiċi	*100*	*113*	*93*	*75*
Sehem mis-suq	49 %	53 %	49 %	47 %
Indiċi	*100*	*108*	*100*	*95*

Sors: Kwestjonarju makro pprovdut mill-ilmentatur u Eurostat.

(298) Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żdied fl-2021 bi 13-il punt perċentwali meta mqabbel mal-2020, prinċipalment minħabba ż-żieda fid-domanda msemmija hawn fuq ikkawżata mill-ekonomija "noqogħdu d-dar" matul il-lockdowns tal-COVID-19 u t-tnaqqis fil-pressjoni eżerċitata mill-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping f'dik is-sena. Kif diġà ġie spjegat hawn fuq, id-domanda għat-TiO_2 bdiet tonqos fl-2022 wara d-domanda għolja fl-2021. Hekk kif il-kriżi tat-trasport marittimu kienet qed tonqos fl-istess ħin, l-importazzjonijiet Ċiniżi bdew jiżdiedu, kemm f'termini assoluti kif ukoll f'ishma mis-suq, li rriżulta fi tnaqqis qawwi fil-volumi tal-bejgħ tal-Unjoni.

(299) L-ishma tas-suq jirriflettu wkoll din ir-realtà tas-suq. Fin-nuqqas ta' importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping fis-suq matul iż-żieda fid-domanda fl-2021, l-industrija tal-Unjoni kisbet 4 punti perċentwali fis-sehem mis-suq. Fis-suq li qed jiċkien tal-2022 u matul il-perjodu ta' investigazzjoni, b'volumi dejjem jiżdiedu ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina, l-industrija tal-Unjoni l-ewwel tilfet 4 punti perċentwali fis-sehem mis-suq fl-2022, u 2 punti perċentwali oħra fil-perjodu ta' investigazzjoni.

4.5.2.3. Tkabbir

(300) Kif spjegat hawn fuq, minħabba ċirkostanzi speċjali kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 (ekonomija "noqogħdu d-dar" minħabba lockdowns f'parti mill-2020 u fl-2021, u l-kriżi tat-trasport marittimu fl-2021), l-industrija tal-Unjoni setgħet tagħmel profitt mill-ogħla domanda fl-2021 bl-importazzjonijiet Ċiniżi jonqsu dik is-sena. Dan ikkalma temporanjament it-tnaqqis tal-industrija tal-Unjoni li, għalkemm fis-suq li qed jiċkien tal-2022 u tul il-perjodu ta' investigazzjoni, tilfet sehem sinifikanti mis-suq favur l-importazzjonijiet Ċiniżi.

4.5.2.4. Impjieg u produttività

(301) L-impjieg u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 7

Impjiegi u produttività

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Numru ta' impjegati	5 105	4 915	4 838	4 787
Indiċi	*100*	*96*	*95*	*94*
Produttività (tunnellati/FTE)	159	172	154	117
Indiċi	*100*	*108*	*97*	*74*

Sors: Makrokwestjonarju pprovdut mill-ilmentatur.

(302) L-industrija tal-Unjoni naqqset b'mod stabbli l-forza tax-xogħol tagħha matul il-perjodu kkunsidrat, hekk kif il-volumi tal-produzzjoni u tal-bejgħ tagħha naqsu.

(303) Il-produttività żviluppat f'konformità mal-bidliet fil-produzzjoni u fl-impjiegi. Dan naqas b'26 % matul il-perjodu kkunsidrat, b'żieda temporanja fl-2021, bis-saħħa taż-żieda fil-produzzjoni u l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni minħabba l-kundizzjonijiet eċċezzjonalment favorevoli msemmija hawn fuq f'dik is-sena.

4.5.2.5. Kobor tal-marġni tad-dumping u rkupru minn dumping fil-passat

(304) Il-marġnijiet kollha tad-dumping kienu ogħla mil-livell de minimis. L-impatt tal-kobor tal-marġnijiet attwali tad-dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien sostanzjali, minħabba l-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat.

(305) Din hija l-ewwel investigazzjoni antidumping dwar il-prodott ikkonċernat. Għaldaqstant, ma kien hemm l-ebda *data* disponibbli biex jiġu vvalutati l-effetti ta' dumping possibbli fil-passat.

4.5.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.5.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(306) Il-prezzijiet medji ponderati ta' bejgħ ta' unità taż-żewġ produtturi tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 8

Prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni fis-suq ħieles (EUR/tunnellata)	2 277	2 432	3 076	2 990
Indiċi	*100*	*107*	*135*	*131*
Kost tal-produzzjoni ta' unità (EUR/tunnellata)	2 010	2 203	3 025	3 442
Indiċi	*100*	*110*	*151*	*171*

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(307) It-Tabella 8 hawn fuq turi li l-perjodu mill-2021 'il quddiem kien perjodu ta' żidiet kontinwi fil-kostijiet, xprunati prinċipalment minn żieda fil-kostijiet tal-materja prima u tal-enerġija prinċipali. Dan kien partikolarment evidenti fl-2022 u fil-perjodu ta' investigazzjoni, meta l-pressjonijiet inflazzjonarji globali żdiedu b'mod sinifikanti. L-ilmentatur sostna li, għalkemm l-invażjoni Russa tal-Ukrajna fi Frar 2022 ikkawżat żieda kbira fil-kostijiet tal-enerġija fl-Unjoni, il-fattur ewlieni li influwenza ż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni huwa ż-żieda fil-kostijiet tal-materja prima ewlenija, il-minerali tat-titanju.

(308) Din iż-żieda osservata fil-kost tal-produzzjoni għalhekk ġiet issodisfata minn żieda fil-prezzijiet fl-2021 u fl-2022, meta l-industrija tal-Unjoni kienet għadha kapaċi żżomm il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha ogħla mill-kostijiet tal-produzzjoni tagħha. Kif turi t-Tabella 8 hawn fuq, madankollu, id-differenza bejn il-kost tal-produzzjoni u l-prezz tal-bejgħ kienet qed tonqos dejjem aktar kull sena. Fl-aħħar nett, fil-perjodu ta' investigazzjoni, minkejja żieda sinifikanti ulterjuri fil-kost meta mqabbla mal-2022, il-produtturi tal-Unjoni mhux biss ma setgħux jibqgħu jżommu l-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom ogħla mill-kost tal-produzzjoni tagħhom, iżda saħansitra kellhom inaqqsu l-prezzijiet tagħhom meta mqabbla mal-2022 biex iżommu xi sehem mis-suq.

(309) Minkejja li d-domanda għat-TiO_2 kienet tabilħaqq l-aktar baxxa fil-perjodu ta' investigazzjoni, l-importazzjonijiet minn diversi sorsi (bħar-Renju Unit u l-Messiku, ara t-Tabella 12 hawn taħt) irnexxielhom iżidu l-prezzijiet tagħhom meta mqabbla mal-2022, filwaqt li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet minn sorsi oħra naqsu biss bi ftit. L-aktar tnaqqis evidenti fil-prezzijiet, u fl-istess ħin l-aktar żieda qawwija fl-ishma mis-suq ġew mill-importazzjonijiet Ċiniżi, li b'hekk b'mod ċar eżerċitaw pressjoni sinifikanti fuq l-industrija tal-Unjoni biex tnaqqas il-prezzijiet tagħha stess.

4.5.3.2. Kostijiet lavorattivi

(310) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 9

Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Kostijiet lavorattivi medji (EUR/FTE)	63 811	67 261	68 562	67 756
Indiċi	*100*	*105*	*107*	*106*

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(311) Il-kost lavorattiv medju għal kull impjegat żdied b'6 % matul il-perjodu kkunsidrat.

4.5.3.3. Inventarji

(312) Il-livelli tal-istokks tat-tliet produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 10

Inventarji

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Stokkijiet tal-għeluq (tunnellati)	74 928	49 858	60 945	49 762
Indiċi	*100*	*67*	*81*	*66*
Stokkijiet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni	9,3	5,9	8,2	8,9
Indiċi	*100*	*64*	*89*	*96*

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(313) Il-livell ta' inventarji f'termini assoluti u bħala perċentwal tal-produzzjoni naqas bi 33 % u 36 %, rispettivament, fl-2021 minħabba kundizzjonijiet favorevoli fejn l-industrija tal-Unjoni setgħet iżżid il-volumi tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tagħha. Hekk kif is-suq beda jiċkien fl-2022, il-volum tal-inventarji reġa' żdied u mhux il-produzzjoni prevista kollha ġiet mibjugħa. Fil-perjodu ta' investigazzjoni, l-inventarji reġgħu naqsu peress li l-volumi tal-produzzjoni kienu qed jitnaqqsu wkoll. Peress li l-volumi tal-bejgħ kienu qed jonqsu fis-suq li qed jiċkien kemm fl-2022 kif ukoll fil-perjodu ta' investigazzjoni, l-inventarji bħala perċentwal tal-produzzjoni bdew jiżdiedu mill-ġdid, u fil-perjodu ta' investigazzjoni laħqu kważi l-istess livell li kienu fl-2020.

4.5.3.4. Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital

(314) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni [inklużi fil-kampjun] żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 11

Profittabbiltà, fluss tal-flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Il-profittabilità tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	7,9	9,8	5,1	– 11,7
Indiċi	*100*	*125*	*65*	*– 148*
Fluss tal-flus (EUR)	92 461 606	124 892 941	3 767 112	– 4 293 138
Indiċi	*100*	*135*	*4*	*– 46*
Investimenti (EUR)	37 870 922	36 314 534	39 542 712	43 030 210
Indiċi	*100*	*96*	*104*	*114*
Redditu fuq l-investimenti	53 %	41 %	2 %	– 67 %
Indiċi	*100*	*79*	*5*	*– 127*

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(315) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabilità tat-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ.

(316) Kif muri fit-Tabella 8 hawn fuq, id-distakk bejn il-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u l-kostijiet tal-produzzjoni tagħhom kien qed jonqos f'kull sena tal-perjodu kkunsidrat, filwaqt li fil-perjodu ta' investigazzjoni l-industrija tal-Unjoni saħansitra kellha tnaqqas il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha taħt il-kost tal-produzzjoni li kien qed jiżdied. Dan juri li filwaqt li t-trażżin tal-prezzijiet kienet preżenti matul il-perjodu kkunsidrat, dan inbidel fi tnaqqis fil-prezzijiet fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(317) L-iżbilanċ taż-żieda fil-kost u l-prezzijiet imrażżna ssarrfu fl-erożjoni fil-profittabbiltà matul il-perjodu kkunsidrat, bis-sena 2021 għal darb' oħra tkun l-eċċezzjoni, kif spjegat hawn taħt.

(318) Barra minn hekk, iż-żieda fil-profittabbiltà fl-2021 hija spjegata mill-fatt li, għalkemm il-profitt nett fuq bejgħ ta' unità fl-2021 (EUR 229, id-differenza bejn il-prezz tal-bejgħ ta' unità u l-kost unitarju tal-produzzjoni) kienet aktar baxxa mill-profitt nett fuq bejgħ ta' unità fl-2020 (EUR 268), il-fluss tal-flus xorta żdied minħabba żieda fil-volumi tal-bejgħ.

(319) Peress li l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni kien qed jonqos fl-2022 u fil-perjodu ta' investigazzjoni, u l-prezzijiet tagħha baqgħu jiġu mrażżna fl-2022 u naqsu fil-perjodu ta' investigazzjoni, il-profittabbiltà tagħha naqset b'4,8 punti perċentwali fl-2022 u b'16,8 punti perċentwali oħra fil-perjodu ta' investigazzjoni, u qalbet drastikament għan-negattiv.

(320) L-investimenti naqsu b'– 4 % fl-2021, qabel ma dehru li żdiedu bi + 8 % fl-2022 u + 10 % oħra fil-perjodu ta' investigazzjoni. Madankollu, din ix-xejra ta' żieda hija qarrieqa, u l-Kummissjoni setgħet tivverifika li din iż-żieda apparenti fl-2022 u l-perjodu ta' investigazzjoni tista' tiġi attribwita b'mod ċar għal investiment wieħed ta' madwar EUR 10 miljun għall-espansjoni tal-kapaċità, mifrux matul l-2022 u l-perjodu ta' investigazzjoni, li produttur wieħed tal-Unjoni kien impenja ruħu li jagħmel preċedentement u ma setax jikkanċellah b'mod raġonevoli. Kif wera l-produttur, l-ippjanar, ix-xogħol ta' bażi, u l-ordni tat-tagħmir kollha saru qabel il-perjodu kkonċernat. Ladarba t-tagħmir ġie kkonsenjat, kellu jiġi installat, minħabba li kien ikun aktar għali li jitħalla ma jintużax u jiġi espost għall-elementi. Minbarra dan l-investiment, iċ-ċifri ġenerali tal-investiment tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu juru xejra ta' tnaqqis simili għal indikaturi ewlenin oħra tad-dannu.

(321) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Fid-dawl tal-iżviluppi deskritti hawn fuq, dan kien qed jonqos kontinwament matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, u naqas minn ċifra b'saħħitha ta' + 53 % fl-2020 għal – 67 % negattiv profond fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(322) Il-ħila tal-industrija tal-Unjoni li tiġġenera l-kapital kienet affettwata b'mod sever mill-erożjoni tal-profittabilità kif ukoll tal-fluss tal-flus imġarrba matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

4.5.4. *Konklużjoni dwar id-dannu*

(323) L-indikaturi ewlenin kollha tad-dannu wrew xejra negattiva matul il-perjodu kkunsidrat u, għalkemm is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni tjiebet temporanjament fl-2021, l-indikaturi tad-dannu naqsu fl-2022 u mbagħad naqsu drastikament fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(324) Il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqas b'31 % u l-volum tal-bejgħ tagħha naqas b'25 % bejn l-2020 u l-perjodu ta' investigazzjoni. Dan it-tnaqqis kien aktar sinifikanti mit-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni, li naqas bi 22 % matul il-perjodu kkunsidrat. Konsegwentement, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas minn 49 % fl-2020 għal 47 % fil-perjodu ta' investigazzjoni b'żieda temporanja fl-2021 u fil-bidu tal-2022.

(325) Fl-istess ħin, l-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu fil-volum bi 17 % matul il-perjodu kkunsidrat u s-sehem mis-suq Ċiniż żdied minn 15 % fl-2020 għal 22 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. L-importazzjonijiet miċ-Ċina naqsu temporanjament fil-volum b'5 % minħabba l-kriżi tat-trasport marittimu bejn l-2020 u l-2021. Billi kienet temporanjament protetta minn importazzjonijiet irħas miċ-Ċina, u b'żieda fid-domanda matul il-pandemija tal-COVID-19, l-industrija tal-Unjoni setgħet iżżid il-kwantitajiet tal-bejgħ u l-prezzijiet tal-bejgħ tagħha, u tikseb profitti għoljin mhux mistennija fl-2021. Madankollu, din ix-xejra pożittiva kienet dovuta għal ċirkostanzi eċċezzjonali, u kienet treġġgħet lura sakemm beda l-perjodu ta' investigazzjoni, meta l-kwantitajiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqsu b'mod sinifikanti (bi 38 punti perċentwali bejn l-2021 u l-perjodu ta' investigazzjoni) u l-profittabbiltà tagħha naqset (minn 10 % fl-2021 għal – 12 % fil-perjodu ta' investigazzjoni).

(326) Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni kienet iffaċċjata b'żieda sinifikanti fil-kost tal-produzzjoni, li żdied b'71 % matul il-perjodu kkunsidrat. Iż-żieda fil-kost kienet xprunata prinċipalment minn kostijiet ogħla tal-materja prima u l-enerġija prinċipali. L-industrija tal-Unjoni, madankollu, ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha b'mod suffiċjenti biex tpatti għal din iż-żieda kbira fil-kost. Il-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom żdiedu biss b'31 % matul il-perjodu kkunsidrat. Il-prezzijiet laħqu l-ogħla livell fl-2022, iżda naqsu b'mod sinifikanti fil-perjodu ta' investigazzjoni, minkejja li l-kostijiet tal-produzzjoni komplew jiżdiedu. B'riżultat ta' dan, l-industrija tal-Unjoni bdiet tagħmel telf fil-perjodu ta' investigazzjoni. Effetti negattivi simili jidhru fil-fluss tal-flus u r-redditu fuq l-investiment.

(327) Kif diġà ġie spjegat fil-premessa (316) hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping Ċiniżi kienu qed jeżerċitaw trażżin tal-prezzijiet fuq l-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, u tnaqqis fil-prezzijiet fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(328) Bħala konklużjoni, għalkemm iċ-ċirkostanzi straordinarji fl-2021 ippermettew lill-industrija tal-Unjoni jkollha prestazzjoni tajba, fis-suq li qed jiċkien tal-2022 u fil-perjodu ta' investigazzjoni, l-importazzjonijiet Ċiniżi kienu qed jiżdiedu u qed jiksbu sehem mis-suq, u b'ħekk irażżnu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, filwaqt li l-kostijiet tal-produzzjoni tagħha kienu qed jiżdiedu. Dan huwa partikolarment evidenti fil-perjodu ta' investigazzjoni, meta l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi naqsu bi kwart meta mqabbla mal-2022.

4.5.4.1. Kummenti mill-partijiet

(329) Diversi partijiet ikkontestaw l-eżistenza ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni.

(330) L-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Industrija tal-Kisi taċ-Ċina ("CNCIA", China National Coatings Industry Association) assoċjazzjoni li tirrappreżenta l-produtturi esportaturi, sostniet li ma kien hemm l-ebda dannu għall-industrija tal-Unjoni, filwaqt li kkwotat ċerti partijiet tar-rapporti annwali ta' diversi produtturi tal-Unjoni, b'mod partikolari Cinkarna, wieħed mill-produtturi tal-Unjoni mhux inklużi fil-kampjun. Is-CNCIA għalhekk sostniet li: (i) Cinkarna żammet il-livelli massimi tal-produzzjoni skont ir-rapport annwali tagħha tal-2022, (ii) Kronos u Cinkarna żiedu l-valur totali tal-bejgħ tagħhom fl-2021 u fl-2022, (iii) Cinkarna, Tronox, u Venator irrapportaw żidiet fil-prezzijiet u/jew fid-dħul fl-2022 meta mqabbla mas-snin preċedenti, (iv) Cinkarna rrapportat żieda fil-profitt u qligħ qabel l-imgħax, it-taxxa, id-deprezzament u l-ammortizzament fl-2022 meta mqabbla mal-2021, u (v) Cinkarna ppjanat li tirdoppja l-livell ta' investimenti tagħha fl-2023.

(331) Il-Kummissjoni nnotat mill-bidu nett li, filwaqt li produtturi differenti jistgħu jkunu sejrin aħjar jew agħar sa ċertu punt, il-prestazzjoni ta' produttur wieħed (Cinkarna), enfasizzata fil-punti (i), (iv), u (v) hawn fuq, mhijiex neċessarjament indikattiva tal-prestazzjoni tal-industrija kollha tal-Unjoni. Din hija preċiżament ir-raġuni għaliex il-Kummissjoni tagħżel kampjun rappreżentattiv tal-produtturi tal-Unjoni, biex tasal għal konklużjoni dwar l-indikaturi mikroekonomiċi abbażi ta' dan il-kampjun. Barra minn hekk, l-analiżi tal-Kummissjoni hija ffukata biss fuq l-indikaturi ekonomiċi relatati mal-prodott li qed jiġi investigat li jirrikjedi analiżi aktar granulari milli sempliċiment jiġu kkunsidrati ċ-ċifri ġenerali fir-rapport annwali tal-produttur tal-Unjoni. Jekk parti interessata tkun tal-opinjoni li l-kampjun propost ma kienx ikun rappreżentattiv għall-industrija tal-Unjoni kollha kemm hi minħabba li waħda mill-kumpaniji inklużi fil-kampjun qed ikollha prestazzjoni ħafna agħar mill-bqija minħabba kwalunkwe ċirkostanza speċifika, jew viċi versa, din il-parti għandha tesprimi l-oppożizzjoni tagħha għall-kampjun propost tal-produtturi tal-Unjoni fil-bidu tal-investigazzjoni, li s-CNCIA ma għamlitx.

(332) Bl-istess mod, il-Kummissjoni nnotat li l-valutazzjoni skont il-punti (ii) u (iii) hawn fuq hija parzjali, filwaqt li tqis biss uħud mill-indikaturi tad-dannu mingħajr ma tqishom fil-kuntest tas-sitwazzjoni totali tal-industrija tal-Unjoni u tas-suq tal-Unjoni, kif tagħmel il-Kummissjoni meta tasal għall-konklużjonijiet tagħha fl-investigazzjonijiet anti-dumping. Kif muri fit-Tabella 8 hawn fuq, il-prezzijiet medji tal-bejgħ ta' unità tal-industrija tal-Unjoni żdiedu kemm fl-2021 kif ukoll fl-2022. Madankollu, din iż-żieda fil-prezzijiet kienet xprunata mill-ħtieġa li tinżamm il-profittabbiltà paripassu maż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tabilħaqq sabet li l-valur globali tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żdied fl-2022 meta mqabbel mal-2021. Dan ma jfissirx, madankollu, prestazzjoni mtejba fis-suq kif issuġġeriet is-CNCIA, peress li l-volumi totali tal-bejgħ kienu qed jonqsu. Għalhekk, l-eżami b'mod iżolat tal-valur totali tal-bejgħ f'sena partikolari mhuwiex informattiv.

(333) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-elementi enfasizzati mis-CNCIA, elenkati fil-premessa (330) hawn fuq, għalkemm fattwalment veri, ma jinvalidawx il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kollha kemm hi.

(334) Is-CNCIA indikat ukoll li fid-deċiżjoni tagħha dwar it-tmiem tal-investigazzjoni anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu tartariku li joriġinaw miċ-Ċina, ([101]) il-Kummissjoni ma sabet l-ebda dannu anki jekk is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni f'dak il-każ naqas b'21 %, meta mqabbel ma' tnaqqis ta' 2 punti perċentwali biss f'dan il-każ. Kif iddikjarat fil-premessa (332) hawn fuq, il-Kummissjoni tqis l-indikaturi kollha tad-dannu b'mod olistiku, fil-kuntest tas-sitwazzjoni ġenerali tal-industrija tal-Unjoni u tas-suq tal-Unjoni, li huma naturalment differenti f'kull investigazzjoni, u għalhekk il-konklużjonijiet finali jsiru fuq il-bażi ta' każ b'każ. Il-Kummissjoni nnotat f'dak ir-rigward li s-CNCIA qed tiffoka biss fuq element wieħed tal-investigazzjoni msemmija hawn fuq, filwaqt li d-deċiżjoni ta' terminazzjoni kienet fil-fatt ibbażata fuq diversi fatturi, b'mod partikolari l-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni ([102]). Fi kwalunkwe każ, iċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' dak il-każ ma għandhom l-ebda effett fuq iċ-ċirkostanzi f'din l-investigazzjoni.

(335) Is-CNCIA sostniet ukoll li t-tnaqqis fil-produzzjoni osservat wara l-2021 jista' jiġi attribwit għall-għeluq tal-impjanti deskritti fil-premessi (294) u (295) hawn fuq. Kif huwa evidenti mill-makrokwestjonarju ppreżentat mill-ilmentatur, madankollu, kważi l-volumi kollha tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni naqsu kemm fl-2021 kif ukoll fl-2022 sena wara sena, u mhux biss f'dawk it-tliet impjanti. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din l-affermazzjoni bħala infondata.

(336) Utent, PPG Industries Europe Sarl ("PPG"), sostna wkoll li ma hemm l-ebda trażżin tal-prezzijiet, minħabba li Venator iddeċieda li jżid il-prezzijiet globalment, inkluż fl-Unjoni, fil-bidu tal-2024 minħabba l-ħtieġa li "jinbeda l-proċess tal-irkupru tal-marġnijiet għal livelli sostenibbli", filwaqt li kkwota l-istqarrija għall-istampa ta' Venator minn Frar 2024 ([103]). Madankollu, dan mhuwiex rilevanti fil-kuntest tal-analiżi ta' hawn fuq, peress li dawn l-affermazzjonijiet mill-Venator saru wara l-perjodu ta' investigazzjoni, filwaqt li l-analiżi u l-valutazzjonijiet kollha ta' hawn fuq iħarsu lura, lejn il-perjodu ta' investigazzjoni u t-tliet snin preċedenti. Barra minn hekk, ma tista' tinsilet l-ebda konklużjoni dwar it-trażżin tal-prezzijiet mis-sempliċi fatt li produttur wieħed tal-Unjoni ħabbar żidiet fil-prezzijiet. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din l-affermazzjoni.

([101]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/176 tad-9 ta' Frar 2016 li ttemm il-proċedura antidumping fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-aċidu tartariku li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u li huwa prodott minn Hangzhou Bioking Biochemical Engineering Co. Ltd (ĠU L 33, 10.2.2016, p. 14).

([102]) *Ibid.*, premessi (140) u (141).

([103]) Stqarrija għall-Istampa ta' Venator, "Venator Anunces Transformative Business Plan and Intends to Shut Down TiO_2 Production in DuisbUrg, Germany", L-1 ta' Frar 2024, disponibbli fuq: https://www.venatorcorp.com/%7E/media/Files/V/Venator/press-releases/press-release-fv-eng.pdf (aċċessat l-aħħar fid-29 ta' Mejju 2024).

(337) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet f'dan l-istadju li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

5. KAWŻA

(338) F'konformità mal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi magħrufa oħrajn setgħux fl-istess ħin ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni żgurat li kull dannu possibbli kkawżat minn fatturi oħra apparti l-importazzjonijiet oġġett ta dumping mill-pajjiż ikkonċernat ma kienx attribwit għall-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Dawn il-fatturi huma: l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni u fatturi oħra, bħat-tnaqqis globali fil-konsum wara l-pandemija tal-COVID-19, bassru titjib fil-kundizzjonijiet tas-suq, żieda fil-kost tal-produzzjoni, u projbizzjoni fuq l-użu ta' TiO_2 għall-użu alimentari fl-Unjoni.

5.1. Effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping

(339) Kif spjegat fil-premessa (271) hawn fuq, il-konsum tal-Unjoni żdied matul il-pandemija tal-COVID-19, fejn il-lockdowns fl-Unjoni wasslu lin-nies biex jirrinnovaw djarhom, li rriżulta f'żieda fid-domanda għat-TiO_2 fl-2020 u speċjalment fl-2021. Din iż-żieda qawwija fid-domanda kienet segwita minn tnaqqis daqstant evidenti fid-domanda osservat fl-2022 u fil-perjodu ta' investigazzjoni. Filwaqt li dan it-tnaqqis kien prinċipalment xprunat minn tneħħija tal-istokks wara ż-żieda fid-domanda fl-2020 u fl-2021, dan kompla jiġi aggravat mill-pressjonijiet inflazzjonarji ġenerali li bdew fl-2022 u x'aktarx il-biża' ta' instabbiltà tas-suq ikkawżata mill-invażjoni Russa tal-Ukrajna.

(340) Kif muri fit-Tabella 3, l-importazzjonijiet Ċiniżi żammew preżenza qawwija fl-Unjoni fi ħdan tali suq u żdiedu fil-volum bi 17 % mill-2020 sal-perjodu ta' investigazzjoni. Anki fis-suq li kien qed jiċkien osservat fl-2022 u fil-perjodu ta' investigazzjoni, dan irriżulta f'żieda sinifikanti ta' 50 % tas-sehem mis-suq Ċiniż mill-2020 sal-perjodu ta' investigazzjoni. Din ix-xejra treġġgħet lura temporanjament biss fl-2021: il-volum tal-importazzjonijiet miċ-Ċina u s-sehem mis-suq tagħhom naqsu dik is-sena b' 5 % u 9 %, rispettivament, li jista' jiġi attribwit għall-kriżi tat-trasport marittimu, u b'ħekk naqsu l-volumi ta' oġġetti li ġejjin miċ-Ċina. Flimkien mad-domanda massima fl-2021, dan ipprovda ftit serħan għall-industrija tal-Unjoni li ppermettielha żżid b'mod sinifikanti l-volumi tal-bejgħ tagħha u temporanjament terġa' tikseb is-sehem mis-suq (ara t-Tabella 6 hawn fuq).

(341) Madankollu, ħekk kif il-kriżi tat-trasport marittimu bdiet tonqos fl-2022, l-importazzjonijiet Ċiniżi reġgħu bdew jiżdiedu, u żdiedu b'10 % f'termini ta' volum fl-2022 u bi 12 % addizzjonali fil-perjodu ta' investigazzjoni, għad-detriment tal-produtturi tal-Unjoni, u tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra (ara t-Tabella 12 hawn taħt). Dan huwa rifless b'mod ċar fl-ishma mis-suq, fejn is-sehem mis-suq dejjem akbar tal-importazzjonijiet Ċiniżi jikkoinċidi perfettament mas-sehem mis-suq tal-produtturi tal-Unjoni u tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi li t-tnejn naqsu kemm fl-2022 kif ukoll fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(342) Il-prezzijiet tal-importazzjoni miċ-Ċina jirriflettu wkoll ir-realtajiet tas-suq ta' hawn fuq. Il-prezzijiet Ċiniżi ta' wara l-kunsinna baqgħu taħt il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, ħlief fl-2021 meta l-kriżi tat-trasport marittimu u l-kost tat-trasport marittimu miċ-Ċina lejn l-Ewropa laħqu l-quċċata tagħhom. Barra minn hekk, il-prezzijiet Ċiniżi ta' wara l-kunsinna kienu saħansitra taħt il-kost medju tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni kemm fl-2020 kif ukoll fil-perjodu ta' investigazzjoni, filwaqt li fl-2022 kienu bażikament fl-istess livell. Li kieku l-kostijiet tat-trasport marittimu ma splodewx fl-2021 u fl-2022, il-prezzijiet Ċiniżi ta' wara l-kunsinna setgħu faċilment jibqgħu taħt il-kost unitarju tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(343) Anki kif kienu, il-prezzijiet Ċiniżi kkawżaw b'mod ċar trażżin tal-prezzijiet lill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni (ara l-premessa (284)) u tnaqqis fil-prezzijiet fil-perjodu ta' investigazzjoni (ara l-premessa (286)).

(344) Barra minn hekk, kif diġà ssemma fil-premessi (282) u (283), il-Kummissjoni stabbiliet marġni ta' twaqqigħ tal-prezz medju ponderat ta' bejn 14 % u 15,3 % mill-importazzjonijiet mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fis-suq tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni, li jikkoinċidi maż-żmien meta s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kienet qed tiddeterjora dejjem aktar.

(345) L-analiżi tal-indikaturi tad-dannu fil-premessi (269) sa (337) turi li s-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni marret għall-agħar speċjalment lejn tmiem il-perjodu kkunsidrat u dan ikkoinċida ma' żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat, li nstabu li waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dawk l-importazzjonijiet, fi kwalunkwe każ, ikkawżaw trażżin sinifikanti tal-prezzijiet matul il-perjodu kkunsidrat u tnaqqis fil-prezzijiet fil-perjodu ta' investigazzjoni, peress li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tagħha f'konformità maż-żieda fil-kost tal-produzzjoni, u saħansitra kellha tnaqqas il-prezzijiet taħt il-kost tal-produzzjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(346) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni stabbiliet b'mod provviżorju li hemm rabta kawżali bejn id-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina skont it-tifsira tal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku. Tali dannu kellu effetti kemm fuq il-volum kif ukoll fuq il-prezz.

5.2. **Effetti ta' fatturi oħrajn**

(347) Diversi partijiet interessati iddikjaraw li kwalunkwe dannu lill-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat ma kienx ikkawżat mill-esportazzjonijiet Ċiniżi iżda minn fatturi oħra. Dawn jinkludu tnaqqis globali fil-konsum wara l-pandemija tal-COVID-19, żieda fil-kost tal-produzzjoni, u projbizzjoni tal-użu ta' TiO_2 għall-użu alimentari fl-Unjoni.

(348) Il-Kummissjoni analizzat jekk u sa liema punt dawk il-fatturi kkontribwew għad-dannu.

5.2.1. *Ċikliċità tas-suq tat-TiO_2*

(349) Bosta partijiet sostnew li t-tnaqqis fid-domanda osservat fl-2022 u fil-perjodu ta' investigazzjoni ma kien xejn aktar mir-riżultat tat-tnaqqis normali fis-suq ċikliku tat-TiO_2.

(350) L-ewwel nett, biex jappoġġa din l-affermazzjoni, utent wieħed ipprovda lill-Kummissjoni b'*data* ta' informazzjoni dwar is-suq ta' TZMI ([104]) minn Novembru 2021, kemm bix-xejriet storiċi kif ukoll bit-tbassir għall-futur.

(351) Il-Kummissjoni nnotat f'dak ir-rigward li d-*data* tal-informazzjoni dwar is-suq imsemmija fil-premessa (350) tikkonċerna x-xejriet aggregati tal-konsum globali, u għalhekk tista' ma tirriflettix b'mod akkurat is-sitwazzjoni tad-domanda fis-suq tal-Unjoni b'mod speċifiku. Din il-konklużjoni hija msaħħa mill-fatt li, kif diġà ntwera fl-ilment, id-domanda tal-Unjoni wriet tkabbir stabbli fl-2020 u l-2021, b'żieda ta' 4 % sena wara sena f'kull waħda mis-snin. Barra minn hekk, kif turi t-Tabella 2 hawn fuq, id-domanda tal-Unjoni, filwaqt li tabilħaqq naqset bi 12 % fl-2022, kellha tnaqqis aktar evidenti ta' 14 % oħra fil-perjodu ta' investigazzjoni. L-ebda wieħed minn dawn l-iżviluppi ma huwa kompletament konformi mat-tbassir globali ta' TZMI msemmi fil-premessa (350).

(352) It-tieni, żewġ utenti, Munksjö u Felix, sostnew bl-istess mod fit-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju li s-suq tat-TiO_2 huwa ċikliku ħafna, u li d-dannu allegat lill-industrija tal-Unjoni huwa sempliċiment riżultat tas-suq li kien qed jiċkien fil-perjodu ta' investigazzjoni. Munksjö ssottomettiet skeda tad-*data* minn tliet sorsi differenti ta' informazzjoni dwar is-suq (ICIS, EUWID, u TZMI), li turi l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tat-TiO_2 fis-suq tal-Unjoni għal dawn l-aħħar ħmistax-il sena, u ddikjarat li dan juri li s-suq tat-TiO_2 tal-Unjoni għadda minn tliet ċikli ta' tiċkin u tkabbir mill-2008 sal-Q4 tal-2023.

(353) Il-Kummissjoni nnotat li din id-data tabilħaqq turi li l-prezzijiet tat-TiO_2 fis-suq tal-Unjoni kellhom tliet quċċati f'dawn l-aħħar ħmistax-il sena, fi Q1 2012, Q2 2018, u Q2 2022. Kull wieħed minn dawk il-perjodi ta' prezzijiet ogħla kien ta' tul kemxejn differenti u kien segwit b'mod naturali minn tnaqqis fil-prezzijiet. Ix-xejra ġenerali, madankollu, hija waħda ta' żieda fil-prezzijiet.

(354) Fid-dawl ta' dan kollu ta' hawn fuq, u wara li analizzat l-informazzjoni kollha għad-dispożizzjoni tagħha, il-Kummissjoni għamlet il-konklużjonijiet li ġejjin dwar is-sitwazzjoni fis-suq tal-Unjoni tat-TiO_2.

(355) L-ewwel nett, filwaqt li tabilħaqq jista' jkun hemm ċikliċità globali fid-domanda tat-TiO_2, ma hemm l-ebda evidenza li tissuġġerixxi li hija unika għas-suq tat-TiO_2 u jistħoqqilha kunsiderazzjoni speċjali peress li s-swieq kollha regolarment jgħaddu minn fażijiet ta' kontrazzjoni u espansjoni.

(356) It-tieni, anki jekk il-previżjonijiet tad-domanda globali ta' TZMI setgħu kienu ġeneralment preċiżi, dawn urew li ma kinux kompletament konformi mal-iżviluppi attwali osservati fis-suq tal-Unjoni, tal-inqas għall-perjodu kkunsidrat.

([104]) Ir-Rapport ta' TZMI ta' Novembru 2021, disponibbli b'abbonament.

(357) It-tielet, mid-*data* kollha disponibbli għall-Kummissjoni, wieħed ma jistax jidentifika xejra li turi b'ċertezza assoluta meta tkun se sseħħ żieda fir-ritmu ekonomiku jew tnaqqis fir-ritmu ekonomiku fis-suq tal-Unjoni u konsegwentement jikkonkludi li seta' jiġi mistenni li l-kontrazzjoni sseħħ fl-2023.

(358) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li, anki jekk ix-xejriet tas-suq globali kienu jipprevedu b'mod preċiż li jkun hemm żieda fid-domanda tal-Unjoni fl-2020 u l-2021 u tnaqqis aktar tard, is-suq tal-Unjoni tat-TiO_2 kien affettwat minn ċirkostanzi speċifiċi u straordinarji matul il-perjodu kkunsidrat, li ddettaw l-evoluzzjoni tad-domanda. Kif diġà ssemma fil-premessa (271) hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ekonomija "noqogħdu d-dar" xprunata mil-lockdowns tal-COVID-19 wasslet għal żieda fid-domanda għat-TiO_2 fl-2020, u speċjalment fl-2021. Għalhekk, anki jekk kien se jkun hemm żieda fid-domanda tal-Unjoni fl-2020, il-pandemija tal-COVID-19 amplifikatha, u kkawżat żieda fid-domanda fl-2021 ukoll. Wara żieda tant kbira fid-domanda, kwalunkwe tnaqqis fil-konsum li jsegwi naturalment ikun jinħass sew ukoll, filwaqt li dan it-tnaqqis (fl-2022 u fil-perjodu ta' investigazzjoni) kompla jiġi aggravat minn (a) il-pressjonijiet inflazzjonarji ġenerali li bdew ifeġġu fl-2022 u li kienu preżenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni u x'aktarx minn (b) il-biżgħat ta' instabbiltajiet tas-suq ikkawżati mill-invażjoni Russa tal-Ukrajna fi Frar 2022.

5.2.2. *Id-domanda fis-suq tal-Unjoni*

(359) Min-naħa l-oħra, xi partijiet sostnew li s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni li qed tiddeterjora kienet dovuta preċiżament għal tnaqqis sinifikanti fid-domanda wara l-pandemija tal-COVID-19 u l-pressjonijiet inflazzjonarji tal-2022 identifikati hawn fuq.

(360) Il-Kummissjoni nnotat f'dak ir-rigward li s-suq tal-Unjoni esperjenza tnaqqis qawwi fid-domanda, xprunat kemm minn tneħħija tal-istokks wara l-perjodu għoli ta' domanda matul il-pandemija tal-COVID-19 kif ukoll minn pressjonijiet inflazzjonarji ġenerali (ara fil-premessa (358)). Tali suq li qed jiċkien żgur li kien jirriżulta fi tnaqqis fil-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, irrispettivament mill-eżistenza ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina.

(361) Madankollu, f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, f'tali tnaqqis, il-volumi tal-bejgħ fis-suq tal-parteċipanti kollha fis-suq kienu jonqsu bejn wieħed u ieħor b'mod ugwali. Madankollu, f'dan il-każ, l-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi l-oħra kollha (minbarra ċ-Ċina) u l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni (kif muri fit-tabelli 6 u 12 hawn fuq) kważi kollha qed jonqsu kemm fl-2022 kif ukoll fil-perjodu ta' investigazzjoni, filwaqt li l-importazzjonijiet Ċiniżi biss qed jiżdiedu f'dawk is-snin (kif muri fit-Tabella 3 hawn fuq), li jindika għal darb'oħra l-konklużjoni li, hekk kif il-prezzijiet tat-trasport bil-baħar bdew jonqsu fl-2022, il-produtturi Ċiniżi setgħu jkomplu jbigħu l-prodott tagħhom fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet oġġett ta' dumping, u b'hekk kisbu sehem mis-suq għad-detriment ta' atturi oħra.

(362) Fir-rigward tat-tnaqqis fil-konsum, is-CNCIA indikat li fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ġunju 2012 rigward l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-proteina tas-sojja kkonċentrata li joriġinaw mir-RPĊ ([105]), il-Kummissjoni sabet tnaqqis ta' 8 % fil-konsum bħala suffiċjenti biex tikser ir-rabta kawżali. Huma sostnew li, meta jitqies it-tnaqqis ta' 14-il punt perċentwal fil-konsum fil-perjodu ta' investigazzjoni meta mqabbel mal-2022, jenħtieġ li l-Kummissjoni issa tasal għall-istess konklużjoni.

(363) Il-Kummissjoni indikat f'dan ir-rigward li l-każ imsemmi ma ntemmx minħabba li tnaqqis fid-domanda naqqas ir-rabta kawżali bejn id-dumping stabbilit u d-dannu materjali, iżda pjuttost minħabba li lanqas biss instab ebda dannu materjali. L-argument għalhekk ġie miċħud bħala null ([106]).

(364) Barra minn hekk, is-CNCIA sostniet li t-tnaqqis fil-bejgħ fl-2022 jista' jiġi spjegat ukoll bid-deċiżjoni tal-Unjoni li f'dik is-sena tipprojbixxi l-użu tat-TiO_2 fl-ikel għall-konsum mill-bniedem (addittiv E171) ([107]), filwaqt li indikat ir-rapport annwali tal-2022 ta' Tronox li jirreferi għal dan bħala kawża waħda għat-tnaqqis fil-bejgħ.

(365) Skont l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, l-applikazzjonijiet ta' speċjalità tat-TiO_2 jammontaw għal madwar 4 % tas-suq totali, u l-applikazzjonijiet fl-ikel għall-konsum mill-bniedem huma parti sħansitra iżgħar minn dak is-sehem. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li kwalunkwe effett li din il-projbizzjoni seta' kellha fuq il-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni kien negliġibbli.

([105]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ġunju 2012 li ttemm il-proċediment anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-proteina tas-sojja kkonċentrata li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 168, 28.6.2012, p. 38).

([106]) *Ibid.*, premessi (129)–(139).

([107]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/63 tal-14 ta' Jannar 2022 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-addittiv tal-ikel diossidu tat-titanju (E 171) (ĠU L 11, 18.1.2022, p. 1).

5.2.3. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi*

(366) Il-volum ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żviluppa matul il-perjodu kkunsidrat kif ġej:

Tabella 12

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Pajjiż		2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Ir-Renju Unit	Volum (tunnellati)	187 211	108 085	140 773	101 465
	Indiċi	*100*	*58*	*75*	*54*
	Sehem mis-suq	15 %	9 %	13 %	11 %
	Prezz medju	2 238	2 542	3 104	3 114
	Indiċi	*100*	*114*	*139*	*139*
Il-Messiku	Volum (tunnellati)	93 747	120 213	102 347	73 036
	Indiċi	*100*	*128*	*109*	*78*
	Sehem mis-suq	8 %	9 %	9 %	8 %
	Prezz medju	1 504	1 514	1 869	2 388
	Indiċi	*100*	*101*	*124*	*159*
L-Istati Uniti tal-Amerka	Volum (tunnellati)	63 383	99 464	81 215	59 948
	Indiċi	*100*	*157*	*128*	*95*
	Sehem mis-suq	5 %	8 %	7 %	6 %
	Prezz medju	2 146	2 321	2 954	2 925
	Indiċi	*100*	*108*	*138*	*136*
Il-pajjiżi terzi l-oħrajn (ħlief iċ-Ċina)	Volum (tunnellati)	97 372	94 045	59 516	65 654
	Indiċi	*100*	*97*	*61*	*67*
	Sehem mis-suq	8 %	7 %	5 %	7 %
	Prezz medju	1 935	2 201	2 892	2 781
	Indiċi	*100*	*114*	*149*	*144*
Total tal-pajjiżi terzi kollha minbarra ċ-Ċina	Volum (tunnellati)	441 713	421 807	383 850	300 102
	Indiċi	*100*	*95*	*87*	*68*
	Sehem mis-suq	36 %	33 %	34 %	31 %
	Prezz medju	2 002	2 121	2 710	2 827
	Indiċi	*100*	*106*	*135*	*141*

Sors: L-Eurostat u l-kwestjonarju vverifikat tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(367) Il-Kummissjoni nnotat mill-bidu nett li, għalkemm l-importazzjonijiet mir-Renju Unit kienu jirrappreżentaw l-akbar sehem ta' importazzjonijiet fl-Unjoni minn pajjiż terz ieħor (wara ċ-Ċina), skont l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, l-uniċi produtturi fir-Renju Unit huma żewġ faċilitajiet li huma proprjetà tal-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, dawn l-importazzjonijiet mhumiex f'kompetizzjoni mal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni u anki l-prezz tagħhom huwa ogħla mill-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi. Għalhekk, dawn l-importazzjonijiet ma jikkontribwixxux għad-dannu tal-industrija tal-Unjoni.

(368) Il-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi l-oħra kollha kien qed jonqos matul il-perjodu kkunsidrat b'rata dejjem tiżdied: tnaqqis ta' 5 % fl-2021, 8 % fl-2022 u 9 % fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(369) Il-volumi tal-importazzjonijiet b'mod partikolari mill-Istati Uniti u l-Messiku jidhru li qed isegwu l-istess xejriet kif deskritti għall-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni — żieda fl-importazzjonijiet fis-sena ta' domanda eċċezzjonalment għolja tal-2021, u mbagħad naqsu sussegwentement fl-2022 u fil-perjodu ta' investigazzjoni. Fl-istess ħin, l-ishma mis-suq kemm tal-Istati Uniti kif ukoll tal-Messiku, wara li żdiedu temporanjament fl-2021, bdew jonqsu fl-2022 u fil-perjodu ta' investigazzjoni. L-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi l-oħra kollha tilfu wkoll sehem mis-suq fil-perjodu ta' investigazzjoni meta mqabbla mal-2022.

(370) Il-partijiet interessati sostnew li r-raġuni għad-dannu lill-industrija tal-Unjoni kienu importazzjonijiet Messikani bi prezz baxx, aktar milli importazzjonijiet Ċiniżi. Il-Kummissjoni stabbilit marġni ta' twaqqigħ tal-prezz medju ponderat ta' bejn 14 % u 15,3 % mill-importazzjonijiet mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fis-suq tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni. Il-Kummissjoni osservat li l-prezz tal-importazzjoni mill-Messiku kien tabilħaqq baxx. Madankollu, dawn żdiedu b'mod sinifikanti matul il-perjodu ta' investigazzjoni meta mqabbla mas-snin preċedenti u kienu ogħla mill-prezzijiet tal-importazzjoni miċ-Ċina.

(371) B'kuntrast ma' dan, il-Kummissjoni stabbiliet li l-prezzijiet ta' wara l-kunsinna tal-importazzjonijiet Ċiniżi kollha naqsu b'mod sinifikanti, jiġifieri b'25 % bejn l-2022 u l-perjodu ta' investigazzjoni u waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni bi 18,2 % fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(372) Il-Kummissjoni mbagħad eżaminat id-daqs tal-importazzjonijiet miċ-Ċina u mill-Messiku fis-suq totali tal-Unjoni. Kif juru t-Tabelli 3 u 12 hawn fuq, il-volum totali tal-importazzjonijiet miċ-Ċina fil-perjodu ta' investigazzjoni huwa tliet darbiet akbar minn dawk mill-Messiku. Barra minn hekk, l-importazzjonijiet Messikani tilfu sehem mis-suq fil-perjodu ta' investigazzjoni, meta mqabbla mal-2022, kif ukoll it-totalità tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi l-oħra kollha (minbarra ċ-Ċina). B'kuntrast ma' dan, l-importazzjonijiet Ċiniżi huma l-uniċi li kisbu sehem mis-suq fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(373) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet mill-Messiku kif ukoll minn kwalunkwe pajjiż terz ieħor ma naqqsux ir-rabta kawżali stabbilita bejn l-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

5.2.4. *Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni*

(374) Il-volum tal-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppa matul il-perjodu kkunsidrat kif ġej:

Tabella 13

Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum tal-esportazzjoni (tunnellati)	223 194	225 958	177 595	151 869
Indiċi	*100*	*101*	*80*	*68*
Prezz medju (EUR/tunnellata)	2 371	2 514	3 396	3 092
Indiċi	*100*	*106*	*143*	*130*

Sors: Makrokwestjonarju pprovdut mill-ilmentatur għall-volum tal-esportazzjoni u t-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun għall-prezz medju.

(375) B'mod simili għall-volumi tal-produzzjoni u l-bejgħ domestiku, il-volumi tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdiedu fl-2021, għalkemm din iż-żieda kienet inqas evidenti milli għall-bejgħ domestiku, qabel ma naqsu b'mod sinifikanti fl-2022 u fil-perjodu ta' investigazzjoni. Il-prezzijiet tal-esportazzjoni segwew ukoll l-istess xejra bħall-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni, u żdiedu fl-2021 u fl-2022 qabel ma naqsu fil-perjodu ta' investigazzjoni, iżda baqgħu ferm ogħla mil-livelli tal-2021.

(376) L-industrija tal-Unjoni kisbet prezzijiet ogħla fis-swieq tal-esportazzjoni milli fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, anki minkejja dan, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżomm il-prezz tal-esportazzjoni tal-prodott tagħha ogħla mill-kost tal-produzzjoni tagħha fil-perjodu ta' investigazzjoni u kellha tnaqqas il-prezzijiet tal-esportazzjoni f'dik is-sena wkoll.

(377) L-ilmentatur sostna li prattiki kummerċjali inġusti tal-produtturi esportaturi Ċiniżi fis-swieq kollha qed jagħmluha diffiċli li jikkompetu wkoll fis-swieq tal-esportazzjoni u huma r-raġuni għal tali prestazzjoni ta' esportazzjoni subottimali. Partijiet interessati oħrajn ikkonfermaw li ma hemm l-ebda evidenza li tissostanzja dik l-affermazzjoni.

(378) L-ilment kien fih evidenza tat-tħabbira tal-għeluq tal-impjant ta' Chemours fit-Tajwan fl-2023 u l-ilmentatur ippreżenta evidenza addizzjonali matul l-investigazzjoni, li turi li żewġ produtturi tat-TiO_2 fil-Ġappun, Sakai Chemicals u Ishihara Sangyo, ħabbru l-għeluq tal-impjanti fl-2026 u fl-2027, rispettivament. Dawk il-faċilitajiet kollha jinsabu f'distanza ġeografika qrib taċ-Ċina, u dan jagħmilha probabbli li l-esportazzjonijiet Ċiniżi kellhom influwenza mhux xierqa fuq il-prestazzjoni tagħhom fis-swieq domestiċi jew reġjonali tagħhom. Barra minn hekk, l-awtoritajiet rilevanti fil-Brażil bdew l-investigazzjoni anti-dumping tagħhom stess kontra t-TiO_2 Ċiniż. Għalhekk, il-Kummissjoni sabet li ma jistax jiġi eskluż li l-esportazzjonijiet Ċiniżi qed ifixklu l-pożizzjoni kompetittiva tal-industrija tal-Unjoni fi swieq oħra b'mod simili għas-suq tal-Unjoni.

(379) Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet li l-profittabbiltà tal-bejgħ għall-esportazzjoni segwiet l-iżvilupp tal-profittabbiltà tal-bejgħ tal-Unjoni kważi sal-istess punt perċentwali matul il-perjodu kkunsidrat filwaqt li l-bejgħ għall-esportazzjoni jlaħħaq madwar 25 % tal-bejgħ totali tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(380) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-prestazzjoni tal-esportazzjoni ma kinitx il-kawża ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni.

5.2.5. *Żieda fil-kost tal-produzzjoni*

(381) Diversi partijiet iddikjaraw li ż-żieda fil-kost tal-produzzjoni hija l-kawża ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni.

(382) Filwaqt li l-kostijiet tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni kienu qed jiżdiedu fl-2021, u b'mod partikolari fl-2022 u fil-perjodu ta' investigazzjoni, l-industrija tal-Unjoni setgħet iżżid il-prezzijiet tagħha fl-2021 u fl-2022 biex iżżomm il-profittabbiltà. Kienet imġiegħla tnaqqas il-prezzijiet taħt is-COP tagħhom fil-perjodu ta' investigazzjoni biss meta, fis-suq li qed jiċkien, l-importazzjonijiet Ċiniżi naqsu fil-prezzijiet b'mod sinifikanti filwaqt li żdiedu fil-volum, u b'hekk kisbu ishma mis-suq fl-Unjoni.

(383) Il-partijiet interessati reġgħu indikaw il-każ tal-Proteina Sojja miċ-Ċina, fejn iż-żieda fil-materja prima ewlenija kisret ir-rabta kawżali. Madankollu, il-Kummissjoni indikat li f'dan il-każ, iż-żieda fil-kost tal-produzzjoni kienet globali minħabba pressjonijiet inflazzjonarji globali u affettwat lill-atturi kollha tas-suq b'mod simili, kif muri mill-fatt li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi l-oħra kollha (minbarra ċ-Ċina) żdiedu b'mod sinifikanti fl-2022 u saħansitra aktar fil-perjodu ta' investigazzjoni. B'mod partikolari, il-prezzijiet tal-materja prima ewlenija, il-mineral tal-ilmenit, li jirrappreżenta madwar terz tal-kost totali tal-produzzjoni, żdiedu globalment b'madwar 80 % fl-2022 meta mqabbla mal-livelli tal-2020, u naqsu biss bi ftit fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(384) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li ż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni ma kkontribwietx għad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni.

5.2.6. *Informazzjoni dwar is-suq li tipprevedi rkupru*

(385) Fit-3 ta' April 2024, AkzoNobel ippreżentat talbiet ulterjuri dwar in-nuqqas ta' kawżalità, billi bbażat ruħha fuq ir-rapport dwar is-sitwazzjoni globali tas-suq tat-TiO_2, ippubblikat fi Frar 2024 minn aġenzija ta' informazzjoni dwar is-suq, TZMI. Ir-rapport jissuġġerixxi li s-suq tat-TiO_2 qed jirkupra u jbassar żidiet fil-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni u żidiet fil-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni.

(386) Il-Kummissjoni nnotat f'dan ir-rigward li, anki jekk ir-rapport jissuġġerixxi titjib fil-kundizzjonijiet tas-suq fl-Ewropa, ir-rapport xorta waħda jindikahom bħala dgħajfa f'diversi metriċi li janalizza. Barra minn hekk, fir-rigward tal-prezzijiet fl-Ewropa u t-tbassir ta' profittabbiltà mtejba tal-produtturi tal-Unjoni fis-suq domestiku tagħhom, ir-rapport innifsu jirrikonoxxi li l-projezzjonijiet tiegħu dwar il-livelli tal-prezzijiet li l-industrija tal-Unjoni se tkun tista' tikseb saru, tal-inqas parzjalment, bis-suppożizzjoni tal-eżitu pożittiv ta' din l-investigazzjoni.

(387) Għalhekk, anki jekk dan ir-rapport jipprevedi l-prestazzjoni futura tal-industrija tal-Unjoni bi preċiżjoni sħiħa, essenzjalment qed jagħmel dak it-tbassir fix-xenarju tal-kundizzjonijiet ekwi restawrati fis-suq tal-Unjoni, u għalhekk ma jistax jintuża bħala kontroargument għall-Kummissjoni biex ma tiħux deċiżjoni li fuqha hija bbażata, tal-inqas parzjalment, dik il-previżjoni hija stess.

5.3. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(388) Kif ġustament jirrilevaw il-partijiet, diversi fatturi għamlu s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni diffiċili. L-ewwel nett, l-2022 u l-perjodu ta' investigazzjoni kienu kkaratterizzati minn tnaqqis eċċezzjonali fid-domanda għat-TiO_2 fis-suq tal-Unjoni. It-tieni, dawn is-sentejn raw żieda sinifikanti fil-kostijiet tal-enerġija fis-suq tal-Unjoni filwaqt li l-kost tal-ilmenit żdied globalment. It-tielet, il-prezzijiet tal-importazzjoni mill-Messiku kienu aktar baxxi mill-prezzijiet Ċiniżi fl-ewwel tliet snin tal-perjodu kkunsidrat.

(389) L-ebda wieħed minn dan ma jinvalida l-fatt, madankollu, li (i) għall-kuntrarju ta' pajjiżi terzi oħra, l-importazzjonijiet miċ-Ċina kienu qed jiżdiedu fil-volum matul il-perjodu kkunsidrat (bi tnaqqis temporanju minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali fl-2021, (ii) l-importazzjonijiet Ċiniżi kienu qed jidħlu fl-Ewropa bi prezzijiet oġġett ta' dumping, (iii) fis-suq tal-2022 li kien qed jiċkien u fil-perjodu ta' investigazzjoni, l-importazzjonijiet Ċiniżi kienu qed jiksbu ishma mis-suq għad-detriment tas-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni u tal-importazzjonijiet ta' pajjiżi terzi oħra, u (iv) fil-perjodu ta' investigazzjoni, meta l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi l-oħra kollha kienu ġeneralment baqgħu l-istess bħal fl-2022, il-prezz tal-importazzjonijiet Ċiniżi naqas b'mod drammatiku, bi kwart ta' dak li kienu fl-2022, u eżerċitaw trażżin u tnaqqis sinifikanti tal-prezzijiet għall-industrija tal-Unjoni.

(390) F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni qieset l-argumenti li saru mill-partijiet dwar l-għeluq ta' fabbriki fl-Unjoni. Fl-ilment, l-ilmentatur sostna li t-tliet impjanti tat-TiO_2 ingħalqu fl-Unjoni minħabba l-pressjoni eżerċitata mill-importazzjonijiet Ċiniżi u li seta' kien mistenni aktar għeluq mingħajr kundizzjonijiet eċċezzjonalment favorevoli tal-pandemija tal-COVID-19. Ħafna partijiet interessati rreaġixxew kontra dan, u sostnew li ma kien hemm l-ebda evidenza li tappoġġa din il-konklużjoni, u li l-għeluq kien dovut għal ċirkostanzi oħra u mhux attribwibbli għal importazzjonijiet allegatament oġġett ta' dumping miċ-Ċina. Il-partijiet indikaw id-dikjarazzjonijiet pubbliċi magħmula mill-kumpaniji, li jattribwixxu t-tnaqqis tal-produzzjoni jew l-għeluq tal-impjanti għal kundizzjonijiet sfavorevoli fis-suq, bħal domanda mnaqqsa, żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni, u kundizzjonijiet ekonomiċi ġeneralment ħżiena, filwaqt li l-impjant ta' Scarlino ta' Venator (wieħed mill-produtturi tal-Unjoni mhux inklużi fil-kampjun) speċifikament kien qed jiffaċċja diffikultajiet biex jikseb approvazzjonijiet regolatorji.

(391) B'mod simili, il-partijiet interessati enfasizzaw aktar dikjarazzjonijiet minn rapporti tan-negozju tal-produtturi tal-Unjoni (Kronos, Police, Venator, Cinkarna), li rrikonoxxew it-tnaqqis fid-domanda u ż-żieda fil-kost tal-produzzjoni bħala raġunijiet għas-sitwazzjoni diffiċili li tinsab fiha l-industrija tal-Unjoni. Il-partijiet sostnew li dan juri li l-importazzjonijiet miċ-Ċina ma jistgħux jinżammu responsabbli b'mod ġenerali għad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(392) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li, filwaqt li l-impjant ta' Venator Scarlino kien tabilħaqq prekluż milli jopera b'kapaċità sħiħa minħabba approvazzjonijiet regolatorji pendenti, mid-dikjarazzjonijiet iċċitati kemm ta' Kronos kif ukoll ta' Venator, jidher li d-deċiżjonijiet dwar il-livell u l-kontinwazzjoni tal-produzzjoni qed jittieħdu b'kunsiderazzjoni ta' kundizzjonijiet tas-suq ġeneralment diffiċli. Kif turi l-analiżi kollha ta' hawn fuq, dawn jinkludu b'mod ċar l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina li jeżerċitaw pressjoni fuq is-suq, filwaqt li għadd ta' rapporti msemmija jirreferu huma stess ukoll għall-preżenza ta' importazzjonijiet irħas miċ-Ċina bħala waħda mill-isfidi. ([108])

(393) Il-Kummissjoni ddistingwiet u sseparat l-effetti tal-fatturi magħrufa kollha dwar is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. L-effett tad-domanda li qed tonqos, iż-żieda fil-kost tal-produzzjoni, u l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra, b'mod partikolari l-Messiku, fuq l-iżviluppi negattivi tal-industrija tal-Unjoni f'termini ta' volumi tal-bejgħ, prezzijiet, u profittabbiltà kien biss parzjali.

(394) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet f'dan l-istadju li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni u li l-fatturi l-oħrajn, meqjusa individwalment jew kollettivament, ma naqqsux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu materjali. Id-dannu jikkonsisti prinċipalment f'telf tas-sehem mis-suq, twaqqigħ tal-prezz u trażżin u tnaqqis fil-profittabbiltà, fir-redditu fuq l-investiment u fil-fluss tal-flus.

6. LIVELL TA' MIŻURI

(395) L-ilmentatur iddikjara l-eżistenza ta' distorsjonijiet fil-materja prima skont it-tifsira tal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku fl-ilment.

(396) Għalhekk, sabiex titwettaq il-valutazzjoni fuq il-livell xieraq ta' miżuri, il-Kummissjoni l-ewwel stabbiliet l-ammont ta' dazju neċessarju biex jiġi eliminat id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni fin-nuqqas ta' distorsjonijiet skont l-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku.

(397) Imbagħad eżaminat jekk il-marġni tad-dumping tal-produtturi esportaturi fil-kampjun ikunx ogħla mill-marġni tad-dannu tagħhom

6.1. Marġini ta' ħsara

(398) Id-dannu jitneħħa jekk l-industrija tal-Unjoni tkun tista' tikseb profitt fil-mira billi tbigħ bi prezz fil-mira fis-sens tal-Artikolu 7(2c) u l-Artikolu 7(2d) tar-Regolament bażiku.

(399) F'konformità mal-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku, sabiex tistabbilixxi l-profitt fil-mira, il-Kummissjoni qieset il-fatturi li ġejjin: il-livell ta' profittabbiltà qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat, il-livell ta' profittabbiltà meħtieġ biex ikopri l-kostijiet u l-investimenti kollha, ir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) u l-innovazzjoni, u l-livell ta' profittabbiltà mistenni f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Dan il-marġni ta' profitt jenħtieġ li ma jkunx inqas minn 6 %.

(400) Bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni stabbiliet profitt bażiku li jkopri l-kostijiet sħaħ f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni.

([108]) Ara, pereżempju, ir-Rapport Kummerċjali mhux awditjat ta' Cinkarne Celje fil-perjodu Jannar-Settembru 2023, p. 16, disponibbli fuq:https://www.cinkarna.si/uploads/Objave/2023/Unaudited_Business_Report_Of_Cinkarne_Celje_for_The_Period_-Jan_Sep_2023.pdf (aċċessat l-aħħar fit-28 ta' Mejju 2024); Rapport konsolidat ta' kull tliet xhur tal-Grupp Grupa Azoty Zakłady Chemiczne Police għal Q1 2023, p. 56, disponibbli fuq: https://zchpolice.grupaazoty.com/upload/4/files/2023/Grupa_Azoty_Police_Skonsolidowany_Raport_za%20_I_kwartal_2023_clean.docx_f....pdf (aċċessat l-aħħar fit-28 ta' Mejju 2024); Rapport konsolidat ta' kull tliet xhur tal-Grupp Grupa Azoty Zakłady Chemiczne Police għal Q3 2023, p. 58, disponibbli fuq:https://zchpolice.grupaazoty.com/upload/4/files/2023/IR/3Q/EN/Grupa_Azoty_Police_Skonsolidowany_Raport_za%20_III_kwartal_2023.docx_clean….pdf (aċċessat l-aħħar fit-28 ta' Mejju 2024).

(401) PPG u CNCIA t-tnejn opponew il-profitt fil-mira propost fl-ilment (10,2 %) bħala għoli wisq. PPG sostniet li l-ebda waħda mis-snin matul il-perjodu ta' investigazzjoni ma kienet adegwata biex jiġi stabbilit profitt bażiku, minħabba s-sitwazzjoni ekonomika eċċezzjonali f'kull sena, filwaqt li fakkret fil-konklużjonijiet tal-Kummissjoni stess fl-investigazzjoni anti-dumping dwar l-importazzjonijiet ta' ċertu polietilentereftalat li joriġina miċ-Ċina ([109]). Huma sostnew ukoll li, peress li l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi tbigħ bi prezzijiet ogħla mill-kost tal-produzzjoni tagħha matul il-perjodu kkunsidrat, jenħtieġ li l-profitt bażiku jiġi stabbilit bħala profitt medju tal-erba' snin kollha. Is-CNCIA sostniet ukoll li jenħtieġ li l-Kummissjoni tapplika l-istess profitt bażiku li applikat fl-investigazzjoni anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' diossidi tal-manganiż elettrolitiċi li joriġinaw miċ-Ċina, ([110]) peress li l-EMD hija kompost inorganiku, bħat-TiO_2.

(402) Il-Kummissjoni nnotat li l-affermazzjoni dwar il-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni setgħet kienet preċiża għall-perjodu kkunsidrat użat fl-ilment, iżda ma kinitx għadha rilevanti fil-perjodu ta' investigazzjoni użat mill-Kummissjoni. Kif muri hawn fuq, il-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni kienu ferm taħt il-kost tal-produzzjoni tagħhom fil-perjodu ta' investigazzjoni. Kwalunkwe profittabbiltà li tiġi stabbilita filwaqt li titqies il-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni f'dik is-sena għalhekk ma tirriflettix il-profittabbiltà meħtieġa biex jiġu rkuprati l-kostijiet kollha.

(403) Fir-rigward tal-affermazzjoni mis-CNCIA, sempliċiment minħabba li l-EMD u t-TiO_2 huma sustanzi kimiċi inorganiċi ma jfissirx li l-produtturi tagħhom joperaw fi swieq simili jew li l-prestazzjoni tagħhom hija komparabbli u ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza lill-Kummissjoni li tissuġġerixxi li dawn kienu komparabbli.

(404) Il-Kummissjoni nnotat li, matul il-perjodu kkunsidrat, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi kien l-aktar baxx fl-2021 u l-profittabbiltà u l-fluss tal-flus kienu l-aktar pożittivi f'dik is-sena. Madankollu, it-tnaqqis fl-importazzjonijiet Ċiniżi osservat f'dik is-sena kien, kif spjegat hawn fuq, minħabba żirkostanzi eċċezzjonali tal-kriżi tat-trasport marittimu. Flimkien mad-domanda dejjem tikber ikkawżata mil-lockdowns tal-COVID-19, il-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kienet eċċezzjonalment pożittiva f'din is-sena. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-2021 ma tikkwalifikax bħala sena rappreżentattiva biex jiġi pprovdut profitt bażiku f'konformità mal-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku.

(405) Barra minn hekk, bħal fl-2021, is-sena 2020 kienet affettwata wkoll miċ-ċirkostanzi favorevoli ta' żieda fil-konsum minħabba l-ekonomija "stay-at-home" matul il-lockdowns tal-COVID-19, anki jekk xi ftit anqas. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli f'dan l-istadju, il-Kummissjoni kkonkludiet li lanqas l-2020 ma tikkwalifika bħala sena rappreżentattiva biex jiġi pprovdut profitt bażiku f'konformità mal-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku.

(406) Fl-aħħar nett, iż-żieda fl-importazzjonijiet miċ-Ċina u t-tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku tal-industrija tal-Unjoni li beda fl-2022 u li kompla fil-perjodu ta' investigazzjoni ma jikkwalifikaw l-ebda waħda minn dawk is-snin bħala rappreżentattiva biex tipprovdi profitt bażiku f'konformità mal-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku.

(407) Biex tfittex perjodu fejn jipprevalu kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, il-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li teżamina l-profittabbiltà miksuba matul l-aħħar għaxar snin. Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun ipprovdew *data* dwar il-profittabbiltà għal tliet snin qabel il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, il-Kummissjoni ma rċevietx *data* dwar il-profittabbiltà relatata biss mal-bejgħ tat-TiO_2 lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni mit-tliet produtturi kollha tal-Unjoni inklużi fil-kampjun għal dawk is-snin. Għalhekk ma kienx possibbli li tiġi stabbilita profittabbiltà li tkun relatata mal-bejgħ tal-prodott investigat lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni abbażi tal-informazzjoni attwalment disponibbli għall-Kummissjoni.

(408) Peress li ma hemm l-ebda evidenza li tista' tinkiseb profittabbiltà ogħla minn 6 % f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, il-Kummissjoni stabbiliet il-profitt bażiku għal 6 %, f'konformità mal-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku.

([109]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2659 tas-27 ta' Novembru 2023 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu polietilentereftalat li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L, 2023/2659, 28.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2659/oj), il-premessa 275.

([110]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2120 tal-12 ta' Ottubru 2023 li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet tad-diossidi tal-manganiż elettrolitiċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L, 2023/2120, 13.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2120/oj).

(409) Żewġ produtturi tal-Unjoni pprovdew evidenza li l-livell tagħhom ta' investimenti, riċerka u żvilupp ("R&Ż") u innovazzjoni matul il-perjodu kkunsidrat kien ikun ogħla f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Il-Kummissjoni vverifikat din l-informazzjoni abbażi ta' pjanijiet ta' investiment u ta' proġetti rrifjutati jew posposti, li juri li dawn l-investimenti kienu ġenwinament ippjanati. Tabilħaqq, l-affermazzjonijiet taż-żewġ produtturi tal-Unjoni nstabu li kienu ġġustifikati. Biex tirrifletti dan fil-profitt fil-mira, il-Kummissjoni kkalkolat id-differenza bejn l-ispejjeż tal-investimenti, tar-R&Ż tal-innovazzjoni ("IRI") f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, kif ipprovduti mill-Industrija tal-Unjoni u vverifikati mill-Kummissjoni, bl-ispejjeż reali tal-IRI matul il-perjodu kkunsidrat. Din id-differenza, espressa bħala perċentwal tal-fatturat, kienet ta' 0,09 %.

(410) Tali differenzjal tal-IRI ta' 0,09 % żdied mal-profitt bażiku ta' 6 % imsemmi fil-premessa (398), li wassal għal profitt fil-mira ta' 6,09 %.

(411) F'konformità mal-Artikolu 7(2d) tar-Regolament bażiku, bħala pass finali, il-Kummissjoni vvalutat il-kostijiet futuri li jirriżultaw mill-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali, u l-protokolli tagħhom, li l-Unjoni hija parti minnhom, u tal-Konvenzjonijiet tal-ILO elenkati fl-Anness Ia li l-industrija tal-Unjoni se ġġarrab matul il-perjodu tal-applikazzjoni tal-miżura skont l-Artikolu 11(2). Abbażi tal-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni stabbiliet kost addizzjonali ta' EUR 60,68/t.

(412) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkalkolat prezzijiet mhux dannużi ta' EUR [3 400–3 800]/t u EUR [3 600–4 000]/t għall-prodott simili tal-industrija tal-Unjoni billi żiedet il-marġni ta' profitt fil-mira msemmi hawn fuq (ara l-premessa (410) hawn fuq) mal-kost tal-produzzjoni tat-tliet produtturi tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni u mbagħad żiedet l-aġġustamenti skont l-Artikolu 7(2d) fuq bażi ta' tip b'tip.

(413) Il-Kummissjoni mbagħad iddeterminat il-livell tal-marġni tad-dannu fuq il-bażi ta' tqabbil tal-prezz medju ponderat tal-importazzjoni tal-produtturi esportaturi li kkooperaw inklużi fil-kampjun fil-pajjiż ikkonċernat, kif stabbilit għall-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz, mal-prezz medju ponderat mhux dannuż tal-prodott simili mibjugħ mit-tliet produtturi tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Kwalunkwe differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil ġiet espressa bħala perċentwal tal-valur CIF medju pponderat tal-importazzjoni.

(414) Il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu għal "kumpaniji oħra li kkooperaw" u għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha" huwa definit bl-istess mod bħall-marġni tad-dumping għal dawn il-kumpaniji (ara l-premessi (255)–(259)).

w	Kumpanija	Marġni ta' dumping (%)	Marġni ta' dannu (%)
Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina	LB group	39,7	53,4
	Anhui Gold Star group	14,4	53,0
	Kumpaniji oħra li kkooperaw	35,0	53,3
	Il-kumpaniji l-oħra kollha	39,7	53,4

(415) F'dan il-każ, l-ilmentaturi sostnew l-eżistenza ta' distorsjonijiet fil-materja prima fis-sens tal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, sabiex titwettaq il-valutazzjoni fuq il-livell xieraq ta' miżuri, il-Kummissjoni l-ewwel stabbiliet l-ammont ta' dazju neċessarju biex jiġi eliminat id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni fin-nuqqas ta' distorsjonijiet skont l-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku. Imbagħad eżaminat jekk il-marġni tad-dumping tal-produtturi esportaturi fil-kampjun ikunx ogħla mill-marġni tad-dannu tagħhom (ara l-premessi (417)–(418) hawn taħt).

6.2. **Eżami tal-marġni adegwat biex jitneħħa d-dannu lill-industrija tal-Unjoni**

(416) Kif spjegat fin-Notifika ta' Bidu, l-ilmentatur ipprovda biżżejjed evidenza lill-Kummissjoni li fil-pajjiż ikkonċernat hemm distorsjonijiet fil-materja prima rigward il-prodott investigat. Skont l-evidenza fl-ilment, l-ilmenit, li jammonta għal 25 % tal-kost tal-produzzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat, huwa soġġett għal estrazzjoni ristretta fiċ-Ċina. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda rifużjoni tal-VAT fuq l-esportazzjoni tal-ilmenit fiċ-Ċina. Dawn iż-żewġ miżuri huma elenkati fl-Artikolu 7(2a), it-tieni subparagrafu tar-Regolament bażiku bħala distorsjonijiet fil-materja prima. Għalhekk, f'konformità mal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku, din l-investigazzjoni eżaminat id-distorsjonijiet allegati biex tivvaluta, jekk rilevanti, jekk dazju inferjuri għall-marġni tad-dumping ikunx biżżejjed biex jelimina d-dannu.

(417) Madankollu, billi l-marġnijiet adegwati biex jiġi eliminat id-dannu huma ogħla mill-marġnijiet tad-dumping, il-Kummissjoni qieset li, f'dan l-istadju, ma kienx meħtieġ li dan l-aspett jiġi indirizzat.

(418) Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa xieraq li jiġi ddeterminat l-ammont ta' dazji provviżorji f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku.

6.3. **Konklużjoni dwar il-livell ta' miżuri**

(419) Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, id-dazji anti-dumping provviżorji jenħtieġ li jiġu stabbiliti kif ġej f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku:

Kumpanija	Id-dazju anti-dumping provviżorju
LB group	39,7 %
Anhui Gold Star group	14,4 %
Kumpaniji oħra li kkooperaw	35,0 %
Il-kumpaniji l-oħra kollha	39,7 %

7. **INTERESS TAL-UNJONI**

(420) Wara li ddeċidiet li tapplika l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk setgħetx tikkonkludi b'mod ċar li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri f'dan il-każ, minkejja d-determinazzjoni ta' dumping dannuż, f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku.

(421) Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tad-diversi interessi kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi mhux relatati, tal-kummerċjanti u tal-utenti.

7.1. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(422) Ta' min ifakkar li l-industrija tal-Unjoni tikkonsisti minn ħdax-il produttur, li l-bejgħ u l-profittabbiltà tagħhom iddeterjoraw b'mod sinifikanti matul it-tieni nofs tal-perjodu kkunsidrat, b'impatt negattiv konsegwenti fuq is-sehem mis-suq, il-livell tal-inventarju, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investiment u l-fluss tal-flus tagħha. F'dan l-istadju, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat (ara l-premessa (337) hawn fuq).

(423) Jekk ma jiġux imposti miżuri provviżorji, huwa probabbli li, bħala riżultat tal-pressjoni fuq il-prezzijiet mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, il-profittabbiltà dgħajfa u indikaturi finanzjarji oħra se jġiegħlu lill-industrija tal-Unjoni twaqqaf il-produzzjoni tat-TiO_2. Madankollu, wara l-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji anti-dumping, huwa mistenni li l-volumi tal-bejgħ u l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni se jiżdiedu, u b'hekk se jtejbu l-profittabbiltà u indikaturi finanzjarji oħra ta' din l-industrija u jipprevjenu l-għeluq.

(424) Għalhekk huwa ċar li l-miżuri anti-dumping provviżorji jkunu fl-interessi tal-industrija tal-Unjoni.

7.2. **Interess ta' importaturi u ta' kummerċjanti mhux relatati**

(425) L-importatur mhux relatat imsemmi fil-premessa (10) eventwalment ma ppreżentax tweġiba għall-kwestjonarju. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju mingħand l-importaturi u n-negozjanti.

(426) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping x'aktarx li ma jkollhiex effett negattiv fuq is-sitwazzjoni tal-importaturi u n-negozjanti fl-Unjoni.

7.3. **Interess tal-utenti**

(427) B'kollox 23 utent u assoċjazzjoni tal-utenti pparteċipaw f'din l-investigazzjoni u opponew l-impożizzjoni tad-dazji. Minn dawn, sitt utenti ppreżentaw tweġibiet għall-kwestjonarju. Il-bqija ssottomettew kummenti.

(428) L-użu ewlieni tat-TiO_2 huwa għas-settur taż-żebgħa u tal-kisi, li jirrappreżenta aktar minn 60 % tas-suq, biż-żebgħa arkitettonika u industrijali tammonta għal madwar 55 % tad-domanda totali, u l-linka industrijali għal madwar 5 %. It-tieni l-akbar segment tas-suq huwa l-industrija tal-plastik b'madwar 25 %, imbagħad il-karta bi 12 % u l-applikazzjonijiet ta' speċjalità b'4 %. Waslu tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand l-utenti attivi fis-setturi taż-żebgħa u tal-kisi, tal-linka grafika, tal-karta laminata, u tal-plastik. Is-sitt tweġibiet kollha ġew ivverifikati fuq il-post fil-bini tal-utenti.

7.3.1. *Utenti li ssottomettew it-tweġibiet għall-kwestjonarju*

(429) L-effetti probabbli tal-miżuri jkunu differenti fuq l-utenti, skont is-segment tas-suq downstream li joperaw fih. Il-Kummissjoni analizzat separatament is-sitwazzjoni tal-utenti tat-TiO_2 għal applikazzjonijiet aktar speċjali bħall-karta laminata u l-linka grafika (dawn l-utenti ppreżentaw ukoll asserzjonijiet dwar l-ambitu tal-prodott) u tal-utenti tat-TiO_2 fl-applikazzjoni ewlenija tiegħu fiż-żebgħa, fil-kisi u fil-plastik.

(430) L-ewwel nett, mis-sitt utenti li t-tweġibiet għall-kwestjonarju tagħhom ġew ivverifikati mill-Kummissjoni, il-produtturi tal-karta laminata se jkunu l-aktar affettwati mill-miżuri potenzjali. It-TiO_2 jirrappreżenta madwar [25–35]% tal-kostijiet totali tagħhom tal-produzzjoni, u dawn jiksbu madwar [10–40]% tat-TiO_2 tagħhom miċ-Ċina. Iż-żewġ utenti wrew ukoll li kienu qed joperaw bi profittabbiltà baxxa jew negattiva fil-perjodu ta' investigazzjoni. Il-Kummissjoni stmat li jekk jiġu imposti d-dazji, u li l-affarijiet l-oħra kollha jibqgħu ugwali, il-profittabbiltà tagħhom tonqos b'madwar [2–3] punti perċentwali. Kif indikat fil-premessa (52) hawn fuq, madankollu, dawn iż-żewġ utenti jiksbu maġġoranza kbira tat-TiO_2 tagħhom minn sorsi oħra għajr iċ-Ċina u għalhekk il-Kummissjoni kkonkludiet li ż-żewġ utenti għandhom biżżejjed sorsi alternattivi ta' provvista.

(431) It-tieni, Flint Group, produttur tal-linka grafika, ipprovda evidenza li turi li l-prodotti li fihom it-TiO_2 jiġġeneraw biss parti limitata mid-dħul mill-bejgħ totali tiegħu, filwaqt li t-TiO_2 Ċiniż jirrappreżenta biss sehem parzjali mill-ispejjeż ta' produzzjoni ta' dawn il-prodotti. Minħabba l-kumplessità tal-istruttura korporattiva ta' Flint u l-fatt li jipproduċu għadd kbir ta' formuli tal-linka li fihom xi TiO_2 f'għadd ta' impjanti fl-Unjoni, Flint ma setgħetx tipprovdi ċifri preċiżi tal-profittabbiltà tas-segment tan-negozju tagħha relatat mat-TiO_2. Madankollu, Flint uriet profittabbiltà b'saħħitha fil-livell tal-kumpanija totali fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(432) Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni kkonkludiet li, jekk jiġu imposti dazji anti-dumping, u jekk l-affarijiet l-oħra kollha jibqgħu ugwali, il-profittabbiltà tagħha fis-segment tan-negozju relatat mat-TiO_2 x'aktarx tonqos b'inqas minn punt perċentwali wieħed, ([111]) minħabba s-sehem baxx tat-TiO_2 fil-fatturat totali u fil-kost tal-produzzjoni. Barra minn hekk, il-kumpanija tibqa' profittabbli. Il-Kummissjoni ma setgħetx tiddetermina l-impatt fuq il-profittabbiltà ġenerali tal-grupp, iżda l-effett ikun saħansitra inqas evidenti. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li Flint Group ma kienx se jiġi affettwat b'mod sinifikanti mid-dazji.

([111]) Il-Kummissjoni kkalkolat profittabbiltà indikatur għas-segment tan-negozju relatat mat-TiO_2 fuq il-bażi tad-differenza bejn il-kost tal-produzzjoni rrapportat ta' Flint u d-dħul tal-prodotti li fihom it-TiO_2. Il-Kummissjoni mbagħad issimulat iż-żieda f'dawk il-kostijiet tal-produzzjoni billi żiedet il-valur tat-TiO_2 miksub miċ-Ċina bil-marġni anti-dumping medju u kkalkolat profitt indikatur ġdid fuq dik il-bażi. Id-differenza perċentwali taż-żewġ profitti ta' sostituzzjoni ġiet applikata għall-profittabbiltà reali rrapportata fis-segment TiO_2 tan-negozju biex jiġi stmat l-impatt tad-dazji fuq il-profitt.

(433) It-tielet, żewġ utenti oħra, AkzoNobel u Sherwin-Williams Italy SRL ("Sherwin-Williams"), huma tnejn mill-produtturi l-kbar taż-żebgħa u tal-kisi. Il-produtturi taż-żebgħa u tal-kisi huma l-akbar utenti tat-TiO_2 f'termini ta' volum. L-impatt tad-dmirijiet fuq il-prestazzjoni ta' din il-kategorija ta' utenti jkun ħafna inqas evidenti. AkzoNobel imliet il-kwestjonarju fil-livell tal-entitajiet kollha preżenti fl-Unjoni. It-TiO_2 Ċiniż jirrappreżenta sehem negliġibbli fil-kost totali tal-produzzjoni tagħhom u kienu profittabbli fil-perjodu ta' investigazzjoni. Sherwin Williams ipprovdiet it-tweġiba għall-kwestjonarju għal żewġ entitajiet li jkunu l-aktar affettwati mid-dazji, u għan-negozju kollu fl-Unjoni. It-TiO_2 Ċiniż jirrappreżenta biss sehem żgħir mill-kost totali tal-produzzjoni ta' dawn iż-żewġ entitajiet flimkien. Filwaqt li l-profittabbiltà fuq il-prodotti tagħhom li fihom it-TiO_2 kienet baxxa fil-perjodu ta' investigazzjoni, iż-żewġ entitajiet ta' Sherwin-Williams urew profittabbiltà kumplessiva b'soda. Il-fatturat totali ta' dawk iż-żewġ impjanti jirrappreżenta sehem żgħir mill-fatturat totali tal-Unjoni ta' Sherwin-Williams, li kien profittabbli fil-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li ż-żewġ utenti, anki jekk ma jkunux jistgħu jgħaddu tali żieda fil-kost lill-konsumaturi, ikunu jistgħu jassorbu l-miżuri.

(434) Fl-aħħar nett, Schulman Plastics, produttur kbir tal-Unjoni tal-plastik u materjali relatati, ipprovda t-tweġiba għall-kwestjonarju għal wieħed mill-impjanti tiegħu, iffukat fuq il-produzzjoni ta' MW, li se jkun l-aktar affettwat mid-dazji mill-kumpaniji vvalutati f'din it-taqsima. Dan l-impjant jikseb biss parti mit-TiO_2 tagħhom miċ-Ċina, iżda t-TiO_2 jirrappreżenta l-parti l-kbira mill-kost totali tal-produzzjoni tiegħu. Il-profittabbiltà tiegħu fin-negozju MW fil-perjodu ta' investigazzjoni kienet soda, filwaqt li l-impjant totali kien qed jaħdem saħansitra aħjar min-negozju MW biss. Filwaqt li l-profittabbiltà tagħha żgur li se tkun l-aktar affettwata mill-utenti kollha minħabba l-istruttura tal-kostijiet tagħha, il-Kummissjoni stmat li, anki jekk ma tkunx tista' tgħaddi din iż-żieda fil-kost lill-klijenti tagħha, xorta waħda tibqa' profittabbli.

(435) Kif muri f'din it-taqsima, il-maġġoranza tal-utenti li pprovdew tweġibiet għall-kwestjonarju jibqgħu profittabbli anki meta jitqiesu d-dazji anti-dumping provviżorji. Barra minn hekk, sorsi oħra ta' provvista kienu disponibbli għalihom. Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li b'mod ġenerali l-utenti mhux se jiġu affettwati ħażin b'mod sproporzjonat mill-miżuri. Żewġ utenti (Felix u Sherwin-Williams) kienu qed joperaw b'telf fis-segment tat-TiO_2 tan-negozju fil-perjodu ta' investigazzjoni, li flimkien kienu jimpjegaw madwar 1 000 persuna. Madankollu, għar-raġunijiet spjegati fil-premessi (430) u (433) hawn fuq, il-Kummissjoni ma qisitx li s-sitwazzjoni tagħhom se tiddeterjora serjament bl-impożizzjoni tal-miżuri. Min-naħa l-oħra, jekk il-produtturi tal-Unjoni ma jibqgħux joperaw, dan jelimina parti kbira tal-provvista għall-utenti kollha.

7.3.2. *Utenti oħra*

(436) Diversi utenti, assoċjazzjonijiet tal-utenti u s-CNCIA għamlu sottomissjonijiet bil-miktub, li fihom sostnew li l-impożizzjoni ta' dazji tmur kontra l-interess tal-Unjoni.

(437) L-ewwel nett, l-utenti sostnew li hemm għadd limitat ta' produtturi tat-TiO_2 fl-Unjoni u l-kapaċitajiet tagħhom mhumiex biżżejjed biex jissodisfaw id-domanda tal-Unjoni. Għalhekk, huma meħtieġa diversi sorsi ta' provvista u l-preżenza tal-importazzjonijiet Ċiniżi tat-TiO_2 fis-suq hija meħtieġa biex tippermetti l-funzjonament normali tas-suq. Utent wieħed sostna li l-industriji downstream spiss jiffaċċjaw perjodi ta' nuqqas estrem tat-TiO_2, fejn kollha tqiegħdu taħt allokazzjoni u setgħu jirċievu biss ammont limitat tad-domanda tagħhom għat-TiO_2 mill-produtturi tal-Unjoni. Barra minn hekk, ġie ddikjarat li l-importazzjonijiet Ċiniżi se jsiru sors essenzjali ta' provvista lejn l-Unjoni minħabba l-għeluq tal-impjanti fl-Unjoni. Barra minn hekk, huma sostnew li d-dazji anti-dumping jeliminaw il-provvisti miċ-Ċina u jagħmlu lill-utenti saħansitra aktar vulnerabbli għall-iskarsezzi fil-provvista esperjenzati fl-2021/2022.

(438) F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni fakkret li l-għan tad-dazji anti-dumping mhuwiex li jingħalaq is-suq tal-Unjoni għall-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat, iżda pjuttost li jiġu indirizzati l-prattiki inġusti tas-suq u jiġu restawrati l-kundizzjonijiet ekwi, li jippermettu preċiżament il-funzjonament normali tas-suq. Madankollu, anki jekk l-importazzjonijiet miċ-Ċina jisparixxu kompletament, hemm diversi sorsi ta' provvista minn bosta pajjiżi terzi oħra, li jiggarantixxu l-istabbiltà tal-provvista. Barra minn hekk, il-produtturi tal-Unjoni wrew matul l-investigazzjoni li huma ppjanati diversi investimenti mmirati lejn l-espansjoni tal-kapaċità, sakemm il-kundizzjonijiet tas-suq jiġu normalizzati. Fir-rigward tan-nuqqasijiet fil-provvista fl-2021 u fl-2022, il-Kummissjoni nnotat li l-kwistjonijiet tal-provvista f'dawk is-snin kienu kkawżati preċiżament mit-tul tal-ktajjen tal-provvista, li għalhekk ġew imfixkla ħafna mill-kriżi tat-trasport marittimu. Konsegwentement, huwa t-telf tal-kapaċità fl-Unjoni li potenzjalment jaggrava kwalunkwe nuqqas simili fil-provvista kkawżat mix-xokkijiet għall-ekonomija globali fil-futur. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-argumenti ta' hawn fuq bħala infondati.

(439) It-tieni, ċerti partijiet interessati sostnew li ż-żidiet fil-prezzijiet tat-TiO_2 ikunu ħżiena għall-inflazzjoni ġenerali fl-Unjoni, u partikolarment ta' ħsara għas-settur importanti tal-kostruzzjoni, peress li huwa industrija downstream ewlenija għall-produtturi taż-żebgħa u tal-verniċ. L-utenti sostnew li l-ispejjeż fis-settur tal-kostruzzjoni għadhom qed jiżdiedu, u huwa milqut ħażin mill-kriżi ekonomika kif inhi.

(440) Il-Kummissjoni nnotat f'dak ir-rigward li l-ebda parteċipant mis-settur tal-kostruzzjoni ma rreġistra bħala parti interessata f'din l-investigazzjoni biex joġġezzjona għall-impożizzjoni ta' dazji. Barra minn hekk, ma ngħatat l-ebda evidenza li tikkwantifika l-effett li l-impożizzjoni tad-dazji jkollha fuq is-settur tal-kostruzzjoni. Il-Kummissjoni għalhekk ċaħdet dan l-argument bħala infondat.

(441) It-tielet, diversi partijiet interessati sostnew li l-utenti u l-industriji downstream ma jistgħux jgħaddu aktar żidiet fil-kostijiet lill-klijenti tagħhom, mingħajr ma jipprovdu l-ebda evidenza ta' sostenn. Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx tivverifika l-veraċità ta' din id-dikjarazzjoni. Madankollu, jidher improbabbli li f'ambjent inflazzjonarju ġenerali, fejn il-prezzijiet qed jiżdiedu b'mod ġenerali, l-utenti ma jistgħux iżidu l-prezzijiet tagħhom biex ipattu għall-impatt minuri li d-dazji anti-dumping jista' jkollhom fuq il-kost tal-produzzjoni tagħhom. Għalhekk, il-Kummissjoni ma laqgħetx din it-talba.

(442) Ir-raba', għadd ta' utenti sostnew ukoll li jesportaw il-biċċa l-kbira tal-produzzjoni tagħhom (bħaċ-ċeramika) u, peress li jiddependu ħafna fuq it-TiO_2 fil-produzzjoni tagħhom, kwalunkwe żieda fil-kost tat-TiO_2 li tirriżulta minn din l-investigazzjoni se tpoġġihom fi żvantaġġ kompetittiv meta mqabbla mal-kompetituri tagħhom li joperaw barra mill-Unjoni u żżid ir-riskju ta' delokalizzazzjoni tal-produzzjoni downstream.

(443) Madankollu, dawn l-utenti ma pprovdewx informazzjoni verifikabbli ta' sostenn (bħat-tweġibiet għall-kwestjonarju) li tippermetti lill-Kummissjoni tiddetermina l-piż tat-TiO_2 Ċiniż fl-istruttura tal-kostijiet tagħhom u tivvaluta b'mod preċiż l-impatt fuq il-prestazzjoni tagħhom fl-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din l-affermazzjoni.

(444) Il-ħames, diversi utenti oħra, produtturi ta' masterbatches, sostnew li l-kompetituri barra mill-Unjoni se jkunu jistgħu jiksbu TiO_2 Ċiniż b'kost ħafna aktar baxx u se jkunu jistgħu jbigħu l-prodotti tagħhom lill-Unjoni b'mod aktar kompetittiv. Il-prodott tagħhom fih aktar minn [75–80] % TiO_2, u għalhekk sostnew li differenza fil-prezz ta' 50 % tagħmilhom totalment mhux kompetittivi u tista' ġġieħlhom jagħlqu l-faċilitajiet fl-Unjoni. L-industriji downstream se jsiru wkoll inqas kompetittivi fis-swieq domestiċi u tal-esportazzjoni.

(445) Il-Kummissjoni nnotat f'dak ir-rigward li l-Istati Uniti diġà għandhom dazji anti-dumping fis-seħħ kontra t-TiO_2 Ċiniż, filwaqt li l-Brażil beda investigazzjoni anti-dumping tiegħu stess f'April 2024. Swieq oħra, għalhekk, diġà qed jieħdu miżuri biex jikkoreġu l-prattiki distorsivi tal-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping. Il-Kummissjoni qieset ukoll li, anki jekk isseħħ id-devjazzjoni tal-kummerċ tat-TiO_2 miċ-Ċina lejn swieq terzi oħra u tagħmel l-industriji downstream inqas kompetittivi, dan xorta jkollu effett inqas negattiv fuq dawk l-industriji mill-għajbien tal-produtturi tal-Unjoni tat-TiO_2, li jesponi lill-industriji downstream għal nuqqasijiet fil-provvista u għal xokkijiet aġħar fil-provvista.

7.4. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(446) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti biex tikkonkludi li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li timponi miżuri provviżorji fuq l-importazzjonijiet tat-TiO_2 li joriġinaw miċ-Ċina f'dan l-istadju tal-investigazzjoni.

8. **MIŻURI ANTI-DUMPING PROVVIŻORJI**

(447) Abbażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni fir-rigward tad-dumping, tad-dannu, tal-kawżalità, tal-livell tal-miżuri u tal-interess tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri provviżorji sabiex jiġi evitat dannu ulterjuri lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

(448) Jenħtieġ li jiġu imposti miżuri anti-dumping provviżorji fuq l-importazzjonijiet tat-TiO_2 li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat, f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-livell xieraq biex jitneħħa d-dannu jenħtieġ li jkun il-marġni tad-dumping.

(449) Fuq il-bażi ta' dan li ntqal hawn fuq, ir-rati ta' dazju anti-dumping provviżorji, mogħtija skont il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazji doganali mhux imħallsa, għandhom ikunu kif ġej:

Kumpanija	Id-dazju anti-dumping provviżorju
LB group	39,7 %
Anhui Gold Star group	14,4 %
Kumpaniji oħra li kkooperaw	35,0 %
Il-kumpaniji l-oħra kollha	39,7 %

(450) Ir-rati tad-dazju anti-dumping ta' kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għaldaqstant, dawn jirriflettu l-qagħda ta' dawn il-kumpaniji kkonstatata matul din l-investigazzjoni. Dawn ir-rati ta' dazju huma esklussivament applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-pajjiż ikkonċernat u ffabbrikat mill-entitajiet ġuridiċi msemmija.

(451) L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat manifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi entitajiet relatati ma' dawk speċifikament imsemmija, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha". Dawn ma għandhomx ikunu soġġetti għall-ebda waħda mir-rati tad-dazju anti-dumping individwali.

(452) Sabiex jiġu minimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali. Il-kumpanniji b'dazji anti-dumping individwali jridu jippreżentaw fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn dik il-fattura jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha."

(453) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa biex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali fuq l-importazzjonijiet, ma hijiex l-uniku element li għandu jiġi kkunsidrat mill-awtoritajiet doganali. Fil-fatt, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jridu jwettqu l-kontrolli tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħrajn kollha, jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-trasport bil-baħar, eċċ.) biex ikunu jistgħu jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata aktar baxxa tad-dazju tkun iġġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(454) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri konċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'dawn iċ-ċirkostanzi u dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, tista' tinbeda investigazzjoni antiċirkomvenzjoni. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa tat-tneħħija ta' rata/i tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

9. REĠISTRAZZJONI

(455) Kif imsemmi fil-premessa (3), il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat soġġetti għal reġistrazzjoni. Ir-reġistrazzjoni saret bl-għan li possibbilment jinġabru d-dazji b'mod retroattiv skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku.

(456) L-ebda deċiżjoni dwar l-applikazzjoni retroattiva possibbli tal-miżuri anti-dumping ma tista' tittieħed f'dan l-istadju tal-proċediment.

10. INFORMAZZJONI FL-ISTADJU PROVVIŻORJU

(457) F'konformità mal-Artikolu 19a tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati dwar l-impożizzjoni ppjanata ta' dazji provviżorji. Din l-informazzjoni ġiet magħmula disponibbli wkoll għall-pubbliku ġenerali fuq is-sit web tad-DĠ TRADE. Il-partijiet interessati ngħataw tlett ijiem ta' xogħol sabiex jikkummentaw dwar il-preċiżjoni tal-kalkoli speċifikament divulgati lilhom ("qabel id-divulgazzjoni").

(458) Wieħed mill-produtturi esportaturi fil-kampjun issottometta kumment li jirreferi għall-metodu ta' stabbiliment tal-SG&A ta' negozjant relatat. Għall-kuntrarju ta' dak li huwa ssuġġerit mill-produttur esportatur u f'konformità mal-prattika attwali tal-Kummissjoni, l-SG&A ta' negozjant relatat ma jinkludix spejjeż bħal "Ġarr u Dazju", "Ħażna" u "Assigurazzjoni" fir-rigward tal-kalkoli tad-dumping għall-produttur esportatur imsemmi. Barra minn hekk, tliet utenti, Plastika Kritis SA, Felix, u Munksjö ssottomettew kummenti dwar id-divulgazzjoni minn qabel. Il-Kummissjoni osservat li l-ebda kumment ma kien jikkonċerna l-preċiżjoni tal-kalkoli u għalhekk se tikkunsidrahom flimkien mas-sottomissjonijiet l-oħra kollha wara l-pubblikazzjoni tal-miżuri provviżorji.

11. **DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

(459) Fl-interessi ta' amministrazzjoni tajba, il-Kummissjoni se tistieden lill-partijiet interessati jressqu kummenti bil-miktub u/jew jitolbu seduta mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċeduri kummerċjali fi żmien skadenza fissa.

(460) Il-konklużjonijiet rigward l-impożizzjoni ta' dazji provviżorji huma provviżorji u jistgħu jiġu emendati fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju anti-dumping provviżorju huwa impost fuq l-importazzjonijiet tad-diossidu tat-titanju, li għandu l-formula kimika TiO_2, fil-forom kollha, bħala ossidi tat-titanju jew f'pigmenti u preparazzjonijiet ibbażati fuq id-diossidu tat-titanju, li fih minimu ta' 80 % skont il-piż ta' diossidu tat-titanju kkalkulat fuq il-materja niexfa, li għandu t-tipi kollha ta' daqsijiet ta' partikoli, ikklassifikati taħt in-Numru tar-Reġistru tas-Servizz tal-Astratti Kimiċi (CAS RN) 12065-65-5 u 13463-67-7, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 2823 00 00 u 3206 11 00 (il-kodiċijiet TARIC 2823 00 00 10 u 2823 00 00 30) u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-rati tad-dazju anti-dumping provviżorju applikabbli għall-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, għandhom ikunu kif ġej:

Kumpanija	Id-dazju anti-dumping provviżorju	Il-kodiċi TARIC addizzjonali
LB group: — LB GROUP CO., LTD. — HENAN BILLIONS ADVANCED MATERIAL CO., LTD. — LB LUFENG TITANIUM INDUSTRY CO., LTD. — LB SICHUAN TITANIUM INDUSTRY CO., LTD. — LB XIANGYANG TITANIUM INDUSTRY CO., LTD.	39,7 %	89CB
Anhui Gold Star group: — Anhui Gold Star Titanium Dioxide (Group) Co., Ltd. — ANHUI GOLD STAR TITANIUM DIOXIDE TRADING COMPANY LIMITED	14,4 %	89CC
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw elenkati fl-Anness	35,0 %	ara l-Anness
L-importazzjonijiet l-oħra kollha li joriġinaw mir-RPĊ	39,7 %	8999

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: "Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) tal-(prodott ikkonċernat) mibjugħ sabiex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (isem il-kumpanija u l-indirizz) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi [pajjiż ikkonċernat]. Jiena niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija kompluta u korretta." Jekk ma tiġix ippreżentata fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

4. Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għall-għoti ta' depożitu ta' garanzija ekwivalenti għall-ammont tad-dazju provviżorju.

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

1. Il-partijiet interessati għandhom jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar dan ir-Regolament bil-miktub lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum kalendarju mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Il-partijiet interessati li jixtiequ jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni għandhom jagħmlu dan fi żmien 5 ijiem kalendarji mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Il-partijiet interessati li jixtiequ jitolbu seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta fi proċedimenti kummerċjali huma mistiedna jagħmlu dan fi żmien 5 ijiem kalendarju mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-uffiċjal tas-Smigħ jista' jeżamina t-talbiet sottomessi wara din l-iskadenza u jista' jiddeċiedi jekk jaċċettax dawn it-talbiet jekk ikun xieraq.

Artikolu 3

1. L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati li ma jkomplux ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet, stabbilita f'konformità mal-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1617.

2. Id-*data* miġbura fir-rigward ta' prodotti li daħlu fl-UE għall-konsum mhux aktar minn 90 jum qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament għandha tinżamm sad-dħul fis-seħħ ta' miżuri definittivi possibbli, jew sakemm jintemm dan il-proċediment.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1 għandu japplika għal perjodu ta' sitt xhur.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Produtturi esportaturi mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun

Pajjiż	Isem	Kodiċi addizzjonali TARIC
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	ANHUI ANNADA TITANIUM INDUSTRY CO., LTD.	89CO
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	CITIC TITANIUM INDUSTRY CO., LTD.	89CP
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Chongqing Titanium Industry Co., Ltd. of Pangang Group	89CQ
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	GUANGXI BLUESTAR DAHUA CHEMICAL CO.,LTD.	89CR
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	GUANGXI JINMAO TITANIUM CO., LTD	89CS
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	GUANGDONG HUIYUN TITANIUM INDUSTRY CORPORATION LIMITED	89CT
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Guangfeng Titanium Co., Ltd.	89CU
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Hebei Milson Titanium Dioxide Co.,Ltd	89CV
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Jinan Yuxing Chemical Co.,Ltd	89CW
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	KUNMING DONGHAO TITANIUM CO., LTD.	89CX
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Nanjing Titanium Dioxide Chemical Co., Ltd.	89CY
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	NINGBO XINFU TITANIUM DIOXIDE CO.,LTD	89CZ
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	PANZHIHUA DARUI TECHNOLOGY CO.,LTD.	89DA
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	PANZHIHUA DONGFANG TITANIUM INDUSTRY CO., LTD.	89DB
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	PANZHIHUA KAIHAO TECHNOLOGY CO., LTD.	89DC
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Pangang Group Titanium Industry Co., Ltd	89DD
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	SHANDONG XIANGHAI TITANIUM CO., LTD.	89DE
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	SHANDONG DAWN TITANIUM INDUSTRY CO., LTD.	89DF
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	SHANDONG DOGUIDE GROUP CO., LTD.	89DG
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	SHANDONG JINHAI TITANIUM RESOURCES TECHNOLOGY CO., LTD.	89DH
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Xuzhou Titanium Dioxide Chemical Co., Ltd.	89DI
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Yibin Tianyuan Haifeng Hetai Co., Ltd	89DJ
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	YUNNAN DAHUTONG TITANIUM INDUSTRY CO., LTD	89DK